

*Il-Martirju ta' Sant'Andrija Appostlu (Gregorio de Ferrari)*



**SOĊJETÀ FILARMONIKA L-UNJONI A.D. 1880**
'Palazz Sant'Andrija'
90, Triq Sant'Andrija,
Luqa
Tel: 21676583
**www.unionbandmalta.org**

**FESTA 2019**

**Bord Editorjali**

**Editur**
Neil Zammit

**Membri**
Joseph Piscopo
Clifford Micallef
Raoul Briffa

**Qari tal-Provi**
Neil Zammit

**Ġbir ta' Reklami**
Jake Cutajar
Clifford Micallef
Malcolm Muscat
Andrew Aquilina
James Ciappara
Joe Aquilina
Sandro Farrugia
Gareth Galdes
Tano Spiteri

**Ritratti**
Emanuel Cauchi, Massimo Cassar,
Neil Zammit, Kevin Camilleri,
Andrè Farrugia,
Roderick Bajada,
Raoul Briffa,
Joe Costa, Joseph Piscopo,
Kurt Law, Massimo Borg,
Christopher Magri,
Mark Micallef Perconte,
Fr Martin Micallef
Arkivji tal-Każin




**Ritratt tal-Qoxra**
*Statwa ta' Sant'Andrija, xogħol tal-iskultur Vincenzo Cardona*

Messaġġ mill-President ........ 11
L-Istorja tkompli tinkiteb … ........ 23
Messaġġ tal-Kaxxier ........ 31
Il-Mużika ........ 35
"Ejjew u taraw!" (*Ġw1,39*) ........ 43
Inizjattiva li tkompli tgħin lis-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni ........ 51
Kisbiet u Suċċessi ........ 55
Ħidmet is-Sezzjoni Armar ........ 59
Erġajna rrankajna … ........ 71
Messaġġ mis-Sezzjoni Nisa Ajklieri ........ 83
Ħidmet is-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri ........ 87
Radju Sant'Andrija ........ 97
Leħen is-Soċjetà fuq il-mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali ........ 99
Rispett u Għaqda bejn is-Soċjetajiet ........ 101
Festa Liturġika ad unur Sant'Andrija Appostlu ........ 105
Minn Ħal Luqa għal Melbourne …u lura! ........ 111
Il-Filarmonika *L'Unione* ........ 117
Wirja Spettakolari u Presepju Statiku ........ 129
Family Concert ........ 133
Manutenzjoni fil-Każin matul is-sena … ........ 137
Il-Banda *L'Unione* f'Ħadd il-Palm ........ 141
Sehem il-Filarmonika *L'Unione*
fil-Purċissjoni Solenni tal-Ġimgħa l-Kbira ........ 143
Recording ta' Marċi Funebri ........ 145
Iter Passionis ........ 151
Żjara minn Delegazzjoni tal-Parlament Sqalli ........ 153
Il-Maestro Antonino Oddo mill-ġdid f'Ħal Luqa ........ 155
Movies in Concert ........ 157
L'Unione u l-1880 … marbuta fl-istorja bla mittiefsa ........ 179
Il-Planċier Artistiku Ġublew tad-Deheb 1969-2019 ........ 185
Għotja tal-Uniformi tal-Banda mill-Familja Camilleri ........ 203
Il-Filarmonika *L'Unione* fl-1894 ........ 205
Għeluq il-Mitt Sena mit-Twelid ta' Emvin Cremona ........ 209
Il-Pedestall tal-Anġlu… ........ 213
Il-Marċ Popolari *Valley of Roses* jagħlaq 75 sena ........ 219
Xbieha Antika ta' Sant'Andrija tal-Iskultur Vincenzo Cardona ........ 221
Is-Sedji tal-Kor il-Qadim fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa ........ 223
Tliet Mitt Sena mit-Twaqqif tal-Fratellanza
tal-Madonna taċ-Ċintura f'Ħal Luqa ........ 227
Joseph Abela Scolaro Surmast tal-Filarmonika *L'Unione* ........ 237
It-Tempju Andrean ikompli jissebbaħ ........ 243
Memorji Sbieħ ta' Ħames Snin Ilu… ........ 253
Is-Soċjetà *L'Unione* wara t-Tieni Gwerra Dinjija ........ 254
Is-Surmast Gaetano Grech ........ 258
L-Ewwel Kappillani tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa ........ 260
Dun Renè Camilleri ........ 263
L-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca ........ 266
Vokazzjoni Museumina ........ 267
Luqa Saint Andrew's Football Club ........ 269
Luqa Youth Nursery ........ 270
L-*Air Scouts* ta' Ħal Luqa ........ 272
Luqa Youth Centre ........ 274
Tislima lil
Frankie Ciappara ........ 278
Patri Timotju Azzopardi O.Carm ........ 280
Carmelo Psaila ........ 281
Lino Cremona ........ 282
Renzo Gauci ........ 283
Obitwarju ........ 285
Sant'Andrija ........ 287
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni ........ 288

Thomas Smith
Insurance Brokers

# WE'RE INSURANCE BROKERS THAT SAVE YOU TIME & MONEY!

Whatever form of insurance you're looking for, we'll source the right policy with the right company and at the right price for you.

HOME
BUSINESS
MOTOR
TRAVEL
HEALTH
MARINE
LIFE




**Opening hours**
Monday to Friday – 08:00 to 17:00

Thomas Smith Insurance Brokers Ltd,
1, War Victims Square, Luqa LQA 1010

**79015959**
**22058580**
**info@tcsinsurancebrokers.com**

www.tcsinsurancebrokers.com

Find us on: facebook

Thomas Smith Insurance Brokers Ltd is authorised to carry out business of Insurance Broking by the Malta Financial Services Authority.





# Kumitat 2019-2020

**Presidenti Onorarji**
L-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, *President Emeritu ta' Malta*
L-E.T. Mons. Pawl Cremona O.P., *Arċisqof Emeritu ta' Malta,*
Dott. Manuel Mallia *L.L.D.,* Lino Abela Scolaro, Carmel Spiteri, Salvu Spiteri, Joe Mizzi, Carmelo Penza, Charles Camilleri, Twanny Camilleri, Carmelo Camilleri, Emmanuel Magri, Joe Faenza, Antoinette Fava (née Camilleri), Valerio Camilleri

**Membri Onorarji**
Donna Carmen Vella Haber, Joseph Brincat, John Camilleri, Twanny Ellul, Francis Costa, Alex Spiteri, Paul Fiorentino, Dr Jamie H. Cremona, Charles Cremona, Paul Cremona, Raymond Penza, Joseph Camilleri, Mario Cardona, Andrew Vella, Andrew Cassar, Anthony Brincat, Lorry Sammut, Andrew Camilleri, Patrick Muxi, Pawlu Abdilla

**Surmast Emeritus**
Prof. Charles E. Zammit Ph.D.

**Segretarju**
James Ciappara

**President**
Joseph Piscopo
*B.Accty(Hons), CPA, FIA, M.Sc.*

**Kaxxier**
Clifford Micallef

**Asst. Segretarju**
Josef Sacco

**Viċi President**
Lawrence Cassar

**Asst. Kaxxier**
Malcolm Muscat

**Arkivista**
Neil Zammit *B.Accty (Hons), CPA, MIA, A.L.C.M, A.Mus.L.C.M, L.Mus.LCM, A.L.C.M (Comp.)*

**Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi**
Raoul Briffa

**Kuratur**
Andrew Aquilina

**Assistent Surmast u Direttur Tagħlim Mużikali**
Norbert Camilleri *A.L.C.M, L.V.C.M. L.Mus, L.C.M. Dip. Sacred Music*

**Avukat tas-Soċjetà**
Dr Geoffrey Vella *LL.D*

**Direttur Spiritwali**
Wisq Rev. Kan. Michael Zammit

**Delegat tal-Banda**
Joseph Bezzina
*B.Ed (Hons), MA (Leeds)*

**Surmast Direttur**
John D. Zammit
*F.V.C.M., F.G.M.S., L.L.C.M., (T.D.) A.Mus. L.C.M., A.L.C.M.*

**Għalliema tal-Allievi**
Victor Borg
Renè Barbara

*Il-Bottegin tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni*
*Lawrence Cassar u l-familja*
*jawguraw il-Festa t-Tajba lill-Ħalluqin kollha,*
*b'mod speċjali lill-Partitarji Ajklieri.*

*Il-bar ikun miftuħ kuljum*
*mit-3.00pm 'l quddiem fost il-ġimgħa*
*u l-ġurnata kollha Sibtijiet, Ħdud u festi.*

*Joffri appitiżers ġenwini u jiġu organizzati*
*ikliet bejn il-ħbieb bħal fenkati u riċevimenti*
*bi prezzijiet raġonevoli.*








T. SPITERI



MINI READY-MIX
& MATERIAL TRANSPORT
Mob. 7906 3000



# Messaġġ mill-President

**Joseph Piscopo**
*B.Accty (Hons.), MIA, CPA, M.Sc.*



Għeżież Ħalluqin,

Għal sena oħra qed nippreżentaw dan il-ktieb tal-festa mimli informazzjoni dwar il-ħidma tas-Soċjetà u diversi artikli u messaġġi marbuta mal-festa u mar-raħal tagħna. Minn dan il-ktieb annwali wieħed jista' japprezza kemm is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni hi waħda attiva u kemm qed tagħmel l-almu kollu tagħha sabiex tkompli tkun waħda mis-soċjetajiet mużikali ewlenin f'pajjiżna.

Mill-festa ta' sena ilu sakemm qed nikteb dan il-messaġġ annwali, il-Banda L-Unjoni għaddiet minn żewġ esperjenzi pjuttost uniċi. F'Diċembru li għadda fuq stedina tal-ex-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca, kellna l-privileġġ li nkunu magħżula sabiex intellgħu kunċert fl-iktar Palazz importanti fi Sqallija, il-Palazz Irjali u li fih jiltaqa' l-Parlament Reġjonali ta' Sqallija. Matul din il-mawra kellna wkoll żjara fil-Municipio ta' Palermo li għaliha attenda s-Sindku ta' Palermo Leoluca Orlando. Kienet okkażjoni ferm sabiħa tara l-bandiera Maltija tperper mal-bini tal-Municipio b'sinjal ta' rispett lejn iż-żjara tal-Banda tagħna. Ovvjament l-attività prinċipali kienet kunċert b'mużika Maltija u Taljana li sar fis-*Sala Gialla* tal-istess Palazz. Minn din il-paġna nirringrazzja lill-eks President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca tal-fiduċja li dejjem kellha fis-Soċjetà tagħna, liema fiduċja ġiet reċiprokata billi ġiet maħtura bħala President Onorarja tagħna.

Fi żmien tliet xhur kellna attività oħra kbira; kunċert li sar fis-Sala Repubblika ta' Dar il-Mediterran, liema kunċert attendew għalih 1,400 persuna. Din kienet l-ogħla udjenza li qatt kellna għal kunċert mużikali mtella' mill-Banda tagħna. L-idea ta' dan il-kunċert kienet li nkabbru fuq dak li sar fis-sena 2017 fil-Palazz ta' San Anton. Permezz ta' dan il-kunċert urejna li mhux vera li n-nies ma jħobbux il-baned. Però importanti li l-prodott offrut ikun mtella' b'mod professjonali u jiġġustifika l-ħlas. Kien riskju kbir għalina meta tqis li fi snin riċenti l-ebda banda ma' tellgħet kunċert f'dan it-teatru. Impossibbli nsemmi lil dawk kollha nvoluti fil-preparazzjoni għal dan il-kunċert u għalhekk nirringrazzja b'mod ġenerali lil dawk li taw sehemhom, b'mod speċjali lill-mużiċisti tagħna li qamu għall-okkażjoni u wrew li l-baned possibbli li jaslu, basta jkun hemm l-impenn li noħorġu 'l barra minn ċertu mentalità. Ta' min jgħid li f'dan il-kunċert taw sehemhom madwar disgħin mużiċist, ħamsin korist u madwar ħamsin tifel u tifla. Dan apparti il-ħafna




**MONDAY TO FRIDAY 9:30am - 7:00pm**
**& SATURDAY 9:30am - 1:00pm**

**21220610**

40, INDUSTRIAL ESTATE LUQA, LQA 3000
WWW.CONSTRUCTFURNITURE.COM.MT






GAUCI BORDA & CO. LTD.

36, Ta' Xbiex Sea Front, Msida MSD 1513
53/54, Msida Road, Yacht Marina, Gzira GZR 03 GZR 1400
Tel: (+356) 21 334 255 • Fax: (+356) 21 343 604
E-mail: info@gauciborda.com

# PHOENICIA

## BAR & TAKE AWAY

**Church Square, Luqa Tel: 2166 3526**



Għal ħobż biż-żejt,
timpana,
ħobż bil-laħam u
ħobż bil-bacon.

Miftuħ
mit-Tnejn sal-Ħadd.

Il-Ġimgħa, is-Sibt
u l-Ħadd għal
drinks u appetizers.

nies wara l-kwinti b'xogħol fuq *marketing*, viżwali, dwal eċċ. Dan il-kunċert kien biss possibbli minħabba l-appoġġ tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat li permezz ta' diversi skemi li joħroġ matul is-sena jgħin l-għaqdiet volontarji fl-attivitajiet tagħhom.

Hekk kif qed noqorbu lejn il-140 sena mit-twaqqif tal-ewwel għaqda mużikali f'Ħal Luqa hu importanti li nżommu fil-memorja tagħna lil dawk kollha li ħadmu b'risq is-Soċjetà. Kull darba li nara xi filmati ta' snin passati marbuta mal-ħidma tas-Soċjetà u l-festa, niftakar f'kemm nies iddedikaw enerġija u ħidma sabiex isostnu s-Soċjetà. Għalhekk tajjeb li napprezzaw dak kollu li dawn ħallewlna fi żminijiet li kienu ferm iktar diffiċli mil-lum il-ġurnata.

Kif se taqraw iktar 'il quddiem f'dan il-ktieb, din is-sena qed infakkru l-50 sena mir-ridekorazzjoni tal-planċier tal-Banda, kif ukoll il-25 sena mill-inawgurazzjoni tal-pedestall tal-Anġlu. Dawn huma żewġ opri artistiċi li jżejnu l-misraħ tagħna fil-ġranet tal-festa u saru bil-ħeġġa tal-membri tagħna. Il-programm mużikali tal-festa ta' din is-sena se jkun qed ifakkar dawn l-anniversarji speċjali għalina. Ta' min jgħid li din is-sena diversi partijiet ta' dan il-planċier kienu restawrati ħalli għal din l-okkażjoni dan il-planċier ikollu d-dehra li tixraqlu.

Barra dan ix-xogħol ta' restawr, din is-sena s-Sezzjoni Armar se żżanżan tliet pavaljuni ġodda għal Triq Dun Pawl kompluti bil-pittura, filwaqt li s-Sezzjoni Żgħażagħ se żżanżan numru ta' pavaljuni għal Triq San Ġorġ. Is-Sezzjoni Żgħażagħ kienet ferm attiva matul din is-sena b'ħafna ħidma sabiex iżżomm il-ħajja fis-Soċjetà iktar attiva u b'aktar preżenza ta' żgħażagħ. Persważ li bl-enerġija ta' dawn iż-żgħażagħ il-marċi tagħna għandhom ikomplu jkunu iktar kuluriti.

Din is-sena kienet l-ewwel sena ta' ħidma piroteknika wara li rġajna ftaħna l-post tan-nar tagħna fit-3 ta' Ġunju 2018. Hemm programm vast ta' nar ippreparat li għandu jagħti gost lil dawk kollha li jżuruna fil-ġranet tal-festa. Minn din il-paġna nirringrazzja lil dawn il-membri li matul is-sena jkunu għaddejjin bil-preparazzjonijiet neċessarji għall-ġranet tal-festa. Ta' min jgħid li bis-saħħa ta' skema maħruġa mill-Kunsill Malti għall-Arti komplejna bl-investiment fil-kamra tan-nar tagħna sabiex ċertu proċessi waqt il-manifattura tax-xogħol tan-nar isiru b'mod iktar sigur.

Investiment ieħor qiegħed isir fis-swali tal-Palazz tas-Soċjetà sabiex dan ikompli jisbieħ. Din is-sena tkompla x-xogħol ta' tisbiħ f'waħda mis-swali tagħna u wara l-festa hu ppjanat li jkompli x-xogħol permezz ta' pavimentar ġdid li jixraq għal dawn it-tip ta' swali. Akkwist ieħor għas-Soċjetà kienet id-donazzjoni ta' statwa antika, xogħol l-artist Sqalli Vincenzo Cardona, mogħtija mill-familja tal-mibki eks President Ġakbu Ciappara. Sadanittant, din is-sena, se tkun irregalata lis-Soċjetà uniformi tal-banda tagħna tas-sena 1923 tal-mibki bandist u kaxxier Thomas Camilleri. Din se tiġi rregalata minn uliedu.

Minn din il-ħarsa ħafifa lejn il-ħidma ewlenija li kellna wieħed japprezza kemm is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni, għalkemm hi għaqda volontarja, tagħmel dak kollu li tista' sabiex mhux biss iżżomm it-tradizzjoni imma wkoll tidħol għal sfidi ġodda. Dan jista' jsir biss bil-ħidma ta' diversi persuni kemm mil-lat amministrattiv u kemm mil-lat organizzattiv. Wieħed irid japprezza li sabiex jinkisbu ċertu fondi jkun hemm ħafna xogħol ta' preparazzjoni, applikazzjonijiet, rapporti eċċ, liema xogħol kultant jieħu ammont konsiderevoli ta' ħin. Però, bis-saħħa ta' dawn l-opportunitajiet, l-għaqdiet volontarji jkunu jistgħu jikbru u jimirħu 'l quddiem.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nagħti l-awguri għal festa sabiħa lill-membri,

DAR SERVICES LIMITED

FOR YOUR SECURITY & COMFORT

- INTRUDER ALARMS
- CCTV SYSTEMS
- FIRE ALARMS & FIRE DOORS
- FIRE EXTINGUISHERS
- AIR CONDITIONING

info@darservicesmalta.com 7900 3388
www.darservicesmalta.com 2166 8022



Jake's
Chairs & Tables
FOR HIRE
Mob: 99471862
79471862

- Holy Communion Parties
- Confirmation Parties
- Birthday Parties
- Baptism Parties
- B.B.Q.'s
- Bars
- Bistro Tables
- Band Clubs
- Feasts


(Everything is in good condition)




WE DO DELIVER TO EVERY VILLAGE IN MALTA



TAKE OFF
Bar & Restaurant
Tel: 2180 0243
Luqa, Malta

bandisti u lill-Ħalluqin kollha. Nawgura u nirringrazzja wkoll lil W.R. Kappillan u Kleru, kif ukoll lis-Sindku u lill-kunsilliera kollha. Persważ li flimkien se niċċelebraw festa sabiħa, festa li tagħmel ġieħ lilna bħala Ħalluqin u lill-Patrun tagħna Sant'Andrija Appostlu. Finalment nirringrazzja lil dawk kollha mpenjati sabiex iżommu lis-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni ħajja u attiva tul is-sena kollha.

Viva l-Filarmonika l-Unjoni

Viva Sant'Andrija


Il-President u l-Kumitat

tal-Filarmonika

*L'Unione*

jawguraw lil kulħadd

il-festa t-tajba

Viva Sant'Andrija

35 YEARS ANNIVERSARY

# eretric ltd

Importers & Distributors Of Auto-Marine Electrical Parts & Accessories

Tel: 21 665642 / 21 821769

Luqa

*Brands that make us proud*

HC CARGO® AnSor Car Switch NAGARES ERA Dasteri ZM FERVE THE BATTERY LIFE EVAL J-B WELD

BOSMA® for better life MARCO FLUID TECHNOLOGY CETEOR THE BOOST MAKER CRISTEC l'énergie embarquée MONÉA MOBILETRON intAct Battery Power




KARAVAN
Kebab - Grill - Salad - Pizza
Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Ħal Luqa
Take Away
+356 21 803 117
call order pickup
www.karavan.com.mt


BERNARD
ta' Twanny
Tal-Ħaxix
Fil-pjazza ta' Ħal Luqa
KULJUM
Għall-aqwa kwalità ta'
ħaxix u frott



# L-Istorja tkompli tinkiteb …

**James Ciappara**
*Segretarju*



Meta l-ħidma tkun kontinwa u jkollok it-tmun tal-kumitat jaħdem bla heda u jkun ta' eżempju għal sħabu l-oħra, żgur li dak li tippjana jkun jista' jitwettaq u jinkiteb fl-istorja tas-Soċjetà. Din is-sena nista' ngħid li kellna żewġ okkażjonijiet mill-aqwa u nista' ngħid b'wiċċi minn quddiem li fit-tnejn li huma ħriġna ta' nies u żgur li komplejna kabbarna l-isem ta' din is-Soċjetà tant għażiża għalina.

Hawn nista' nibda nitkellem dwar il-Banda tagħna, fejn din is-sena żgur li l-bandisti żammejnihom impenjati iżjed mis-soltu. Dan peress li f'Novembru, bħalma jsir is-soltu nżamm il-marċ tradizzjonali ta' Sant'Andrija fil-festa liturġika fejn għall-ewwel darba iżżanżnet l-istatwa ta' Sant'Andrija li nġiebet mill-Awstralja, xogħol il-bravu Michael Camilleri Cauchi. Fil-bidu ta' Diċembru bħas-snin l-imgħoddija nżamm il-*Family Concert* ġewwa l-iskola primarja tar-raħal, li għal darba oħra kien hemm attendenza tajba ħafna għalih.

Kif jafu ħafna, il-Banda tagħna telgħet iddoqq ġewwa l-belt ta' Palermo bejn it-13 u s-16 ta' Diċembru 2018, fejn tlajna nirrappreżentaw lil pajjiżna f'isem l-Eċċ. Tagħha l-President ta' Malta. Din kienet mawra mill-isbaħ u ġejna stmati ħafna kull fejn daqqejna u attendejna, sew ġewwa l-Palazz Irjali, sew għand is-Sindku tal-Belt, kemm ġewwa l-Parlament kif ukoll fit-toroq sbieħ ta' din il-belt fejn il-banda daqqet marċi fost iċ-ċapċip tal-pubbliku preżenti.

Il-banda ma waqfitx hawn għax eżatt kif waslet minn din il-mawra bdew il-kunċerti għall-avveniment il-kbir. Dan peress li fit-23 ta' Marzu nżamm kunċert kolossali ġewwa Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, fejn f'sala ppakkjata ndaqqu siltiet ta' mużika tal-films li dawk preżenti iddeskrivewh bħala eċċezzjonali u vera hekk kien għax l-udjenza ma riditx tieqaf iċċapċap għal kull biċċa mużika li ndaqqet.

Għalhekk fil-bidu ktibt li l-istorja tkompli tinkiteb. Dawn huma l-affarijiet li jgħollu l-isem tas-Soċjetà tagħna. Ta' dan kollu ma nistax ma nirringrazzjax lil dawk kollha li għamlu l-almu tagħhom sabiex dawn is-suċċessi saru realtà; lis-Surmast, bandisti, sħabi tal-kumitat u l-voluntiera kollha.

Nista' ngħid li f'dawn l-aħħar snin fis-Soċjetà qed tirrenja arja pożittiva ta' ħidma u għaqda li qabel forsi kienet kemxejn nieqsa. L-għaqdiet fi ħdan is-Soċjetà qed jgħinu aktar lil xulxin f'dak kollu li jkun hemm bżonn; tan-nar, tal-armar, iż-żgħażagħ, in-nisa


The new MM Legacy collection
TESOR
JEWELLERY & GIFTS
Unique as you are
Tesor Jewellery & Gifts
Carmel Street, Luqa LQA 1131
T: +356 21 257 507
E: info@tesor.com.mt
W: www.tesor.com.mt
MI MONEDA


vertibus®
lifts • escalators
ADVENT LIFTS SERVICES LTD
Manufacturing Lifts Around Your Needs
MANUFACTURING LIFTS AROUND YOUR NEEDS
SUPPLY AND
INSTALLATION OF:
Panoramic Lifts
Platform Lifts
Parking Systems
Dumbwaiters
Escalators
Hydraulic Lifts
Traction Lifts
Goods Lifts
Car Lifts
Commercial Lifts
Home Lifts
Industrial Lifts
Reduced Pit
Low Headroom
Steel Structures
Maintenance
Address:
MRA048D
Industrial Estate
Marsa, MRS 3000
Malta
General Enquiries:
2248 7100
Sales and Installations:
2248 7123 / 5
Repairs and Maintenance:
2248 7122
enquiries@adventliftsltd.com
www.adventliftsltd.com
BNI
MORIS
OFFICIAL AGENT



# TA' MATTI

Għal kull xorta ta' Ġwież,
Bexx, Sulfalt, Demel artifiċjali u prodotti Agrikoli
ta' l-aqwa kwalità
irrikorri għand:-

**ALEX AZZOPARDI**

Ġużeppi Penza Street, Luqa.

**Tel: 2180 9348 - 2166 3593 • Mob: 7971 0498**



**Philip Agius & Sons Ltd.**

Ta' Maksar • Contractors

- *Excavation Works*
- *Road Works*
- *Civil Engineering Works*
- *Suppliers of Ready Mix Concrete*
- *Suppliers of Recycled Materials*

**The Plant, Mdina Road**
**Żebbuġ ZBG 4103**
**Tel: 2146 5758**
**Fax: 2146 3835**
**Mob: 9949 3551**
**Email: marius@maksar.com**

u r-radju. Lil dawn kollha ngħidilhom grazzi minn qalbi għal dak kollu li jagħmlu għal din is-Soċjetà għax bis-saħħa tagħhom nibqgħu mexjin ’il quddiem u dejjem inkunu ta’ eżempju tajjeb għal ħaddieħor. Grazzi lil dawn kollha tax-xogħol kollu li għandhom ippreparat għall-festa.

Din is-sena l-kumitat ħadem ukoll sabiex sebbaħ il-kamra tal-kumitat, sar tisbiħ ukoll fis-sala ta’ barra li d-dehra tagħha nbidlet kompletament. Sar restawr fuq l-arkivju l-antik u sar restawr ukoll fuq il-*fireplace* li hemm taħt l-inkwatru ta’ Sant’Andrija. Iċċaqalqet ukoll il-banka tal-lottu, mill-kamra li nafuha fl-imgħoddi issa qiegħda ġewwa l-każin, fejn l-istess kamra qed tintuża għal skopijiet oħra li jkollna matul is-sena. Grazzi ta’ dan kollu jmur l-ewwel u qabel kollox lill-kuratur tal-każin għax ma jiqafx jaħdem mingħajr ħafna daqq ta’ trombi u lil dawk il-voluntiera kollha li għenu sabiex dan kollu seta’ jsir.

Kif rajtu ħidmet il-kumitat qatt ma tieqaf; ħidma li nista’ ngħid li diġà bdiet għas-sena d-dieħla. Din is-sena wkoll inżammet is-Seduta Ġenerali u fost l-oħrajn nixtieq nirringrazzja lil dawk il-membri li kienu fil-kumitat u llum m’għadhomx, għax-xoghol siewi li għamlu kemm damu fl-istess kumitat u nista’ ngħid li għadhom jaħdmu sal-lum għall-ġid tal-każin.

Nagħlaq billi nirringrazzja lil sħabi kollha tal-kumitat speċjalment lill-ħabrieki President tagħna għax-xogħol kbir li huwa jagħmel kif ukoll lill-Kaxxier, l-Arkivista, id-Delegat tal-Banda u l-Assistent tiegħi għax-xogħol li jagħmlu minn qalbhom sabiex jaraw lil din is-Soċjetà tilħaq il-quċċata.

Fl-aħħar nagħlaq dan il-messaġġ billi nawgura l-Festa t-tajba lil-Ħalluqin kollha, speċjalment lil dawk il-morda u dawk li qegħdin rikoverati f’xi sptar. Jalla jkollna festa kbira li biha npaxxu lil dawk kollha li jżuru r-raħal tagħna b’dak kollu li se nkunu qegħdin noffru fil-Festa tagħna ad unur il-Kbir Patrun Sant’Andrija.

VIVA L-EWWEL BANDA L-UNJONI

VIVA L-EWWEL APPOSTLU SANT’ANDRIJA

# LUQA SA SUMMER CAMP 2019

## No matter what skill you have, come and join us for this year's Summer Football Training

**Under the supervision of Head Coach Rigers CEKA**

- On the following dates: 2,9,16,23,30th July 6,9,20th August

- For Boys & Girls born between 2015 - 2008

Lots of fun for all and football training based on:

- Speed
- Agility
- Balance
- Coordination

Price: €50 for 8 sessions
Contact : mob 99231163 or send message on our Facebook page LUQA SA FC








# Luxury Soap

## Refillable Detergents by the tap




*Triq Ġużeppi Ellul,*
*Ħal Luqa*

**Opening Hours:**
Monday, Tuesday, Thursday, Friday:
08:00 - 19:00
Wednesday, Saturday:
08:00 - 13:00

*LuxurySoapLuqa*

Mob: 99577499



# Messaġġ tal-Kaxxier

**Clifford Micallef**



Il-festa reġgħet waslet u permezz ta' dan il-messaġġ inkun nista' nagħti daqqa t'għajn lejn is-sitwazzjoni finanzjarja tas-soċjetà u kif intefqu l-flus matul dawn l-aħħar tnax-il xahar.

Kif tafu sew, mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn, il-kumitat kien impenjat ferm biex isem il-Banda tagħna jibqa' jżomm postu fil-quċċata. Kellna x-xorti li f'Diċembru li għadda mmorru Sqallija, proprju ġewwa l-Belt ta' Palermo sabiex hemm il-Banda tagħna ddoqq fil-Palazz Irjali. Grazzi lill-Eċċ. Tagħha l-President Emeritu Coleiro Preca ta' din l-opportunità hekk sabiħa.

Wara s-suċċess kbir li kellna s-sena l-oħra bil-kunċert *Movies at the Palace*, il-Kumitat, taħt it-treġija għaqlija tas-Sur Joseph Piscopo, iddeċieda li japplika għall-fond li ġie mniedi mill-*Voluntary Organisations Projects Scheme*, biex fost affarijiet oħra nagħmlu kunċert grandjuż ieħor, din id-darba fis-sala ta' Dar il-Mediterran għall-Konferenzi. B'sodisfazzjon kbir, dan il-proġett intgħażel mill-Bord tal-għażla u għaldaqstant bdiet ħidma kbira biex dan il-proġett seta' jitwettaq. M'għandniex xi ngħidu, biex torganizza kunċert ta' dan il-livell, trid ħafna xogħol imma wkoll ħafna flus u minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-President tas-Soċjetà tagħna, li kien il-mutur ewlieni li kkoordina din il-ħidma kbira biex din il-ħolma setgħet titwettaq. Ta' min jgħid li l-ebda banda f'Malta ma rnexxielha tagħmel kunċert ta' dan il-livell fl-akbar sala li teżisti Malta, quddiem udjenza ta' elf u erba' mitt ruħ li mlew kull siġġu disponibbli fis-sala.

Rigward is-servizzi tal-banda barra mir-raħal, bi pjaċir ninnota li din is-sena l-Banda reġgħet ħarġet bl-unuri imma l-ispiża kienet waħda kkontrollata u m'għamilna l-ebda telf. Dan sar bil-ħidma sfiqa tad-delegat tal-banda, kif ukoll bl-għajnuna u l-parteċipazzjoni tal-maġġoranza tal-bandisti tal-post. Il-ġabra għall-banda matul il-ġranet tal-festa kienet waħda sodisfaċenti u li permezz tagħha koprejna kważi l-ispiża kollha tas-servizzi matul il-festa. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lis-Sur Anton Gatt tal-għajnuna tiegħu fil-ġbir matul il-ġimgħa tal-festa.

Mill-bqija bħas-snin l-imgħoddija tkompla ħafna xogħol ta' tisbiħ u manutenzjoni fil-każin, biex dan jibqa' jinżamm fi stat tajjeb u kif jixraq lil din is-Soċjetà hekk glorjuża. Dan ix-xogħol jista' jsir biss bl-għajnuna tagħkom il-membri u wkoll permezz ta' diversi skemi ta' fondi li joħorġu mill-gvern u entitajiet diversi, li jtaffu ftit mill-ispiża.



Malcolm Mifsud
Funeral Service 24 Hr
Coffin Makers & Importers
37, Bird of Paradise
Triq Ċensu Decadia, Luqa
Tel: 2782 29705
Mob: 9987 4970




MG LINEA MODA by Mary Tabone
SALE
50% OFF
MG HOME INTERIORS
Mgarr Road
Xewkija Gozo
21550574
Monday - Friday: 9am - 1pm
4pm - 7pm
Saturday: 9am - 1pm
St Thomas Street
Luqa
(Opposite Lidl)
21420540
Monday - Saturday:
9am - 7pm



Nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat, lis-sezzjonijiet kollha, lis-surmast u l-assistent surmast u lill-bandisti kollha tal-post tal-għajnuna li dejjem insib mingħandhom matul is-sena. Nagħlaq bl-appell tas-soltu, dak tal-għajnuna u l-ġenerozità tagħkom fil-ġbir speċjalment fil-ġimgħa tal-festa. Nappella lilkom biex tattendu għall-attivitajiet li ntellgħu. Il-preżenza tagħkom tkompli timliena bil-kuraġġ u ħegga biex inkomplu ngħollu isem is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni A.D.1880.


# O.K. Bar



Għal drink ġenwin
b'varjetà ta' *appetizers*
f'atmosfera tal-ħbieb

Inservu *breakfast* u *lunch, pasta dishes, focaccias* u ħafna ikel ieħor.

**Taħt sidien ġodda**
**u b'dehra aħjar**
**Tel: 21820778**

**TRIQ IL-KARMNU, LUQA**



# Il-Mużika

## *L-Arti Dinamika fl-Iżvilupp Uman*

**John David Zammit**
F.V.C.M., F.G.M.S., L.L.C.M., (T.D.) A.Mus. L.C.M., A.L.C.M.
*Surmast Direttur*



Aktar ma l-bniedem qiegħed javvanza fuq din il-pjaneta, aktar qed jagħraf l-importanza assoluta tal-mużika fil-ħajja tiegħu. Bħala lingwa internazzjonali, il-mużika tmiss l-emozzjonijiet tal-bnedmin kollha f'kull età. Dan għaliex il-mużika hija forza maġika li tgħin lill-bniedem fil-problemi kollha ta' ħajtu, fl-iżvilupp tal-intelliġenza u fl-istudji kollha li jagħmel. Il-mużika tgħin ħafna fis-serħan tal-moħħ, tal-ġisem, tar-ruħ, u hija wkoll waħda mill-aqwa tipi ta' rikreazzjoni. L-arti anġelika tal-mużika ġġib ferħ, paċi u kuntentizza. Ir-rwol tal-mużika, li twieldet mal-ħolqien tal-pjaneta tagħna, hu li tferraħ u tgħaqqad lill-bnedmin u l-ġnus kollha ta' rieda tajba.

Ħafna huma dawk l-għorrief mill-passat jew mill-preżent, fosthom Socrates, Platun, Aristotle, Confucius, Suzuki, Einstein, Shaw, Snyder, Moog, Salaman u Nietzche, li jgħallmuna dwar l-importanza assoluta tal-mużika bħala wieħed mill-aqwa valuri fil-ħajja tal-bnedmin kollha.

B'mod l-aktar espressiv, il-mużika tasal biex issebbaħ kull attività fil-kulturi kollha. Bil-virtù tal-qawwa tagħha, il-mużika ġġib sodisfazzjon fiżiku, mentali u emozzjonali, u għalhekk hija tal-aktar importanza biex teduka lit-tfal fil-mixja akkademika tagħhom. Dan hu proprju wieħed mill-iskopijiet prinċipali li għalih teżisti s-Soċjetà Filarmonika l-Unjoni li qiegħda hawn proprju biex tgħallem il-mużika lil tfal ta' kull età fl-ogħla livell bandistiku.

Il-mużika hija essenzjali l-aktar għaliex għandha importanza speċjali fil-ħajja tat-tfal kollha, hi x'inhi l-età. Hi tgħin lit-tfal biex jidraw jikkonċentraw u jiżviluppaw l-abbiltajiet soċjali u intellettwali tagħhom. Hawnhekk nixtieq nikkwota l-kitba filosofika tal-mużiċist, kompożitur u għalliem tal-mużika Indjan Ravi Shankar li twieled fl-1920 u kien popolari ferm fl-Amerika matul is-snin 50 u 60. Shankar jghid hekk: "It-tradizzjoni tagħna (il-poplu Indjan) tgħallimna li l-ħoss huwa Alla – NADA BRAHMA. Dan ifisser li l-ħsejjes u l-esperjenza mużikali huma passi li jwasslu għar-realtà tal-ħajja. Ana nħarsu lejn il-mużika bħala dixxiplina spiritwali li twassal lill-bniedem għal paċi assoluta, kuntentizza u ferħ kbir. L-akbar skop tal-mużika tagħna huwa li din tirrivela l-essenza tal-univers li hija stess tirrifletti. Hekk, bis-saħħa tal-mużika wieħed jista' jikkomunika aktar ma' Alla". Ħafna għorrief jaqblu li l-mużika għandha konnessjoni diretta mal-


AG WATERPROOFING SERVICES
We offer the Best Prices on HIGH QUALITY Waterproofing Membrane Materials & Services
Find us on
10 Years Guatantee
We specialize in:
Waterproofing for roofs, wells, terraces, basements, damproofing (appoġġi), balconies, roof gardens & anti-mould problems (moffa)
Immediate Reliable Service with Certificate on 10 Years Guarantee
Products applied in compliance with European standards
For a FREE QUOTATION in 48Hrs call us on 9987 9221 | 2180 3043
2, Triq tal-Ħabaq, Luqa • E-mail: alexgrech.waterproofing@gmail.com


DLEDS
DOMESTIC & COMMERCIAL SERVICES - ELECTRICAL & PLUMBING INSTALLATIONS
THREE PHASE & SINGLE PHASE INSTALLATION - DRAINAGE MAINTENANCE & INSTALLATION
WATER HEATERS & PUMPS INSTALLATIONS - FAULT FINDING & WATER PRESSURE TESTING
INTERCOM INSTALLATIONS - GYPSUM WORKS
DYLAN SPITERI
facebook.com/DLEDS2016
Email: dledsmalta@gmail.com
Mob: +356 7966 3535





V. Spiteri

VSS

& Sons Ent. Ltd.







TRANSPORT SERVICE: Fully Air Conditioned Vehicles

- Open Top Buses
- Coaches
- Midi Coaches
- Super Low Floor Buses - accessible for disabled & elderly people
- Mini Buses ...
  seating capacity up to 74 seats

Importers of VOLVO Bus & Truck – Parts & Diagnostic
HISPACOLD Air Conditions
IRIZAR Coaches
BOCK Compressors

29, 'Gratiae Plena',
Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra
Luqa LQA 1011
Tel: 2182 0749 Mob: 9946 4405
Email: info@vss.com.mt

univers u li hija parti vitali fil-mixja kontinwa tiegħu. Din hija biss waħda mir-raġunijiet li juru li l-mużika hija l-lingwa tal-popli kollha.

Meta wiehed jeżamina l-filosofiji tal-għorrief isib li l-mużika tista' tiġi applikata f'kull fażi tal-ħajja, f'kull sitwazzjoni, f'kull ħin tal-ħajja tagħna biex permezz tagħha nkabbru dak kollu li hu tajjeb għall-ġid ta' saħħitna u tal-intelligenza tagħna. Dan hu l-prinċipju ċar u utli li fuqu s-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni tħaddem il-programm edukattiv tagħha, programm mimli b'attivitajiet għall-ġid tal-poplu u tagħlim tal-mużika b'xejn għal dawk kollha li jixtiequ jsiru ċittadini serji, onesti u intelliġenti fis-soċjetà tal-futur.

Nawgura festa mill-isbaħ lil kulħadd.





Beauty Elegance
31, Ġorġ Zahra Street, Luqa
Tel: 2721 0808
Eyeliner
Before
After
After
Oxygen Facial
Before
Before
After 16 weeks
Find us on: facebook
• Facials
• Radio Frequency lifting treatments
• Collagen Induced treatment (C.I.T)
• Needling anti wrinkle treatments
• Cavitation anti cellulite treatments
• Fat Freezing for stubburn fat deposits
• Slimming wraps
• Presso therapy booties
• Bandages
• Slender tone
• Laser hair removal
• Make up
• Manicures & Pedicures
• Gels & Acrylic nail extensions
• Semi Permanent Make-up by Denise Ceci
Ana's Creations Mob: 7927 1058
Ana's Creations



*L-Isbaħ armar ...*








PAC MAN'S
TAKE AWAY
St.Andrew's Street,
Luqa (Luqa Square)
21806055
79806055
Open Monday till Sunday
from 5pm till 11:30pm
Tuesdays closed all day
Open on public holidays
exquisite ... fresh ... affordable
FREE HOME DELIVERY SERVICE !!
FREE
1.5L Pepsi
Offer available every
day on orders over €25
Friday, Saturday & Sunday,
a €2 charge applies on orders less than €15.
Luqa free delivery on any order. Last order by 11pm.
pepsi



# "Ejjew u taraw!"
## (*Ġw1,39*)

**Kan. Michael Zammit SThL**
*Kappillan*



Sant'Andrija huwa l-Appostlu li ried iwassal lil kull persuna għand Ġesù. Dan insibuh f'kull episodju fl-Evanġelju li fih niltaqgħu ma' Sant'Andrija. Huwa dejjem xtaq jara li l-bnedmin jagħmlu l-istess esperjenza li kien qed jagħmel hu. Ried li l-ferħ li kien qed jgħix hu, jgħixuh l-oħrajn miegħu wkoll.

Din ix-xewqa ta' Sant'Andrija għandha tkun ix-xewqa ta' kull Nisrani. In-Nisrani għandu jkollu xewqa f'qalbu li l-esperjenza spiritwali li qed jgħix hu, jaqsamha ma' ħaddieħor ukoll. Anki parroċċa li qed verament tgħix l-Evanġelju għandha tagħmel kull sforz biex tgħix dan l-idejal ta' evanġelizazzjoni kontinwa.

Matul din is-sena li għaddiet kienet sena li personalment komplejt insib saqajja fil-Parroċċa ta' Ħal Luqa u nipprova nifhem dak li jeħtieġ dan il-poplu sabiex jersaq aktar qrib ta' Ġesù. Għalhekk flimkien mal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, l-għaqdiet parrokkjali u soċjali u l-voluntiera ħdimna bla heda sabiex jitwassal kemm jista' jkun l-isem ta' Ġesù fir-raħal tagħna. M'għandix kliem biżejjed biex ngħid grazzi lil dawk kollha li fehmu dan il-messaġġ u kkoperaw miegħi sabiex b'għan wieħed naħdmu għat-tajjeb.

Nifhem li ġieli jkun hemm min ma jifhimx dak li jkun ġie deċiż, iżda kull deċiżjoni tkun ittieħdet sabiex naslu għall-verità u sabiex isir l-ogħla ġid fil-parroċċa tagħna. Is-serjetà, d-dixxiplina, u l-*accountability* huma prinċipji sagrosanti li fuqhom għandha tinbena kull istituzjoni li tilqa' fi ħdanha eluf ta' persuni. Dawn il-prinċipji waslu sabiex anki rajna bosta kisbiet matul is-sena li għaddiet. Ġrajjiet li se jibqgħu mniżżla fl-istorja tal-parroċċa tagħna bħalma huma: t-tlestija tal-proġett tas-saqaf tal-kor li wara tmien snin u nofs issa qed naraw opra meraviljuża tal-arti, tlestiet il-vara ta' Kristu Rxoxt biż-żebgħa u ndoratura, saret iż-żebgħa tal-korsija fejn tneħħa darba għal dejjem il-kulur roża u bdiet tiġi anki ndurata bid-deheb, bdew jinżebgħu b'skala waħda ta' kuluri l-artali kollha, nxtara lifter sabiex nipproteġu s-saħħa ta' kull persuna li taħdem fil-knisja, tisbiħ tas-sagristija, restawr tal-bankijiet u investiment fil-pastorali speċjalment fil-katekeżi.

Flimkien maż-żewġ għaqdiet mużikali u l-kunsill lokali tagħna ħdimna kemm flaħna għal għaqda reali fil-lokalità. Dan deher biċ-ċar fiż-żewġ festi li għamilna lil Kristu Rxoxt u anki f'kull okazzjoni li kellna. Dan juri ċar ir-rieda tajba li nkunu bħal fanal jixgħel fuq muntanja għall-kumplament ta' pajjiżna. Għalhekk nixtieq ngħid grazzi lil kull persuna ta' rieda tajba li flimkien qed naħdmu sabiex Ħal Luqa jimxi 'l quddiem.


PAUL SCORFNA
FUNERAL SERVICES
27223394 Day and Night 79912912
OPEN
Prezzijiet Moderati
24 siegħa servizz
Xogħol ta' Funerali
Twiebet ta' Malta u ta' Barra, Fjuri, Reffiegħa, Permessi, Karozzi tal-Mejtin, Xandir fur ir-Radju, Santi, Deffiena u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Funerali
95, St. Joseph Street, Luqa - info@scorfnagarage.com
79 912 912 - 2722 3394







## *Ħruġ min-niċċa 2018*







# B&G
# Hardware Store




**St Thomas Str, Luqa**

**Tel: 20340340 Email: info@bandg.com.mt**

**Mob: 7767 5362**

Fadal ħafna iżda xi jsir! F'Diċembru li għadda ħareġ ir-rapport taċ-ċensiment, fejn fil-parroċċa tagħna, 1660 ruħ biss minn 5800 ħassew li għandhom imorru quddies f'Jum il-Mulej. Dan għandu jinkwieta lil kull Nisrani għaliex ma nistgħux nifirħu meta naraw li għal ħafna, l-jum tal-Ħadd m'għadux ifisser li nieqfu sabiex nduru lejn il-Mulej u nitolbuh flimkien bħala komunità. Jista' jkun li qed ngħixu ħajja mgħaġla u għalhekk hemm bżonn li nieqfu ftit u npoġġu l-prijoritajiet f'posthom. Jista' jkun li naħsbu li m'hemmx bżonn ta' Alla u l-Knisja f'ħajjitna. Fil-parroċċa tagħna, aħna bħala saċerdoti qed nagħmlu kull sforz sabiex min jiġi jieħu sehem fil-quddiesa tal-Ħadd, jagħmel esperjenza spiritwali tajba f'ħajtu. Iżda kif jgħidu: tista' tieħu ż-żiemel ħdejn l-ilma imma ma tistax iġġiegħlu jixrob. Għalhekk nagħmel stedina sabiex dawk li għadhom jiġu l-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd, jagħtu xhieda sabiħa lil ħaddieħor. Irridu nxandru li tkun Nisrani tfisser li tieħu interess u tfittex dak li hu awtentiku f'ħajtek.

Nixtieq nawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd. Festa mimlija ferħ, għaqda iżda fuq kollox spirtu ta' qdusija li permezz ta' Sant'Andrija naslu għand Ġesù. Nistieden ukoll lil kulħadd sabiex matul is-sena kollha nieħdu sehem aktar f'kull inizjattiva li tieħu l-parroċċa sabiex dejjem aktar nikbru fil-ħajja spiritwali tagħna. Inħeġġeġ sabiex f'din il-festa nsibu ċ-ċans għall-qrar u tqarbin. Ejjew anki fil-festa nieħdu b'idejn xulxin bla ebda distinzjoni ta' każin jew idejat. Din tassew tkun festa Nisranija li tagħmilna lkoll ulied denji ta' Ħal Luqa u Sant'Andrija.



GORI
BUTCHER
Jispeċjalizza fil bejgħ ta :
- Ċanga Friska
- Majjal
- Laħam Tal - Friża
- ZALZETT Frisk Malti

15A, triq Santa Marija,
Ħal Luqa ✆21678484






CASSARINI RESTAURANT
WIED IZ-ZURRIEQ

Cassarini Restaurant

Triq is-Sajjieda
Wied iż-Żurrieq, Qrendi
Tel. 20997911
Mob. 79647912

cassarini.restaurant@gmail.com

Cassarini Restaurant







## *Programm Mużikali tal-Festa 2018*









# J.Cassar ALUMINIUM



***(Johnny ta' Ħal Luqa)***



## *New Aluminium System*

113A, Industrial Estate, Luqa, Malta

**Tel: 2122 8896 / Mob: 9942 6356**

**E-mail: cassarjohnaluminium@gmail.com**

# 30 years Experience



J. Cassar Aluminium provides the best Aluminium Works, with a higher standard in quality, latest aperture system & guaranteed aluminium profiles. We provide all type of nets including roller as well as aluminum repairs. All this at a very reasonable price.

*A 15% discount will be given on all Aluminium Works all year round!*







# Inizjattiva li tkompli tgħin lis-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni

**John Schembri**
*Sindku*

Ħuti Ħalluqin,

Għal darb'oħra rġajna ltqajna għal dan l-appuntament annwali biex niċċelebraw il-festa ta' Sant'Andrija. Din is-sena kienet sena oħra ta' ħidma impenjattiva fejn kienet ikkaraterizzata bl-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali u tal-Parlament Ewropew. Nibda billi ngħid grazzi minn qalbi lir-residenti ta' Ħal Luqa u ta' Ħal Farruġ tal-fiduċja kbira li reġgħu tawni biex immexxi l-Kunsill għal din il-leġislatura l-ġdida u inwegħdkom li kif għamilt fil-passat, se nkompli nagħmel l-aħjar biex nirraprezentakom bl-aħjar mod. L-ammont ta' voti miksub nilqgħu b'umiltà, izda jagħtini wkoll iktar enerġija biex flimkien ma' sħabi inwettqu l-manifest elettorali li l-poplu Luqi ivvota bi ħġaru għalih. Nieħu din l-okkażjoni biex nifraħ lill-kunsilliera li ġew eletti u nħeġġiġhom sabiex jagħtu l-kontribut tagħhom fil-kunsill għall-ġid tar-raħal tagħna.

Mument storiku għalija u għall-kunsill preċedenti, kien dak il-ftehim li sar bejn il-Kunsill Lokali immexxi minni u l-għaqda tagħkom li biħ stabbilixejna l-liema programmi muzikali u attivitajiet oħra fejn se jkun qed jagħmel tajjeb finanzjarjament il-Kunsill Lokali. Dan il-ftehim se jibbenefikaw minnu z-zewġ kazini tal-baned lokali, li huwa ntiz li jgħin biex itaffi ftit mill-ispejjes li jkollhom. Huwa stat ta' fatt li l-festa fir-raħal tagħna kulma jmur dejjem tikber u ta' dan ngħid grazzi lil kumitat kif ukoll lil dawk il-volontiera li jaħdmu qattieħ matul is-sena kollha. Għalhekk nappella lil kulħadd biex tattendu għall-attivitajiet esterni li jiġu organizzati matul il-gimgħa tal-festa u għall-funzjonijiet reliġjuzi li jsiru fil-knisja biex b'hekk inkunu qed nagħtu l-ikbar ġieħ lill-appostlu martri Sant'Andrija, Patrun tar-raħal tagħna.

F'ismi u f'isem il-familja tiegħi, kif ukoll il-Kunsill nawgura minn qalbi l-festa t-tajba lill-Ħalluqain kollha.

Viva Sant'Andrija.

Andrew's
Car Centre

FULL ACCIDENT REPAIRS

Andrew's Car Centre Ltd.
Qormi Rd. Luqa
LQA9044
andrewsgarageltd@gmail.com
99296311/21226311

Tal-Parrina
Confectionery

Triq Sant'Andrija
Luqa
Tel: 2180 2300

Opening Hours
Mon to Fri – 6.00am - 8.30pm
Sunday – 6.00am - 12.30pm

**YOUR DAILY NEEDS, ESSENTIALS & MORE**

***Detergents are also available***










MAGRI
AUTOCARE
Tel: 2189 7917 / 2180 9376
www.magriautocare.com
WE RESTORE THE APPEARANCE OF CAR INTERIORS & EXTERIORS TO SHOWROOM CONDITION.
• Interior shampoo and wash including seats, carpet, roof and dashboard
• Complete renovation including external polish, interior shampoo and wash throughout
• Car wash (by hand) and interior vacuum
• Polish and wax of the external paintwork, tyres and vinyl dressing of plastic components
Triq l–Ajruport, Luqa LQA 9023
Fax: 2189 7911 / Email: magridrs@vol.net.mt



# Kisbiet u Suċċessi

## *Ħidmet il-Kummissjoni Banda*

**Norbert Camilleri**
*Assistent Surmast*

Il-programm mużikali ‘Movies in Concert’ li ġie mtella’ f’Marzu li għada ġewwa Dar il-Mediterran ghall-konferenzi żgur se jibqa’ mnaqqax fl-istorja tal-kazin tagħna. Programm li flimkien mal-Banda Unjoni ħadu sehem il-kor Amadeus Chamber choir taħt it-tmexxija tat-Tenur Brian Cefai u n-National Children’s Choir taħt it-tmexxija ta’ Tiziana Calleja. Kien programm li ħafna iddiskrivewh bhala il-quccata li banda lokali qatt tista tilħaq. Izda dan is-suċċess ma setgħax jkun possibbli mingħajr il-ħidma intensiva tas-surmast John David Zammit li għamel l-arranġamenti ta’ bosta mis-siltiet muzikali flimkien mal-President tas-soċjetà Joseph Piscopo li bl-impenn kontinwu tiegħu, flimkien mal-kumitat, ħadmu għattih sabiex dan il-programm mużikali seta’ jitwettaq b’suċċess.

Il-Banda tagħna kienet ukoll impenjata b’kunċert ieħor, din id-darba ‘mtella ġewwa Palermo, Sqallija fuq stedina tal-eks President Marie-Louise Coleiro Preca. Liema kuncert sar ġewwa l-Palazz majestuż hekk imsejjaħ ‘Palazzo dei Normani’. Ċertament kienet esperjenza unika għas-Soċjetà tagħna u għal dawk li ngħaqdu magħna matul din iż-żjara kulturali.

Bħas-snin ta’ qabel l-allievi tagħna flimkien mal-banda tas-soċjetà ħadu sehem fil-programm tal-Milied li ġie mtella’ ġewwa l-iskola primarja ta’ Ħal Luqa nhar it-2 ta’ Diċembru. Kien programm xi ftit impenjattiv u għaldaqstant ridna nippreparaw għalih minn diversi ġimgħat qabel. F’din is-serata għall-ewwel darba kellna ukoll allievi li daqqew siltiet akkumpanjati minni fuq il-pjanu. Din l-inizjattiva hadniha sabiex l-istudenti jrabbu aktar kunfidenza u tgħinhom sabiex meta eventwalment jagħmlu eżamijiet tal-istrument, ma jiddejqux jdoqqu quddiem l-ezaminatur.

It-tagħlim tal-mużika fil-kazin tagħna qed jingħata prijorità u għaldaqstant organizzajna masterclasses u nedejna sessjonijiet għat-tfal zgħar, taħt it-tmexxija ta’ Martin Camilleri u Patrick Camilleri. Dawn is-sessjonijiet ‘Music4kids’ huma immirati sabiex it-tfal jiġu aktar attirati lejn il-muzika. Saru wkoll numru ta’ masterclasses minn għalliema professjonali sabiex inkomplu nghollu dejjem aktar il-livell tal-banda taghna.



Nixtieq finalment nawgura festa mill-isbah lill-Ħalluqin kollha.




BOV PERSONAL LOANS

THE CHOICE
**IS ALWAYS YOURS**

All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from the Bank. The term of the loan must not go beyond retirement age.

More information is available from **www.bov.com** or contact **2131 2020**.

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

**BOV**
Bank of Valletta





CitySightseeing Malta

**CHARTER a DOUBLE DECKER!**

**Organise your special occasion on one of our double deckers!**
**Ideal for any celebration such as...**
**Football, Feasts, Bachelor / Hens Parties, Graduations ecc...**

City Sightseeing Malta Ltd, 164/165, Industrial Estate, Luqa, Malta
Web: www.citysightseeing.com.mt • Email: info@citysightseeing.com.mt
• Tel: +356 2010 2090 • Mob: 99822416









*Marċ tat-Tieni Tridu 2018*










Borg Bros.
Removals
BORG BROS.
Furniture Transport
Borg Bros.
Triq id-Demnuq, Siġġiewi
Tel: 2146 6664
Mob: 9947 5010
borgbros@gmail.com



# Ħidmet is-Sezzjoni Armar

**Clifford Micallef**

Għeżież partitarji ajklieri,

Reġa' wasal iż-żmien li nagħtu titwila lejn ix-xogħol li jsir fil-maħżen tal-armar matul is-sena.

Kif forsi ħafna minnkom jiftakru, is-sena l-oħra laqtitna maltempata qalila nhar il-25 ta' Ġunju, fl-ewwel ġurnata tal-festa. Għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħodu tela' sħab iswed u f'kemm trodd salib għaddiet tromba minn fuq ir-raħal u ħalliet ħerba warajha. Peress li kellna indikazzjoni li tista' tagħmel ix-xita, il-ġurnata ta' qabel ħadna ħsieb li ngħattu l-istatwi kollha bil-plastik. Iżda r-riħ tant ħakem fil-pjazza li sfortunatament qala' kolonna bl-istatwa b'kollox u din ġarrbet ħsarat sostanzjali. Dan minbarra xi ħsarat żgħar oħra li ġarrab l-armar li kien kollu barra. Il-kolonna u li fadal mill-istatwa żżarmaw u ttieħdu lura fil-maħżen. Kif għaddiet il-festa ġie kkuntattjat l-artist Joe Cutajar Zahra li kien ħadem l-istatwi tal-anġli biex naraw x'nistgħu nagħmlu u għall-ħabta ta' Ottubru tlajna r-Rabat Għawdex bil-fdalijiet tal-anġlu u ftehemna mal-artist biex din tissewwa u terġa' ssib postha fil-pjazza ewlenija. Il-kolonna wkoll ġarrbet ħsarat konsiderevoli u






MASSA
HANDYMAN
SERVICE
PLUMBING
ELECTRICAL WORKS
PAINTING
GYPSUM WORKS
DRAIN LAYER
GENERAL MAINTENANCE
ODD JOBS
Contact Yousef today for a free quotation
99294138
yousefmassa@yahoo.com

# *Transulazzjoni Solenni ta' Lejlet il-Festa 2018*




















din ġiet irrestawrata minn Andrew Aquilina bl-għajnuna ta' ĠannMarì Formosa. Il-brazz tal-anġlu wkoll ġie restawrat minn Andrew Aquilina.

Din is-sena jaħbat ukoll il-ħamsin anniversarju minn meta żżanżan il-planċier artistiku tagħna kif nafuh illum. Għal din l-okkażjoni ġie deċiż li jsir xogħol ta' restawr fuqu li kien jikkonsisti fl-ixkatlar u lostru mill-ġdid tal-poġġaman tal-kewkba. Dan ix-xogħol ta' xkatlar sar kollu minn Andrew Aquilina u l-lostru ġie fdat f'idejn ĠannMarì Formosa. Barra minn hekk inżebgħu l-leġiji kollha kif ukoll il-*platforms*. Dan ix-xogħol sar mis-Sur Antoine Psaila. Sar ukoll xi xogħol ta' welding fuq il-ħadid li jdawwar il-planċier minn Antoine Borg u dan ġie miżbugħ mill-ġdid. Inħietu wkoll *covers* għas-siġġijiet biex dawn ma joborxux l-istess poġġaman.

Sar ukoll restawr estensiv fuq il-brazzi tal-kolonni ż-żgħar ta' Triq Sant'Andrija, ħdejn l-iskola. Il-brazzi ġew xkatlati u nżebgħu mill-ġdid minn Antoine Psaila waqt li Andrew Aquilina ħa ħsieb it-tiswija ta' *holders* u xogħol elettriku ieħor. Sar ukoll restawr fuq il-kanċelli tal-ħadid tal-pedestall ta' Sant'Andrija u tal-Anġlu. Dan ġie xkatlat u miżbugħ mill-ġdid bl-istess kulur biex ikun kollox pariġġ. Inxtraw mitt globu tal-plastik ġodda biex jintużaw mal-brazzi tal-kolonni u l-anġli.







Il-ħidma fil-maħżen ma ssirx biss fuq l-armar imma anke fil-bini nnifsu. Din is-sena nħadem taraġ bil-poġġaman tal-ħadid fil-bitħa li jgħaqqad l-ewwel sular mat-tieni wieħed. Dan sar minflok sellum li konna nużaw qabel biex b'hekk issa nistgħu naċċessaw is-sular ta' fuq b'aktar kumdità u fuq kollox b'aktar sigurtà. Inħadem ukoll karru ieħor biex fuqu jintrefa' u jinġarr il-parti ta' taħt tal-pedestall ta' Sant'Andrija. Dan ix-xogħol kollu sar minn Andrew Aquilina u Antoine Borg.

**Armar ġdid għal din is-sena**

Rigward armar ġdid komplejna bil-ħidma ta' pavaljuni ġodda għal Triq San Ġorġ, li qed jiġu


www.curtainraisermalta.com
CURTAIN RAISER
79918857
activities@curtainraiser.org
HAPPY
KEIRA
ANN
6









*Il-Marċ il-Kbir ta' Lejlet il-Festa 2018*









ATTENTION NAIL TECHNICIANS
NAIL TIPS
NAIL GLUE
CUTICLE PUSHERS
NAIL TIP CUTTERS
NAIL NIPPERS
NAIL FILES
PRIMERS
ACRYLICS
GELS
BASE GELS
TOP COATS
UV LAMPS
UV BULBS
LED LAMPS
NAIL DRILLS
NAIL BITS
NAIL ORNAMENTS
STICKERS
3D FLOWERS
RHINESTONES
& MUCH MUCH MORE
ASK FOR DISCOUNT CARD
nail magic
ACRYLIC LIQUID
GUTZ
fashion
FASHION FOR ALL THE FAMILY
HAMRUN – LUQA – SIGGIEWI - PAOLA
BELLISSIMA
COSMETIC-HAIR-PERFUME
SHOP
EVERYTHING FOR YOU TO LOOK GOOD
OUR LADY OF SORROWS STR
HAMRUN

ffinanzjati mis-Sezzjoni Żgħażagħ. Wara li s-sena l-oħra żżanżan l-ewwel pavaljun, din is-sena huwa ppjanat li jitlestew żewġ pavaljuni oħra kompluti bl-isfumar. Se jiżżanżan ukoll pavaljun ieħor għal Triq Dun Pawl, fejn dawn il-pavaljuni ġodda qed jibdlu dawk li kienu saru fis-snin tmenin u b'hekk nittamaw li sa tliet snin oħra dan il-proġett jiġi fi tmiemu. Dawn qed jitħallsu mis-Sezzjoni Armar, grazzi għall-benefatturi.

**140 Anniversarju**

Hekk kif il-Banda se tfakkar il-140 sena mit-twaqqif tagħha, is-Sezzjoni Armar diġà bdiet taħseb sabiex inżanżnu wkoll armar ġdid li jkompli jsebbaħ il-pjazza u t-toroq prinċipali tar-raħal. Inħeġġeġ minn hawn sabiex tkunu ġenerużi ħalli jinġabru l-fondi meħtieġa sabiex dan il-proġett kbir isir realtà.

Fl-aħħar nett, nagħlaq billi nappella mill-ġdid għall-ġenerożità tagħkom fejn jidħol ġbir ta' fondi għax b'hekk biss nistgħu nkomplu nżanżnu armar ġdid biex ikompli jogħla l-livell diġà għoli tal-armar li għandna fir-raħal, dejjem ad unur il-Patrun tagħna Sant'Andrija. Inħeġġeġ ukoll lil kull min jixtieq jgħin fl-armar u ż-żarmar fil-ġranet ta' qabel u wara l-festa biex jingħaqad magħna. Aħna bżonn kulħadd.

Viva Sant'Andrija!

Viva tal-Ajkla!


STARTING POINT



A wide variety of domestic appliances including:

- Food processors, coffee and tea makers
- Kettles, toasters and irons
- Washing machines (automatic and twin-tub)
- Cookers, microwave ovens, pizza ovens, and B.B.Q.
- Refrigerators and freezers
- Televisions and video recorders/ playbacks
- Hi-fi equipment and satellite receivers
- Vacuum cleaners
- Heaters, fans, dehumidifiers and airconditioners
- Pots, pans and cutlery sets
- Hair dryers, shavers, kitchen and bathroom scales and other household goods.

***St. Thomas Street, Luqa***

***Tel/Fax: 2180 3017***


Dalton's
Chauffeur
Services
At Dalton's we offer a vast range of Bridal cars
Vintage cars for Pre and post wedding photo shoots
Vintage Buses—Coaches—Minibuses
Chauffeur Driven Wheelchair accessible Vehicles
We are the importers of various brands of brand new wheelchair accessible vehicles
Visit us at Dalton's Chauffeur Services 26,Binja tal-Gvern Triq il-Gdida Hal-Luqa
Tel:- 21221572
Mob:- 79426332
e-mail:- tony.dalli007@gmail.com
Web:- daltonmalta.com
Find us on
facebook
Instagram







# *Marċ ta' Filgħodu 2018*







**Josef Penza**
Refrigeration & Air Conditioning

79 202 626
josefpenza@gmail.com
facebook.com/AirconditioningMalta

## Installation and repairs on all kinds of ACs



Prices for Inverter ACs starting from
**€580**

Be COOL this Summer and install one of our TOP BRAND ACs

Haier Airwell ELECTRA LG HITACHI DAIKIN



# *Flower Touch*



*Specializing in flower arrangements for all occasions, weddings and more.*

Inkun il-pjazza ta' Ħal-Luqa kull nhar ta' Sibt.

Contact: Catherine
Tel: 2180 6800
Mob: 7980 6800



# Erġajna rrankajna ...

**Joe Aquilina**

*Licensee*

Insellmilkom.

Bħal dan iż-żmien sena, eżattament fit-3 ta' Ġunju 2018, ġewwa r-raħal tagħna reġgħet inkitbet storja ta' suċċess għall-każin tagħna, dan permezz tal-Kumpless tan-Nar Sant'Andrija. Dakinhar saru ċelebrazzjonijiet sabiex ġie inawgurat mill-ġdid l-estensjoni tal-istess kumpless. Dakinhar filgħodu bdejna b'quddiesa kif kien xieraq, li ġiet iċċelebrata mill-Kappillan Kan. Michael Zammit u li għaliha attendew nies distinti fosthom l-Eċċ. Tagħha l-President ta' Malta Marie Louise Coleiro Preca, u dawk kollha li taw l-għajnuna fil-bini tal-kumpless. Hekk kif spiċċat il-quddiesa, is-Sur Joe Aquilina flimkien mal-President tas-Soċjetà u l-Eċċ. Tagħha l-President ta' Malta kixfu lapida kommemorattiva għal din l-okkażjoni u wara nżammet bibita ġewwa l-istess kumpless għal dawk preżenti. Il-Banda L-Unjoni għamlet marċ fejn indaqqu marċi brijużi, fost il-briju ta' ħafna partitarji preżenti, liema marċ spiċċa quddiem il-Każin tas-Soċjetà fejn hemm saru diversi preżentazzjonijiet ta' tifkira għal din l-okkażjoni.

Wara dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kollha, dawk kollha liċenzjati bdew jippreparaw xi ħaġa żgħira għall-festa tal-istess sena. Hekk kif għaddiet il-festa ltqajna sabiex infasslu programm sħiħ għall-festa ta' Sant'Andrija ta' din is-sena, kif ukoll xi xogħol għal barra mir-raħal. Fosthom insemmu li ħadna sehem ġewwa B'Bugia fl-attività tar-reġjuni tan-nofsinhar, il-Munxar, San Ġorġ tar-Rabat Għawdex, Santa Venera, Kristu Re f'Raħal Ġdid u Santa' Marija ta' Ħad-Dingli.



THE EVENTS COMPANY

**Charles Magro**
Director

9, No 1, Tensila Street, Qormi, QRM 1840 - Malta
e cmagro@tecmalta.com / info@tecmalta.com
m 00356 9944 8870
www.tecmalta.com




VISION 2000
SCULPTING GEL

NOW AVAILABLE IN TWO SIZES;
200ML IN A TUBE
AND THE ORIGINAL
500ML JAR

Available only from hair salons.

If you own a hair salon and wish to stock Vision 2000 sculpting gel, please call Ray on
21665882 / 99407462
FOR IMMEDIATE DELIVERY!

## *Purċissjoni Solenni tal-Festa 2018*








































Welcome
BAR AND GRILL
by Scicluna
OPEN DAILY FOR BREAKFAST, SNACKS & LUNCH
FREE DELIVERY SERVICE AVAILABLE
WE ALSO ACCEPT BOOKINGS FOR GROUP FUNCTIONS,
DINNER, HENS & BACHELORS PARTIES
99 864 200 / 21 663 409
FACEBOOK.COM/WELCOMESNACKBAR
TRIQ IL-MITJAR LUQA (NEAR LUQA OLD AIRPORT)










Iter Passionis
Wirja ta' Arti Sagra
il-Gimgha Mqaddsa
Sezzjoni Zghazagh Ajklieri
Mill-Hadd 14 sal-Gimgha 19 ta' April 2019


The Everything Wedding Organizer
THE MAN YOU NEED
By Massimo Cassar
Contact No. +356 9986 1230
To Create, Organise & Coordinate The Most Beautiful Day Of Your Life


Emmanuel
Cauchi
PHOTOGRAPHER
Mob: 9923 1025
Find us on:
facebook

Kif semmejt qabel, għall-Festa tal-Patrun tagħna Sant'Andrija, tħejja programm varjat ħafna ta' murtali u wirjiet kif ukoll nar tal-art għal lejliet il-festa. Ma nistax ma nsemmix il-wirja illi saret is-sena l-oħra minn fuq il-bjut tal-każin, illi kienet waħda ta' suċċess. Din l-istess wirja iżda b'mod iżjed vibranti se terġa' tittella' din is-sena fl-aħħar tridu wara t-tlugħ tal-istatwa ta' Sant'Andrija.

Minn qalbi għal darb'oħra nixtieq nerġa' nirringrazzja lil dawk kollha illi kienu ta' għajnuna sabiex sar il-proġett tal-kamra tan-nar. Grazzi wkoll lill-Onor. Ministru Prof. Edward Scicluna kif ukoll lill-Onor. Ministru Dott. Owen Bonnici talli għoġobhom jagħtuna fondi sabiex inkomplu ntejbu l-ħidma tagħna fil-post tan-nar. Nirringrazzja wkoll lill-Kumitat Ċentrali u fl-aħħar u mhux l-inqas lill-piroteknići sħabi illi b'sagrifiċċju u b'responsabbiltà taħt il-gwida tal-*licensee* jaħdmu ħinijiet twal volontarjament sabiex iwasslu dawn il-wirjiet lill-poplu Ħalluqi kif ukoll lil dawk kollha li jiġu jżuruna minn madwar Malta u Għawdex.

Nawgura l-Festa t-tajba lill-Halluqin kollha.

Viva tal-Ajkla!


SILJOE garage

Gate Street Luqa
Tel: 2166 3576, 2166 6098
Mob: 9949 5993
Email: info@siljoegarage.com



**RENT-A-CAR**
**Chauffeur Driven & Mini Bus Service**
**& Wedding Cars**



























*Festa ta' Kristu Rxoxt 2019*



# LOOKING FOR QUALITY & SECURITY?

**We offer the service of sending a draughtsman over to your premises to give you our professional advice and take the measurements onsite of your door and we will bring samples of colour and photos for you to choose from.**

**ALL THIS IS FREE OF CHARGE!**

FREE PROFESSIONAL ESTIMATES & ADVICE

**We Specialise In:**
- PVC Coated Doors
- Roller Shutters
- Insulated Sectional Doors
- Up & Over Doors
- Round The Corner Doors
- Folding Doors
- Gates & Fences
- Sheet Metal Doors
- Motorised Doors
- Moulds
- Substation Louvres
- Metal Doors Covered In Wood

New Street off Valletta Rd, Luqa LQA 6000
Email: info@alfredbaldacchinoltd.net

**Tel: 21 827 421 / 21 673 397 Fax: 21 673 397**

**www.alfredbaldacchinoltd.net**

**Also Specialising In Metal Doors Covered In Wood**

AB
ALFRED BALDACCHINO LTD
MALTA'S LEADING MANUFACTURERS FOR INDUSTRIAL, COMMERCIAL & RESIDENTIAL

**Look no further!**

# SILVERCRAFT PRODUCTS LTD

MRA 018A, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS 3000
Tel: 21898046 • Fax: 21666400
Email: info@silvercraftltd.com



**Silvercraft Products Limited is a family owned business, supplier to the fibreglass industry. Our list of products includes fibreglass, tissue, resin, brush cleaners, pigments, waxes and a variety of tools and other material related to the industry.**

**We also produce fibreglass products for domestic and industrial use, including swimming pools, sewage treatment plants, tanks, bowsers and other tailor-made products to suit the needs of our variegated clientele.**

**You are more than welcome to forward us your projects for a detailed quotation or visit our shop for your DIY tasks.**



# Messaġġ mis-Sezzjoni Nisa Ajklieri

Għeżiż Ħalluqin,

Reġgħet waslet il-Festa tal-Padrun tagħna Sant'Andrija li ta' kull sena lkoll nistenew b'ħerqa kbira wara sena ħidma.

Bħala Sezzjoni Nisa organizzajna numru ta' *coffee mornings* kull xahar, kif ukoll lotteriji ta' kull ġimgħa. Nixtiequ nirringrazzjaw lil kull min jattendi dawn l-attivitajiet għax bl-għajnuna tagħom niġbru fondi għas-soċjetà.



Din is-sena l-fondi li qed niġbru se jmorru biex jinħadem armarju fis-Sala 'Joseph Abela Scolaro' biex fih jitpoġġew bandalori u standarti antiki. Dan qed jinhadem minn Joe Quilina u ghandu jkun lest dalwaqt.

Niehdu din l-okkażjoni sabiex nifirhu lill-Kumitat li gie elett din is-sena u nawgurawlu ghall-ħidma kontinwa li jwettaq b'risq is-Soċjetà tagħna. Bla dubju l-ikbar zewg avvenimenti ta' din is-sena kienu l-kunċert li telgħet is-Soċjetà tagħna ġewwa Dar il-Mediterran il-Belt "Movies in Concert" kif ukoll is-safra gewwa Palermo f'Dicembru li ghadda. Kienu żewġ okkażjonijiet memorabbli ta' livell ferm għoli. Nixtiequ ngħidu prosit kbira lill-bravu Surmast tagħna Mro. John David Zammit li flimkien mal-President Joseph Piscopo, l-Assistent Surmast Norbert Camilleri, l-Arkivista Neil Zammit u d-Delegat Banda Joe Bezzina ħadmu biex saru dawn l-avvenimenti.

Finalment nixtiequ nirringrazzjaw lil kull sezzjoni fil-każin tagħna li lkoll naħdmu id f'id b'risq din l-Ewwel Banda Ħalluqija. Nawguraw il-Festa t-tajba lil kulħadd.

Viva l-Filarmonika *L'Unione*

Viva Sant'Andrija Appostlu

# DermaMia

## Ladies Beauty Clinic

caci
NON SURGICAL SOLUTIONS



LASER HAIR REMOVAL
FACIAL TREATMENTS
BODY TREATMENTS
MICRONEEDLING
MESOTHERAPY
ELECTROLYSIS
CRYOLIFTING
MAKE UP
WAXING
NAILS




LABORATOIRES FILORGA
AESTHETIC MEDICINE PIONEER

19, Dun Pawl Street, Luqa
79458281 / 27820632
email:contact@dermania.net

# Muftieh

Property Brokers

## 1% commission

Bejgħ u xiri ta' kull tip ta' Propjetà

## 7749 1517 / 2749 1516

muftiehproperties@gmail.com

Find us on facebook



M.CAUCHI
HARDWARE
STORE

**201 - 202 NEW STREET, LUQA TEL: 2180 4997**

PLUMBING & ELECTRICAL FITTINGS
WATER & OIL BASED PAINTS
CARPENTRY GOODS
CEMENT
KEY CUT

**Frankie
Green Grocer**

**Triq il-Karmnu
Luqa**

**Tel: 2180 6809
Mob: 9987 8638**





# Ħidmet is-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri

*A.D.1997*

**André Farrugia**

*Ċermen*

Ninsabu fuq l-għatba ta' festa oħra li żgur aħna l-Ħalluqin qegħdin nistennew. Għat-tieni sena qiegħed nerġa nikteb dan il-messaġġ għalikom dwar il-ħidma tas-Sezzjoni Żgħażagħ tul din is-sena li għaddiet.Hekk kif għaddiet il-festa ta' sena ilu u l-kumitat preċedenti xolja, l-kumitat ċentrali ħareg nonimi ġodda għal dawk imħajra li jidħlu fis-Sezzjoni Żgħażagħ għas-sena 2018/2019 din id-darba kien hemm sejħa biex din is-sezzjoni tiġi ffurmata minn 12-il membru biss. Wara li ġew magħzula l-membri mill-ewwel bdiet bil-ħidma tagħħa.

Minn hawnhekk din is-sezzjoni bdiet tippjana biex torganizza attivitajiet sa xahar ta' Diċembru fejn ġew organizzati diversi tombli ġewwa s-sede tas-Soċjetà, tournament tal-football li sar fix-xahar ta'Novembru, kif ukoll bdiet il-ħidma mill-ewwel fuq il-faċċata tal-Milied.

Għat-tieni sena reġgħet itellgħet l-attività 'Spooky Fiesta' għal jum tal-Halloween. Il-każin fis-sala t'isfel ġiet armata kif jixraq għal okkażjoni bl-għajnuna ta' Jacqueline u Louis Schembri li minn hawn nirringrazzjahom. Mijiet ta' tfal reġgħu attendew għal din il-wirja li kienet waħda ta' suċċess li issa żgur daħlet fil-kalendarju ta' din is-sezzjoni.

Wasal Novembru x-xahar li fih niċċelebraw il-festa Liturġika ta' Sant'Andrija Appostlu. Kien xahar mimli attivitajiet kemm minn naħa ta' din is-sezzjoni kif ukoll minn sezzjonijiet oħra. Il-każin għal sena oħra ġie armat kif jixraq għal festa liturġika kemm bil-liedna kif ukoll bil-bnadar li jintużaw waqt il-marċi fil-jiem tal-Festa. Għal sena oħra reġa gie organizzat il-marċ brijuż mill-Banda L-Unjoni fejn l-istess sezzjoni kompliet tkabbar dan il-marc fejn imbgħad wara l-istess marċ sar Red Gathering għal partitarji li kienu preżenti.



Kif għaddiet il-festa liturġika ta' Sant'Andrija bdiet tintrama l-faċċata għal żmien il-Milied. Biss il-preparamenti bdew kif reġa gie ffurmat il-kumitat fejn kienu xhur impenjattivi



storm™
web. branding. marketing
. website design
. logo design & branding
. online & social marketing
. search engine optimisation
. domains and email services
Contact us for a FREE quote:
+356 9989 7800
info@storm.com.mt
www.storm.com.mt
Triq San Tumas, Luqa
We work with you to create beautiful brands, effective websites and marketing campaigns that sell.



CSM
CENTRE STAGE
SUMMER 2019
Join our performing arts clubs
Drama Club
Every Wednesday
Kids from 4 to 7 years - 5PM till 6PM
Kids from 8 to 11 years - 6PM till 7PM
Every Thursday
From 12 years & over - 6PM till 7PM
Every Saturday
All kids up to 8 years - 11AM till 12PM
Singing | Movement | Stage Presence
Performances | Team Building | Acting
Send an email on
director.centrestage@gmail.com
or contact us on facebook.










$500 REWARD
WANTED
WANTED
$500 REWARD
BILLY THE KID
DEAD OR ALIVE
ON DANGER














THE XZONE
DISCOUNT SHOP

FREE DELIVERY ALL OVER MALTA

PAUL BORG OLIVIER STR, SWATAR B'KARA
T:21 472 160 T:27 472 160 M:7947 2160
WWW.XZONEMALTA.COM


The GoodFellas
pizza & grill
Wilġa Street, Luqa
T: 2169 6650
M: 7977 7767
Find us on: facebook.




KENDA
ROOFING & WATERPROOFING SERVICES
10 YEARS GUARANTEE
Our company was founded by Kevin Grech in 1996 and is today one of Malta's leading companies which has been entrusted in waterproofing membrane works.
Many years of practical experience in the application of waterproofing and working on large projects awarded us successfully.
Our clients rely on our company as we guarantee high quality and service at all times.
OUR AIM IS YOUR SATISFACTION!
importers of
PROFESSIONAL ROOFING PRODUCTS
7972 9967
www.kendawaterproofing.com
74, Triq Pawlu Magri, Luqa LQA 1472, Malta
T/F | 27018720 E | kwaterproofing@melita.com
PROBLEMS WITH LEAKING ROOFS?
20 Years experience ★★★★★
PROBLEMS WITH MOULD?
We Specialise in:
• Waterproofing Membrane (Different Colours)
• Maintenance & Repair On Old Waterproofing Membrane
• Special Liquid Membrane (Rubberised Paint) Different Colours
• Cool Roofing System • Damp Proofing (Appogg)
• Self-Adhesive Membranes • Anti-Rooting Membrane
• Aluminium Foil Membrane
• Thermal Roof Insulation With Waterproofing System
• Waterproofing Accessories For Drain Outlets
• Aluminium Paint • Floor Sound Proofing
• Concrete Screeds & Expansion Joints
• Resin, Epoxy & Polyurethane Paints for Flooring
• Anti-Mould Products
• Treatments Against Raising Humidity & Saltpetre
• Liquid Membrane Cement Based
• Free Inspections of Existing Membranes
• Emergency Repairs to Prevent Roof Damage
Products Are Used For Roofs, Retaining Walls, Balconies, Terraces, Basements, Planters, Pillars, Swimming Pools
• We Offer High Quality Materials And Services At All Times
• We Add Value To Customers With Competitive Prices
KENDA LTD
SOLVES THE PROBLEM
74, TRIQ PAWLU MAGRI, LUQA LQA 1472 Tel/ Fax: 27 018 720
kwaterproofing@melita.com
FOR A FREE QUOTATION CALL 79 729 967
14001
POLYGLASS
10 Years Guarantee Easy Payment
Your Satisfaction is Guaranteed

għal membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ u kif ukoll membri oħra fi ħdan din is-soċjetà ħalla riżultat kif kien mixtieq.

Wara l-festi tal-Milied, il-kumitat reġgħa ltaqgħa fejn ħarstu marret lejn il-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa u kif ukoll lejn il-festa Titulari ad unur l-Appostlu Sant'Andrija. Biss qabel ma nitkellem fuq dawn, is-sezzjoni reġgħet kienet involuta għal darb'ohra fil-preparament tal-kunċert 'Movies in Concert'. It-23 ta' Marzu, hija data oħra li tniżżlet b'ittri tad-deheb fl-istorja ta' din is-Soċjetà fejn ġewwa Dar il-Mediterran sar il-kunċert 'Movies in Concert' mill-Banda l-Unjoni li mingħajr ebda tlaqliq kien wieħed ta' suċċess. Il-membri ta' din is-sezzjoni ħadu ħsieb l-organizzazzjoni dakinhar tal-kunċert kif ukoll fl-armar kemm tal-palk u affarijiet oħra li flimkien ma' membri oħra ta' din is-soċjetà għenu lil kumitat ċentrali biex dan il-kunċert ikun wieħed ta' suċċess kif kien. Mill-ġdid prosit lil kumitat ċentrali, lis-Surmast tal-Banda tagħna Mro John. David Żammit kif ukoll lil bandisti kollha, grazzi u prosit.

Għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira itellgħet wirja oħra ta' livell għoli bl-isem 'Iter Passionis li l-attendenza tagħha għal din il-wirja kienet wisq tajba b'tifħir għal organizzazzjoni ta' din l-istess wirja.li dan is-sena giet armata isfel fejn qabel kien armata il-banka tal-Lottu.

Issa ninsabu li fix-xahar ta' Lulju li fih niċċelebraw il-festa titulari huwa x-xahar li din is-sezzjoni tippreżenta l-ħidma tagħha. Wara l-festa ta' sena ilu fejn apparti sorpriżi varji biex kabbarna iktar il-marċi, din is-sezzjoni sena ilu żanżnet l-ewwel pavaljun b'disinn ta' Silvio Pace, ħjata ta' Henry Attard u sfurmar f'idejn Redrian Micallef, li din is-sena suppost għandhom jkunu lesti tlieta oħra. Biex hekk fil-festa tas-sena dieħla it-triq tkun lesta. Kif jaf kulħadd is-sena dieħla il-Banda tagħna tagħlaq 140 sena mit-twaqqif tagħha, bħala sezzjoni diġà qegħdin nipreparaw biex dan l-anniversarju jiġi mfakkar kif jixraq. Bħala sezzjoni se nkunu qegħdin ngħinu lis-Sezzjoni tal-Armar fi proġett ġdid għal pjazza Sant'Andrija kif ukoll se nidħlu għal proġett ieħor li se jsir fis-sede ta' din is-Soċjetà.

Qabel ma ngħalaq dan l-artiklu nixtieq nirringrazzja lil Kumitat Ċentrali ta' din is-soċjetà li dejjem sibniehom warajna f'kull attività li għamilna, lis-sezzjoni Nisa u li flimkien ma' Anthea Spiteri l-għajnuna tagħhom kienet wisq apprezzabbli fl-organizzar tat-Tombli kif ukoll lil bqija tas-sezzjonijiet fi ħdan din is-soċjetà hekk kbira. Ejjew ħalli nieħdu pjaċir bl-affarijiet li bħala sezzjoni għandna preparati għalikom.

F'ismi u f'isem il-membri ta' din is-sezzjoni nawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd.

Viva Sant'Andrija, Viva l-Banda L-Unjoni



***Nieqes fir-ritratt – André Bartolo***





# Radju Sant'Andrija

**Patrick Camilleri**

Li Soċjetà ħajja bħal tagħna twassal il-messaġġ tagħha huwa importanti speċjalmet f'dinja fejn illum il-mezzi ta' kommunikazzjoni avvvanzaw u qegħdin naraw tibdil kontinwu kif kulħadd jikkomumika. Ħadd qatt ma basar li din il-frekwenza (88.4FM), se tibqa' xxandar għal 12-il sena sħaħ, però aktar kemm jgħaddi żmien, akter qegħdin nersqu lejn dinja diġitali fejn il-mezzi soċjali tista' tgħid li saru l-aktar pjattaformi popolari kif wieħed iwassal il-messaġġ hemm barra kemm jista' jkun malajr u fl-inqas ħin.

Din is-sena sar investiment fl-istudio tagħna sabiex inkunu aktar attrezzati għaliex, minbarra li se nkunu qegħdin nużaw il-frekwenza tradizzjonali, se nintroduċu mezzi oħra ta' kommunikazzjoni bħal Facebook live. Dan qegħdin nagħmluh, mhux biss sabiex minn ma jistax ikun preżenti magħna jkun jista' jsegwi l-festa b'mod reali fuq il-mobile jew komputer tiegħu, iżda wkoll sabiex nagħmlu riklam u nħajru aktar nies jersqu aktar viċin din is-Soċjetà.

Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil kumitat ċentrali, sponsors, u l-preżentaturi kollha ta' Radju Sant'Andrija u nħeġġeġ aktar nies jisimgħu din il-frekwenza matul dawn iż-żminijiet ta' festi. L-għan ta' dan ir-radju huwa li nkomplu nagħtu gost lis-semmiegħa imma fuq kollox li nwasslu l-messaġġ tagħna b'mod li jkun pożittiv u b'saħħtu. Nawgura lil Ħal Luqin il-festa t-tajba lil kulħadd.




JA James Agius Woodworks Ltd

28, Industrial Estate, Luqa LQA 3000 Malta
**Tel:** +356 2124 4445
**Mob:** +356 7936 9176
**Email:** info@jagiuswoodworks.com
www.jagiuswoodworks.com

**Made to Measure:**
**Kitchens • Staircases • Wallunits • Bedrooms • Bathroom Units**
**Doors • Loose Furniture • Banisters • Balconies etc**






# Leħen is-Soċjetà fuq il-mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali

**Kevin Camilleri**

Għaddiet sena oħra u rġajna ninsabu fiż-żmien fejn Ħal Luqa qed tiċċelebra l-festa tal-patrun Sant'Andrija. Żmien fejn l-entużjażmu u l-preparamenti jkunu fl-aqwa tagħhom. Bħal dejjem l-impenn tagħna huwa li nżommukom aġġornati b'dak kollu li jkun qed jiġri fi ħdan is-Soċjetà tagħna. Id-dinja li qed ngħixu fiha llum qiegħda kontinwament tiżviluppa u s-Soċjetà tagħna jeħtieġ li timxi bl-istess ritmu sabiex tibqa' waħda ħajja u dinamika. U għalhekk irridu naħdmu kontinwament biex nipprovdu informazzjoni interessanti u immedjata lill-qarrejja u s-segwaċi tagħna sabiex wara kollox inkomplu nkabbru l-għarfien tas-Soċjetà tagħna madwar id-dinja.

Din is-sena reġa' kellna aġġornamenti kontinwi kemm fuq il-paġna tal-internet kif ukoll fuq il-paġna ta' Facebook, b'għadd ta' materjal interessanti, artikli, ritratti, viżwal u oħrajn. Grazzi lil dawk kollha li jibagħtulna dan il-materjal kollu sabiex aħna nkunu nistgħu nippubblikawh.

U hawnhekk nieħu l-okkażjoni sabiex nistieden lil dawk l-artikolisti kollha li jixtiequ jikkontribwixxu permezz tal-kitba tagħhom dwar kwalunkwe suġġett relatat mar-raħal tagħna ta' Ħal Luqa u l-Patrun Sant'Andrija. L-għan tagħna dejjem kien li nkabbru isem is-Soċjetà tagħna u nwegħdukom l-impenn sħiħ tagħna f'dan il-qasam. Il-kummenti u s-suġġerimenti tagħkom huma dejjem milqgħuha sabiex inkomplu ntejbu l-viżwal u l-kontenut tas-siti elettroniċi tagħna u tal-paġni tagħna fuq il-mezzi soċjali.

Intemm dan il-messaġġ billi nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

*www.unionbandmalta.org*

*Soċjetà Filarmonika L-Unjoni*

# EMMANUEL GATT

## PETROL SERVICE STATION



GENERAL TYRE REPAIRS
ALSO
NEW TYRES

NEW STREET, LUQA - MALTA
TEL: 2180 9351





*Messaġġ mill-Għaqda Każini tal-Banda*

# Rispett u Għaqda bejn is-Soċjetajiet

Is-soċjetajiet tal-banda huma sinonimi mal-festi tagħna. Dan huwa stat ta' fatt li ilu magħna għal aktar minn mija u ħamsin sena. Imma huwa fatt ukoll li dan il-patrimonju ta' pajjiżna qiegħed jiġi mhedded b'mod reali. Mhedded minn ħafna elementi li ddaħħlu fil-festi tagħna u li qegħdin jagħmlu ħsara anke lis-soċjetajiet tal-banda.

Persważ li tinnutaw li l-entużjażmu għall-marċi tradizzjonali naqas u ħafna drabi l-banda tkun waħidha fit-toroq biex imbagħad tal-anqas fil-pjazza ewlenija jew quddiem il-bini tas-soċjetà jingħaqdu magħha n-nies li jkunu preżenti hemm biss. Biss dan mhux kollox għaliex filwaqt li l-banda tkun qiegħda ddoqq xi marċ mhux l-ewwel darba li tisma' xi ħoss qawwi ta' mużika oħra ġejja minn bnadi viċin li kważi jitfi għalkollox il-ħoss tal-banda jew addirittura tgħaddi l-banda qisu xejn. U xi ngħidu għas-*cd*'s li jinħarġu bi kliem kważi identiku għajr l-isem tal-qaddis jew l-isem tas-soċjetà tal-Banda. Qisna qegħdin ninsew l-importanza tal-banda fil-festa u rridu nwarrbu t-tradizzjonijiet bl-iskuża li rridu nġeddu ħalli niġbdu ż-żgħażagħ. Li taħdem biex aktar tattira żgħażagħ lejn is-soċjetajiet tal-banda hija ħaġa li żgur kulħadd jaqbel magħha imma żgur mhux għas-skapitu li twarrab it-tradizzjonijiet sbieħ tagħna li sawru l-kultura Maltija.

Il-lista tal-affarijiet li bil-mod il-mod qegħdin kontinwament jinvadu s-sabiħ tal-festi tagħna u l-ħidma tas-soċjetajiet tal-banda tagħna li hija mifruxa tul it-tnax-il xahar tas-sena ma tiqafx hawn. Hemm ukoll l-ispiża biex tamministra soċjetà tal-banda liema spiża dejjem qiegħda tikber u dan minkejja li ħafna mill-ħidma ssir b'mod volontarju għall-benefiċċju ta' dik il-belt jew raħal. Soċjetà tal-Banda ma għandhiex tittieħed li qiegħda hemm jiġri x'jiġri u dejjem lesta biex tieħu sehem mingħajr ma tingħata kumpens xieraq għall-ħidma kollha li tagħmel kemm dik li tidher u anke dik li ma tidhirx. Ħafna drabi din it-tieni parti tal-ħidma tkun ferm akbar u ta' wġigħ ta' ras mill-ewwel parti.

Kien proprju għalhekk li s-Soċjetajiet tal-banda membri fi ħdan l-Għaqda Każini tal-Banda fi Frar 2019, approvaw dokument li permezz tiegħu ġew introdotti ċerti miżuri ġodda ħalli jkun hemm aktar rispett reċiproku bejn l-istess soċjetajiet, mal-mużiċisti li l-impenn tagħhom huwa ferm importanti għall-baned imma wkoll ma' entitajiet oħra fosthom il-parroċċi u l-kumitati responsabbli għall-festi. Din hija deċiżjoni li ttieħdet b'mod studjat u b'għaqal u l-Għaqda Każini tal-Banda tikkonsiderah li huwa l-ewwel pass sabiex inkomplu naħdmu flimkien ħalli l-ħidma tas-Soċjetajiet tal-banda b'mod

# TWO 9 SIX

**LADIES' - GENTS', CHILDREN'S WEAR & UNDERWEAR**

**San Injazju & San Benedittu School Uniforms also available**

**NEW STREET, LUQA**

***Opening Hours*** **8.45am - 1.00pm & 4.15pm - 7.15pm**

*Jawguraw lill-klijenti kollha tagħhom il-Festa t-Tajba*

**Tel: 2182 0672 Mob: 7904 5951**

Find us on: facebook.



partikolari f'dak li għandu x'jaqsam il-banda u s-sehem tagħha fil-festi tagħna jibqa' sehem fundamentali fit-tifsira vera ta' festa Maltija.

Irridu lkoll naħdmu biex din it-tifsira nkomplu nsaħħuha u fuq kollox inħarsuha. Jekk ma nurux rispett reċiproku u fuq kollox ħidma kollettiva allura dak li huwa wirt importanti ta' pajjiżna jista' jintilef. Għalhekk ikoll kemm aħna rridu nkunu t-tarka sabiex ma nħallu lil ħadd u xejn li jtappan is-sinifikat tal-festa.

F'isem l-Għaqda Każini tal-Banda nawgura l-festa t-tajba, u nirringrazzja lis-Soċjetà tal-Banda u l-membri tagħha għax-xogħol volontarju kbir li jsir. Nappella sabiex dik il-ħidma tissarraf f'ċelebrazzjonijiet denji ta' festa li tgħaqqad il-poplu.


# KARMNU TAL-ĦAXIX

*Fruit & Vegetable Seller*

**Mobile: 9946 2411**

Frott u ħaxix frisk bi prezzijiet moderati ħafna kuljum fil-pjazza ta' Ħal Luqa

Bejn l-4.30pm u s-7.30pm

# Zneiber

**CONFECTIONERY & PASTIZZERIA**

*Orders accepted for*
*Weddings and all occasion parties*

134, Carmel Street, Luqa
Tel: 2180 3999 Mob: 7927 0794



# J.B. Glass Work



For crystal & ordinary glass
- Mirrors
- Polish Edge
- Bevelled
- Stained Glass
- Emergency Repairs

DOMESTIC & COMMERCIAL

19, Qalb ta' Ġesù, Triq L-Imtall, Żurrieq
Tel: 21 689 948 Mob: 99 402 279



# Festa Liturġika ad unur Sant'Andrija Appostlu

**Raoul Briffa**

Kull Ħalluqi għandu mnaqqxa fil-fond ta' qalbu d-data tat-30 ta' Novembru, hekk kif il-Knisja Kattolika madwar id-dinja tagħti ġieħ u qima lill-Appostlu Sant'Andrija.

Kif ilkoll nafu l-Festa liturġika fir-raħal tagħna tul dawn l-aħħar snin kienet biss tiġi ċċelebrata permezz ta' quddiesa kantata solenni fit-Tempju Andrean u għalhekk bħala Soċjetà xtaqna li din il-festa terġa' tieħu l-ħajja. Wara li fis-sena 2016 il-Banda tal-Filarmonika *L'Unione* reġgħet ħadet l-inizjattiva biex fil-jum tat-30 ta' Novembru tagħmel marċ brijuż mat-toroq ewlenin tal-parroċċa, din l-idea ntlaqgħet tajjeb ħafna fost il-membri u l-partitarji. Għalhekk xtaqna li bħala Sezzjoni Żgħażagħ inkomplu nibnu fuq dak li nbeda tliet snin ilu.



Nhar is-17 ta' Novembru li għadda ġew armati l-antarjoli fil-pjazza prinċipali u magħhom ittellgħu l-palji bi xbieha ta' Sant'Andrija biex il-pjazza tieħu d-dehra li jixraqilha fl-okkażjoni tal-festa liturġika. Fil-jiem ta' wara ġew armati l-pjazza u t-triq prinċipali tar-raħal bil-bozoz u l-liedna. Ftaħna l-attivitajiet esterni tal-festa tax-xitwa nhar il-Ġimgħa 23 ta' Novembru fejn ġewwa s-sede tas-Soċjetà nżammet l-ikla tradizzjonali tal-festa li għaliha attendew numru sabiħ ta' membri u partitarji.

Imbagħad kien imiss il-qofol ta' din l-festa liturġika fid-29 u t-30 ta' Novembru. Fid-29 ta' Novembru fil-Knisja Parrokkjali saret it-Trasulazzjoni Solenni bis-sehem tal-Fratellanzi tas-S.mu Sagrament u mbagħad filgħaxija kif rajna li t-temp se jippermetti, ġew armati l-bandalori l-antiki fil-pjazza. Il-qofol intlaħaq mal-għodwa tat-30 ta' Novembru, fejn mas-sebħ tal-jum għall-ħabta tal-5:30 ta' filgħodu l-qanpiena l-kbira 'Andreana' instemgħet tidwi madwar ir-raħal biex tħabbar is-sebħ ta' dan il-jum sabiħ. F'nofsinhar



## Festa Liturġika 2018














SOCIETA' FILARMONICA L'UNIONE






# Atomic Garage




Car Sprayer & Panel Beating
Specialising in Modern Oven Bake &
Water Base for Auto Spray painting
Insurance approved
Tel: 2124 4659 • Mob: 9945 8525
Simon Ciantar
Atomic Garage 58, 59, 60,
Industrial Estate, Luqa LQA 3000
atomicgarageluqa@gmail.com







inżammet l-ikla tradizzjonali tal-festa fil-każin u saru l-aħħar preparamenti biex filgħaxija l-banda toħroġ iddur fit-toroq prinċipali tar-raħal.

Membri tas-Soċjetà *L'Unione* attendew għall-funzjoni solenni ġewwa l-Knisja Parrokkjali mmexxija minn Monsinjur Frans Abdilla. Wara l-funzjoni ngħata bidu għall-marċ. Dan il-marċ intlaqa' tajjeb mill-Ħalluqin kollha tant li issa qiegħed iżid fil-popolarità tiegħu. Il-marċ intemm quddiem is-sede tas-Soċjetà fejn indaqq l-innu tal-banda u nħaraq xi nar minn fuq il-bejt tal-każin. Din is-sena akkumpanjat il-banda l-istatwa ta' Sant'Andrija, xogħol Michael Camilleri Cauchi. Din inġiebet mill-Awstralja, fejn għal numru ta' snin kienet miżmuma b'għożża minn ħutna emigranti Luqin. Din l-istatwa issa qiegħda titgawda f'waħda mis-swali tas-Soċjetà tagħna.



Radd il-ħajr lil dawk kollha li taw sehemhom sabiex dawn il-festi setgħu jkunu ċċelebrati b'mod xieraq u dinjituż. Jalla din il-festa tibqa' tikber, sabiex dan il-jum tat-30 ta' Novembru jibqa' jigi mħares u bla mittiefes.

COMPUTER BARGAINS

Tal-Mahznier Street,
Luqa LQA 1250, Malta

Tel: 2167 7999 Mob: 9945 3187

Email: info@computerbargainsmalta.com
Web: www.computerbargainsmalta.com





# Minn Ħal Luqa għal Melbourne …u lura!

**Neil Zammit**

Kienu bosta dawk l-emigranti Ħalluqin li salpaw lejn l-Awstralja fis-sittinijiet bit-tama li jgħixu ħajja aħjar. Minkejja d-distanzi twal għal din l-art imbiegħda, f'qalbhom xorta ħadu magħhom l-imħabba u d-devozzjoni li kellhom lejn Sant'Andrija Appostlu, tant li għaddewh lil uliedhom ukoll. Dan wassal sabiex jitwaqqaf is-*Saint Andrews' Luqa Social Club* bil-għan li jieħu ħsieb jiġbor fi ħdanu lill-emigranti Ħalluqin u l-familjari tagħhom, waqt li jiċċelebraw ta' kull sena il-festa ad unur Sant'Andrija Appostlu qalb il-poplu ta' Melbourne.




Mal-medda tas-snin, ġiet ordnata wkoll statwa tal-qaddis minn Malta, u x-xogħol tagħha kien fdat f'idejn l-artist Għawdxi Michael Camilleri Cauchi. Din l-istatwa ħadimha f'nofs is-snin disgħin u ttieħdet lejn Melbourne sabiex tintuża għall-festa tal-qaddis patrun. Fost is-saċerdoti li kien hemm ġewwa Melbourne insibu l-mibki Dun Indrì Camilleri, li ħalliena ftit tax-xhur ilu. Huwa kien jorganizza bis-sħiħ il-festa ta' Sant'Andrija flimkien mas-*Saint Andrew's Luqa Social Club* u l-banda li kienet tipparteċipa f'dawn l-avvenimenti annwali. Mhux l-ewwel darba li għamilna kuntatt mal-membri tal-kumitat ġewwa Melbourne, saħansitra kienu bagħtulna xi tifkiriet minn tagħhom u anke kienu ħallsu wieħed mill-bankuni tal-forċini li jintuża għall-vari tal-Ġimgħa l-Kbira fi żmien il-parrokat ta' Mons. Kan. Karm Camilleri.

Ġara iżda illi minħabba diversi raġunijiet, il-kumitat tas-*Saint Andrew's* sfaxxa fix-xejn u ma kien hemm ħadd aktar interessat sabiex ikompli b'din il-ħidma. Għaldaqstant, l-għaqda ġiet xolta ftit tax-xhur ilu u dawk li kien għad fadal qablu bejniethom illi l-istatwa għandha tirritorna lura lejn Malta għax ħadd ma ried iżommha aktar għandu. Minn ġewwa Melbourne, persuni avviċinaw lil xi membri tas-Soċjetà *L'Unione*, fejn










DIRETTURI TAL-BANDA

# Sefora's Nail Tech

Full set €28.00 incl. nail art
Infills €20.00 incl. nail art
Nail art from €5.00

**Mob: 7981 3588**

Find us on: facebook Nails by Sef







# Stephen Mini Market

St George's Street, Luqa

**Mob: 9946 5227**




*For all kind of groceries,*
*fresh fruit, vegetables and detergents*







dawn talbuhom jaċċettaw l-istatwa tal-qaddis bħala donazzjoni. Wara li sar qbil bejn iż-żewġ partijiet, ġie deċiż illi l-istatwa tintbagħat lura lejn Malta, bl-ispejjeż tat-trasport u l-assikurazzjoni jitħallsu mis-Soċjetà *L'Unione*. Hawn ta' min inroddu ħajr lil Joe Camilleri kif ukoll lil Stefan Xuereb u l-familja li kienu strumentali sabiex din l-istatwa setgħet tasal hawn Malta qawwija u sħiħa.

Kien proprju f'Lulju, wara l-festa tas-sena l-oħra, meta l-istatwa waslet Malta wara vjaġġ kemxejn twil u mhux mistenni. Fraħna b'din l-għotja hekk sabiħa u ġeneruża u mill-ewwel ħadna d-deċiżjoni illi din għandha tiġi rrestawrata mill-artist innifsu sabiex tkun tista' tintuża għall-festa liturġika ta' Novembru. Proprju ftit tal-jiem qabel l-aħħar ta' Novembru, l-artist Michael Camilleri Cauchi flimkien ma' martu Veronica ġew il-każin minn filgħodu kmieni sabiex jagħmlu x-xogħol ta' restawr meħtieġ. Ħsarat kbar ma kellhiex, għajr għal xi brix u qsim taż-żebgħa li kienu kkawżati maż-żmien. L-ispejjeż kollha tħallsu minni stess.



Grazzi għall-intervent f'waqtu tal-artist Michael Camilleri Cauchi, din l-istatwa mill-isbaħ reġgħet ħadet il-ħajja u nisslet ferħ kbir hekk kif għall-ewwel darba fl-istorja, ħarġet mill-każin nhar it-30 ta' Novembru li għadda sabiex iddur mat-toroq tal-parroċċa f'Jum Sant'Andrija. Tassew intlaqgħet tajjeb fost il-membri u l-partitarji u kienet tinħass verament arja ta' festa. Nieħdu din l-okkażjoni sabiex nirringrazzjaw mill-ġdid lil dawk kollha li matul is-snin servew fil-kumitat tas-*Saint Andrew's Luqa Social Club* kif ukoll inroddulhom ħajr għal din id-donazzjoni hekk sabiħa. Żgur li din ix-xbieha se tibqa' f'qalbna għal dejjem għal kemm itul iż-żmien.




# HYGRADE BUTCHER

GĦALL-AQWA KWALITÀ TA'
ĊANGA FRISKA, TIĠIEĠ,
ĦARUF U LAĦAM TAL-FRIŻA

Tel: 2166 3549

*NIXTIEQU L-FESTI T-TAJBA*
*LILL-ĦALLUQIN KOLLHA*



# Il-Filarmonika *L'Unione*

## *terġa' tnaqqax isimha fl-istorja għat-tieni darba 'l barra minn xtutna ġewwa Palermo, Sqallija 13 – 16 ta' Diċembru 2018*

**Joe Bezzina**

Kienet ilha tberren f'moħħ l-uffiċjali tas-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* l-idea li wara s-suċċessi li kellha l-Banda tas-Soċjetà fi snin riċenti, dawn is-suċċessi jiġu replikati 'l barra minn xtutna. Għalkemm li tieħu l-banda barra mill-pajjiż tidher xi ħaġa sempliċi, it-tmexxija tas-Soċjetà dehrilha li ma kellhiex tikkuntenta sempliċiment li l-Banda tagħna titla' ddoqq f'xi festa barra l-pajjiż billi tagħmel sempliċi marċ. Mhux għax tali okkażjonijiet jagħmlu xi diżunur, xejn minn dan, iżda għax nemmnu li l-Banda tagħna hija Banda stmata u l-istima li tgawdi kellha tissarraf f'okkażjoni speċjali li tagħmel unur lil Malta. Fi kliem ieħor ma xtaqniex li nsiefru bil-Banda biex ngħidu li sifirna bil-Banda iżda stennejna okkażjoni tajba li tagħmel ġieħ lil din is-Soċjetà.

F'dan l-artiklu qed jingħata rendikont dettaljat ta' din l-okkażjoni unika biex hekk tibqa' mniżżla b'ittri tad-deheb fl-istorja tas-Soċjetà u mfakkra kif xieraq fiż-żmien li ġej.




### Minn wara l-kwinti

Kien f'Ġunju 2018 meta l-Eċċ. Tagħha l-President tar-Repubblika ta' Malta Marie Louise Coleiro Preca għamlet żjara fi Sqallija fejn kienet mistiedna tindirizza l-*Assemblea Regionale Siciliana (ARS)*. Bla dubju, minbarra diskussjonijiet ta' natura politika ma naqsux diskussjonijiet oħra fosthom ta' natura kulturali u kien probabbli waqt diskursata minn dawn tal-aħħar li l-Eċċ. Tagħha ġiet mitluba favur partikulari. Fix-xhur ta' wara fil-Palazz Normann ta' Palermo, il-post fejn jiltaqa' l-parlament reġjonali ta' Sqallija, kienet se tkun organizzata esebizzjoni ta' arti relatata mal-Patruna prinċipali tal-Belt ta' Palermo – Santa Rosalia Verġni








The Island
Caffetteria del Corso
BAR




CANNOLISSIMO









u Martri. Jingħad li din il-qaddisa kienet kruċjali biex bl-interċessjoni tagħha l-belt ta' Palermo ħelset darb'għal dejjem mill-epidemija qerrieda tal-pesta. Għal din l-okkażjoni l-President Coleiro Preca ġiet mitluba biex għal din l-esebizzjoni tiġi mislufa pittura tal-qaddisa mpittra minn Mattia Preti, liema pittura tinsab fil-Knisja ta' Sarria fil-Furjana.

M'għandniex xi ngħidu, il-President Coleiro Preca aċċettat bla tlaqliq. Huwa ta' unur li arti minn pajjiżna tkun esebita f'pajjiżi oħra, anke jekk ġirien tagħna. Biss l-Eċċ. Tagħha ħasbet li mal-pittura ta' Preti tiġi esportata wkoll parti oħra mill-kultura tagħna l-Maltin. Kien għalhekk li l-President ta' Malta proponiet li fl-okkażjoni ta' din il-kollaborazzjoni bejn iż-żewġ gżejjer ġirien titla' banda Maltija biex tagħti kunċert għall-mistednin distinti Palermitani.




Il-President Coleiro Preca kienet diġà onorat lill-Banda *L'Unione* bil-preżenza tagħha fiż-żewġ kunċerti li s-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* tellgħet fl-2017 fil-Knisja Parrokkjali ta' Sant'Andrija Appostlu f'Ħal Luqa u fl-2018 fil-Palazz ta' San Anton. Kienu żewġ kunċerti ta' kalibru li urew il-versatilità u s-serjetà tal-Filarmonika *L'Unione*, iżda wkoll taw prova li l-baned Maltin, meta jinqalgħu mill-medjokrità u jieħdu l-affarijiet bis-serjetà, kapaċi jagħtu kunċerti mill-aqwa li jattiraw udjenza wiesa' ħafna.

Ma kinitx sorpriża għalhekk li wara li l-President tar-Repubblika assistiet għal dawn iż-żewġ kunċerti ħasbet biex il-banda magħżula sabiex titla' tirrappreżenta lil Malta f'din il-kollaborazzjoni kulturali tkun il-Banda tas-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* ta' Ħal Luqa. L-Eċċ. Tagħha dehrilha li s-Soċjetà tagħna kienet se tkun ambaxxattrici denja biex toħroġ lil pajjiżna bl-unuri kollha.

Kien għalhekk li t-tmexxija tas-Soċjetà ġiet avviċinata sabiex tilqa' din l-istedina. Wara diskussjonijiet fil-kumitat ċentrali l-ewwel reazzjoni kienet li l-istedina għandha tiġi rifjutata. Dan għax ħassejna li ma kienx hemm biżżejjed żmien biex nilħqu nippreparaw kemm loġistikament kif ukoll mużikalment. Wassalna din ir-risposta lill-President ta' Malta, iżda din min-naħa tagħha insistiet bil-qawwa kollha li kellha tkun il-Banda *L'Unione* li tirrappreżenta lil pajjiżna għal din l-okkażjoni. Kien għalhekk li wara diskussjonijiet oħra fosthom mal-Eċċ. Tagħha nnifisha ż-żjara ġiet immexxija għal data iktar tard minn dik proposta oriġinarjament u ttieħdet id-deċiżjoni li l-Banda *L'Unione*, flimkien ma' kontinġent ta' ammiraturi u partitarji, tilqa' l-istedina distinta tal-President

tar-Repubblika ta' Malta biex iżżur il-belt kapitali ta' Sqallija mit-13 sas-16 ta' Diċembru bil-qofol jintlaħaq nhar is-Sibt 15 ta' Diċembru 2018 b'kunċert strumentali mill-Banda *L'Unione* fis-Sala Piersanti Mattarella, magħrufa bħala s-*Sala Gialla* fil-Palazz Normann ta' Palermo.




Minn hawn 'il quddiem bdew il-preparamenti kollha biex din iż-żjara tkun suċċess. Biex ikollna gwida professjonali mil-lat loġistiku ġiet avviċinata l-aċenzija Micallef Joe Travel li huma rinomati sew għall-ġiti li jorganizzaw lejn Sqallija. Is-Sur Micallef mill-ewwel aċċetta li jagħtina l-għajnuna tiegħu biex din iż-żjara tkun suċċess. Ta' min jgħid li s-Sur Micallef kien disponibbli l-ħin kollu fil-ġimgħat ta' qabel din il-mawra biex stajna navviċinawh b'kull problema li setgħet tinqala'.

Min-naħa tas-Soċjetà, il-President is-Sur Joseph Piscopo flimkien mas-Segretarju s-Sur James Ciappara u l-Arkivista Neil Zammit ħadmu bla heda biex jinġabar numru sabiħ ta' partitarji u ammiraturi li akkumpanjaw il-Banda f'Palermo. Intant is-Sur Micallef u n-nies tiegħu ħejjew itinerarju interessanti biex il-kontinġent kollu jkollu esperjenza sabiħa, interessanti u fl-istess waqt divertenti biex hekk ukoll din iż-żjara serviet ta' vaganza rilassanti għal dawk li ssieħbu mal-ġita.

Mil-lat mużikali l-Banda *L'Unione* kienet komposta minn xejn inqas minn sebgħa u erbgħin bandist, b'maġġoranza assoluta ta' bandisti tal-post. Mal-bandisti tal-post żdiedu wkoll xi bandisti mistiedna li għoġobhom jingħaqdu mal-Banda *L'Unione* għal din iż-żjara storika. Is-Surmast John D. Zammit ħejja repertorju mużikali varjat biex hekk il-Banda tagħna terġa' għal darb'oħra turi l-versatilità tagħha anke barra minn xtutna. Il-Banda għamlet madwar xahrejn provi qabel ma tellgħet il-kunċert fil-15 ta' Diċembru.

**Iż-Żjara**

Nhar il-Ħamis 13 ta' Diċembru fil-ħamsa ta' filgħodu, kontinġent ta' 108 persuni ħallew Malta permezz tal-katamaran MV La Valette biex jibdew iż-żjara fi Sqallija. Hekk kif wasalna Pozzallo mill-ewwel qbadna t-trasport li ħadna għall-ewwel waqfa tagħna, proprju fil-belt ta' Catania. Hawnhekk kulħadd kellu ċ-ċans idur iċ-ċentru storiku filwaqt li dawk li riedu jmorru sas-suq famuż ta' din il-belt setgħu jagħmlu hekk ukoll. Wara biżżejjed ħin f'din il-belt issuktajna triqitna lejn il-kapitali ta' Sqallija, Palermo fejn






SOCIETÀ FILARMONICA L'UNIONE




















kellna nkunu alloġġjati għat-tlett iljieli ta' wara f'waħda mil-lukandi ewlenin fiċ-ċentru tal-belt.

L-għada mbagħad kellna ppjanati żewġ żjajjar interessanti ferm; waħda fil-belt ta' Cefalù segwita minn mawra fuq Monte Pellegrino. Fil-belt ta' Cefalù żorna postijiet interessanti bħall-Katidral tal-belt mibni taħt il-ħakma Normanna kif ukoll l-għajn tal-ħasselin. Wara passiġġata max-xtajta ta' din il-belt pittoreska qbadna triqitna lejn Monte Pellegrino. Dan huwa lok marbut mal-kult tal-qaddisa tal-Belt Santa Rosalia, fejn hemm Santwarju ddedikat lill-istess qaddisa li jiġbed id-devozzjoni ta' ħafna. Minn dan il-lok ukoll wieħed jista' jammira diversi veduti mill-isbaħ tal-Belt ta' Palermo mifruxa fil-pjanura ta' taħt il-muntanja. Sadanittant, delegazzjoni tas-Soċjetà flimkien mar-rappreżentanta tal-Uffiċċju tal-President ta' Malta ltaqgħu mas-Segretarja tal-ARS sabiex jiddiskutu l-loġistika tal-kunċert li kellu jittella' l-għada.

Is-Sibt 15 ta' Diċembru kien il-jum prinċipali li kulħadd kien qed jistenna f'din iż-żjara f'Palermo. L-għodwa ta' filgħodu kienet libera għal dawk li ma kienux parti mill-Banda sabiex flimkien mal-gwidi jżuru ċ-ċentru storiku ta' Palermo. Fost is-siti interessanti ta' min isemmi it-*Teatro Massimo* u l-wesgħa magħrufa bħala *I Quattro Canti*, pjazza barokka li uffiċjalment għandha l-isem ta' *Piazza Vigliena*.

Għall-membri tal-kumitat u bandisti dan kien jum impenjattiv. Flimkien ma' diversi voluntiera, membri mill-kumitat bdew bil-preparamenti sa minn kmieni filgħodu sabiex filgħaxija l-Banda tagħti l-kunċert skedat. F'nofsinhar, il-membri tal-Kumitat Ċentrali tas-Soċjetà, flimkien mal-bandisti kollha kienu l-mistiedna speċjali tas-Sindku ta' Palermo Prof. Leo Luca Orlando. Il-Prof. Orlando laqgħa b'kordjalità kbira lill-membri u bandisti tas-Soċjetà fejn fost l-oħrajn konna ospitati f'diversi swali ta' *Palazzo Pretorio*, magħruf ukoll bħala *Palazzo delle Aquile*. Fl-indirizz tiegħu lil dawk preżenti s-Sindku Palermitan għamel enfasi kbira fuq il-fatt li llum il-belt ta' Palermo hija belt sigura li tħares 'il quddiem wara l-passat turbolenti li għaddiet minnu minħabba l-Mafja



Siċiljana. Enfasizza li għalkemm il-Mafja hija fenomenu li għadu jeżisti, illum f'Palermo ma tiggvernax il-Mafia. Il-President tas-Soċjetà s-Sur Joseph Piscopo minnaħa tiegħu rringrazzja lil Prof. Orlando tal-ospitalità tiegħu u rrimarka dwar is-sens ta' għaqda u fraternità bejn iż-żewġ gżejjer ġirien filwaqt li nnota wkoll il-ġid li jħallu dawn l-iskambji kulturali. Wara d-diskorsi kien hemm skambju ta' rigali filwaqt li s-Sindku stieden lil dawk preżenti fl-uffiċċju tiegħu sabiex jiffirmaw il-ktieb tal-mistednin. Din kienet l-ewwel darba fl-istorja li d-delegazzjoni sħiħa ta' aktar minn ħamsin persuna ffirmaw il-ktieb tal-viżitaturi, fost il-ħafna mistednin distinti li jżuru din il-binja storika fil-qalba ta' Palermo.




Wara kien imiss li fit-tlieta ta' wara nofsinhar il-Banda *L'Unione* tagħmel marċ qasir *f'Corso Vittorio Emanuele*, it-triq li twassal sa quddiem il-Palazz Normann fejn tiltaqa' l-ARS. Indaqqu marċi tal-kompożituri John D. Zammit, il-Prof. Charles Zammit, Joseph Abela Scolaro u Prof. Gaetano Grech u bla dubju l-Innu marċ immortali *Lill-Banda L-Unjoni* li qanqal l-emozzjonijiet tal-ġitanti kollha preżenti. Wara kien imiss żjara gwidata tal-Palazz Normann fejn fost l-oħrajn dawk preżenti ġew mistiedna jżuru s-sala fejn tiltaqa' l-ARS sa mill-1946 u l-*Cappella Palatina*, kampjun mill-aqwa tal-istil Għarbi-Normann-Biżantin li kien tant popolari fis-seklu tnax fi Sqallija. Dawk preżenti ġew ukoll indirizzati mill-President tal-ARS is-Sur Gianfranco Miccichè. Wara diskorsi qosra mis-Sur Miccichè u mill-President tal-Filarmonika *L'Unione* kien hemm skambju ta' rigali.

Il-mument li konna ilna naħdmu għalih xahrejn sħaħ kien wasal. Fis-6.30p.m. il-Banda tas-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* taħt id-direzzjoni abbli tas-Surmast John D. Zammit tat kunċert strumentali fejn ġew esegwiti diversi siltiet b'abbiltà kbira. Il-kunċert inżamm f'waħda mis-swali prinċipali tal-Palazz Normann, proprju fis-Sala Piersanti Mattarella. Ta' min isemmi li l-Palazz Normann, li fih daqqet il-Filarmonika *L'Unione*, huwa l-eqdem residenza Rjali fl-Ewropa.

Il-Programm esegwit kien dan:

| | |
|---|---|
| Cavalleria Rusticana – Intermezzo | Pietro Mascagni |
| Ammerland | Jacob de Haan |
| Giubileo D'Argento | Carlo Diacono |
| Nessun Dorma | Giacomo Puccini |
| Sant'Anna | Charles E. Zammit |
| E Pluribus Rockum | John Williams |
| Diana | Joseph Abela Scolaro |
| Minuetto | Luigi Boccherini |
| Romanesque | J. Swearingen |
| Calabria in Festa | L. Semeraro |

Il-Kunċert għalaq bi tliet innijiet li dakinhar issiġillaw suċċess li kompla għaqqad lil Malta u lil Sqallija u saħħaħ ir-rabta u l-ħbiberija bejn iż-żewġ gżejjer: L-Innu immortali *Lill-Banda L-Unjoni*, li f'din l-okkażjoni iktar minn qatt qabel indaqq mill-qalb u bi kburija mill-bandisti tal-Banda *L'Unione*, L-Innu Malti u L'Inno di Mameli, l-Innu Nazzjonali Taljan.


ARTS&ENTERTAINMENT MUSIC

L'Unione Philharmonic Society of Luqa performs in Palermo

NEIL ZAMMIT

Minbarra l-kontinġent Malti kollu, għall-kunċert attendew diversi mistednin distinti fosthom il-President tal-ARS is-Sur Gianfranco Micciché, rappreżentanti tal-Militar Taljan, membri tal-Parlament Palermitan kif ukoll is-Sinjura Rosette Fenech f'isem l-Eċċ. Tagħha l-President ta' Malta. Mid-diversi kummenti wieħed seta' jara li l-kunċert intlaqa' tajjeb ħafna u dawk preżenti apprezzaw il-mużika li ġiet esegwita. Fost dawn jispikka tassew il-kumment li ta l-President Micciché fejn awgura tant u tant xewqat sbieħ lis-Soċjetà *L'Unione* bħala ambaxxatriċi ta' Malta u talab li tingħatalu ingravata tas-Soċjetà sabiex iżommha tifkira personali tal-okkażjoni.

Kienet ġurnata mimlija daqs bajda u impenjattiva ferm, biss is-sodisfazzjon deher fuq wiċċ kull min kien involut. Sodisfazzjon għax, iktar minn kollox, is-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* kienet tabilħaqq ambaxxatriċi denja għal Malta.

Il-Ħadd 16 ta' Diċembru kulħadd qam sodisfatt wara l-wirja eċċellenti li tat il-Banda *L'Unione* fil-kunċert tal-lejla ta' qabel. Issa kien imiss jum ta' mistrieħ. Fid-disgħa ta' filgħodu qbadna triqitna lura lejn il-port ta' Pozzallo. Dan it-traġitt kien maqsum b'waqfa għax-xiri minn *Porte di Catania* u wara waqfa oħra mal-*lungomare* ta' Pozzallo għall-kannoli. Intant il-President tas-Soċjetà ppreżenta tifkira lis-Sur Joe Micallef bħala ringrazzjament għall-għajnuna li sibna mingħandu. Fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija intemmet iż-żjara fi Sqallija hekk kif il-katamaran *MV La Valette* tħarrek minn mal-moll tal-port ta' Pozzallo.

**Ringrazzjamenti**

Inkunu qed nonqsu jekk ma nirringrazzjawx l-ewwel nett lill-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca, tal-fiduċja sħiħa u l-ħbiberija kontinwa tagħha, u fuq kollox tal-istedina distinta min-naħa tagħha sabiex il-Filarmonika *L'Unione* setgħet tgħix din l-esperjenza indimentikabbli. Radd il-ħajr ukoll lis-Sinjuri John Camilleri u Rosette Fenech mill-Uffiċċju tal-President tal-ħidma tagħhom f'dan ir-rigward.

Nirringrazzjaw ukoll lill-President u l-membri tal-Kumitat Ċentrali li ħadmu qatigħ sabiex din il-ħolma setgħet issir realtà u tissarraf f'suċċess kbir. Grazzi kbira



lill-bandisti kollha li ingħaqdu magħna, kif ukoll lis-Surmast Direttur, id-Delegat tal-Banda u l-Arkivista tal-impenn sħiħ min-naħa tagħhom fir-rigward tal-banda. Grazzi wkoll lis-Soċjetà Fil. Naz. *La Valette* tal-Belt Valletta li għoġobha tislifna l-leġiji għall-kunċert. Grazzi lill-ġitanti kollha li laqgħu l-istedina tagħna u ingħaqdu mal-Banda *L'Unione* f'din il-mawra storika, kif ukoll lid-ditta *Micallef Joe Travel* tal-koperazzjoni sħiħa min-naħa tagħhom.

Fuq kollox radd il-ħajr lil Alla l-imbierek li żamm idejh fuqna u kollox għadda b'wiċċ il-ġid.




**It-Triq 'il Quddiem**

Bla dubju ta' xejn, is-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* tibqa' għatxana għal aktar suċċessi. B'umiltà iżda b'fehma sħiħa li tibqa' tkun minn ta' quddiem nett fil-qasam kulturali, it-tmexxija tas-Soċjetà se tibqa' taħdem bla heda biex tkompli tgholli 'l fuq l-isem li tant hu għal qalbna – *L'Unione Vincitrice*. Il-Filarmonika *L'Unione* mhix biss il-Banda tal-marċi tal-festa. Dak huwa biss element wieħed li jsaħħaħ il-versatilità tal-Banda tagħna. Il-Filarmonika *L'Unione* hija l-Banda tal-kunċerti uniċi li jattiraw mijiet ta' nies, hija l-Banda b'element qawwi ta' bandisti tal-post, hija l-Banda li dejjem attirat lejha l-aqwa diretturi mużikali tal-epoka, hija l-Banda li tallegra l-poplu ta' raħalna fil-festa ta' Sant'Andrija, hija l-Banda mistiedna f'diversi festi prinċipali barra minn raħalna u issa wkoll saret il-Banda mistiedna mill-Ogħla Awtorità f'pajjiżna sabiex tirrappreżenta lil Malta lil hinn minn xtutna.

Il-Filarmonika *L'Unione* tibqa' Banda ħajja, Banda serja, Banda li kull fejn semmgħet leħinha ħarġet bl-unuri kollha.

Evviva l-Filarmonika *L'Unione!*

The Convenience Shop

Open 6am till 10pm
Monday to Sunday
(even on public holidays)

Tel: 2249 8231



fgp
The Garage Door People
Serving You Since 1962

FGP Ltd. is Malta's longest established garage door manufacturer. We supply a full range of residential, commercial & industrial garage doors and gates, barriers, bollards, remote control automations as well as miscellaneous sheet metal works.

INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS
· Silent · Weather Sealed · Various Designs & Finished
· Residential & Industrial Doors · Competitive Prices
· Remote Control available



109, Valletta Road, Luqa LQA 1762 | T: 2166 7107/8, 2167 3627 | E: sales@fgp.com.mt | W: www.fgp.com.mt



# Programm
# Festa 2019

# Programm tal-Festi Solenni fit-Tempju Andrean f'ġieħ

# Sant'Andrija Appostlu

## Patrun u Protettur Ewlieni ta' Ħal Luqa

### Il-Ħadd 30 ta' Ġunju

*Jum iż-Żgħażagħ*

**10:30am** Quddiesa speċjali għaż-żgħażagħ fil-Knisja Parrokkjali. Mistiedna ż-żgħażagħ kollha b'mod speċjali ż-żgħażagħ tal-għaqdiet reliġjużi u l-għaqdiet soċjali. Iqaddes ir-Rev. Fr Franco Fenech.

**12:00pm** Tindaqq mota tat-tħabbira tal-festa.

### It-Tnejn 1 ta' Lulju

*Ħruġ min-Niċċa – Jum l-Għaqdiet Soċjali*

**6:30pm** Jitlaq Korteo mill-Knisja Parrokkjali għal ħdejn l-istatwa ta' Sant'Andrija Appostlu ta' Wied il-Knejjes sabiex nagħtu ġieħ lill-patrun tagħna u lil missirijietna. F'isem l-Għaqdiet u s-Socjetajiet kollha tal-Parroċċa, is-Sindku flimkien mal-Kappillan ipoġġu kuruna tar-rand f'riġlejn l-istatwa. Wara jkompli l-korteo għall-Knisja Parrokkjali.

**7:00pm** Quddiesa Kantata mir-Rev. Mons. Karm Camilleri fil-Knisja Parrokkjali. Fi tmiem il-quddiesa, titkanta l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas* filwaqt li jsir il-ħruġ tal-istatwa titulari ta' Sant'Andrija minn niċċa.

**8:00pm** Il-Banda Sant'Andrija flimkien mal-komunità parrokkjali isellmu lil Sant'Andrija bl-Innu Popolari.

### It-Tlieta 2 ta' Lulju

*Jum it-Tfal*

**6:30pm** Quddiesa għat-tfal kollha tal-parroċċa ġewwa l-Knisja Parrokkjali, immexxija mir-Rev. Kan. Luke Seguna mill-Parroċċa tal-Madonna tar-Rużarju, Marsaxlokk. Wara toħroġ purċissjoni bl-istatwa ż-żgħira ta' Sant'Andrija li tgħaddi minn Misraħ il-Knisja, Triq San

Pawl, Triq id-Dokkiena, Triq il-Ħabaq, Triq il-Parroċċa, Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ, Triq Sant'Andrija, Misraħ Sant'Andrija u lura fil-Knisja. Wara t-tfal kollha mistiedna sabiex imorru l-qasam tal-MUSEUM fejn ikun hemm logħob u attivitajiet oħra.

## L-Erbgħa 3 ta' Lulju

### *L-Ewwel Jum tat-Tridu – Jum l-Anzjani u l-Emigranti*

**6:30pm** Quddiesa Kantata Solenni tal-Ewwel Tridu mmexxija mir-Rev. Kan. Keith Scicluna, Viċi Parroku Parroċċa Santa Marija, Ħal Għaxaq. Jagħmel l-omelija tat-Tridu ir-Rev. Fr. Franco Fenech. Wara l-quddiesa tingħad il-Kurunella, titkanta l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas*, tingħata l-Barka Sagramentali u jitkanta l-Innu Popolari lil Sant Andrija.
Mistiedna specjali l-anzjani u l-emigranti li jkunu fostna għall-jiem tal-Festa.

## Il-Ħamis 4 ta' Lulju

### *It-Tieni Jum tat-Tridu – Jum il-Morda u l-Familja*

**9:30am** Ċelebrazzjoni għall-morda li jinsabu d-dar u l-anzjani tal-Parroċċa residenti f'San Vincenz de Paule. Iqaddes ir-Rev. Kan. Charles Cini, Arċipriet ta' San Publiju Floriana.

**6:30pm** Quddiesa Kantata Solenni tat-Tieni Tridu mmexxija mir-Rev. Dun Rene' Camilleri. Jagħmel l-omelija tat-Tridu ir-Rev. Fr. Franco Fenech. Wara l-quddiesa tingħad il-Kurunella, titkanta l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas*, tingħata l-Barka Sagramentali u jitkanta l-Innu Popolari lil Sant Andrija.
Mistiedna speċjali l-familji u l-Koppji miżżewġin speċjalment dawk li qegħdin jiċċelebraw l-għaxra, l-ħamsa u għoxrin, u l-ħamsin sena żwieġ, kif ukoll dawk li żżewġu matul din is-sena.
Wara jkun hemm il-preżentazzjoni lil Sant'Andrija tat-trabi li twiedu matul din is-sena, fejn nitolbu wkoll il-Barka fuq il-ġenituri tagħhom biex tgħinhom fit-trobbija ta' wliedhom.

## Il-Ġimgħa 5 ta' Lulju

### *It-Tielet Jum tat-Tridu – Jum l-Għaqdiet Parrokkjali u l-Vokazzjonijiet*

**5:00pm** Qrar.

**6:30pm** Quddiesa Kantata Solenni tat-Tielet Tridu mmexxija mir-Rev. Dun Gordon Refalo, Kappillan tal-Parroċċa Santa Marija, Ħal Għaxaq. Jagħmel l-omelija tat-Tridu ir- Rev. Fr. Franco Fenech. Wara l-quddiesa tingħad il-Kurunella, titkanta l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas*, tingħata l-Barka Sagramentali u jitkanta l-Innu Popolari lil Sant Andrija.
Mistiedna speċjali huma l-għaqdiet reliġjużi tal-parroċċa u r-Reliġjużi.

## Is-Sibt 6 ta' Lulju

*Lejlet il-Festa*

**9:00am** Quddiesa ta' Ringrazzjament. Iqaddes ir-Rev. Dun Martin Micallef, Direttur tad-Dar tal-Providenza. Wara jitkanta l-Innu ta' Ringrazzjament, it-*Te Deum*.

**9:30am** Qrar sal-10:30am.

**6:00pm** Transulazzjoni Solenni tar-Relikwija ta' Sant'Andrija Appostlu mill-Knisja tal-Madonna tal-Ftajjar għall-Knisja Parrokkjali fejn isir il-Kant tal-Innu Popolari lil Sant Andrija u l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas*. Jiehdu sehem il-fratellanzi tal-parroċċa, il-kleru u l-abbatini. Wara jsir il-kant tal-Primi Vespri Solenni ta' lejliet il-festa u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Imexxi r-Rev. Kan. Michael Zammit, Kappillan.

**7:15pm** Quddiesa Solenni bl-omelija ta' lejliet il-festa. Iqaddes is-saċerdot novell Dun Aayrton Ray Muscat.

## Il-Ħadd 7 ta' Lulju

*Jum il-Festa Titulari ta' Sant'Andrija Appostlu*

**7:00am** Quddiesa.

**9:00am** Konċelebrazzjoni Solenni tal-Festa mmexxija mir-Rev. Fr. Franco Fenech, f'għeluq il-25 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Jinseġ il-Paniġierku r-Rev. Kan. David Farrugia Kappillan tal-Parroċċa ta' San Pawl, Ħal Safi.

**11:30am** Quddiesa Letta.

**5:30pm** Quddiesa Kantata bl-omelija. Iqaddes Rev. Mons. Alfred Vella.

**6:15pm** Sekondi Vespri Solenni ta' nhar il-Festa. Imexxi r-Rev. Mons. Alfred Vella.

**7:15pm** Titkanta l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus* Andreas u tibda ħierġa l-Purċissjoni Solenni bl-istatwa titulari ta' Sant'Andrija Appostlu, Patrun ta' Ħal Luqa, immexxija mis-saċerdot novell Dun Aayrton Ray Muscat.

**10:30pm** Ninġabru fuq iz-zuntier biex nilqgħu l-istatwa ta' Sant'Andrija Appostlu lura fil-Knisja Parrokkjali. Mad-dħul, titkanta l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas* u tingħata l-Barka Sagramentali.

## Is-Sibt 13 ta' Lulju

*Quddiesa ta' Radd il-Ħajr*

**6:30pm** Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Knisja Parrokkjali u wara jsir id-dħul tal-vara ta' Sant'Andrija lura fin-niċċa. Il-quddiesa tkun animata mill-Kor Parrokkjali. Iqaddes ir-Rev. Kan. Michael Zammit, Kappillan.

Waqt il-jiem tat-Tridu Solenni, lejlet u nhar il-festa, il-quddies ta' filgħaxija jkun animat mill-Kor Parrokkjali, bis-sehem tal-organista John Fsadni taht id-direzzjoni

ta' Mro. Norbert Camilleri *L.Mus. L.C.M., LVCM, Dip Sacred Music*. Jigu esegwiti l-*Missa Sancti Andreae* ta' Norbert Camilleri, *Missa Pro Europa* ta' Berthier u l-*Missa de Angelis*, kif ukoll l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas* ta' Fra Domenico Anastasi *OSA* u Dottor Paolo Nani.

Lejlet u nhar il-festa tindaqq il-mużika tas-Surmastrijiet Ferdinando u Giuseppe Camilleri, Rev. Michael D'Amato u Neil Zammit. Tigi esegwita l-Antifona *Cum Pervenisset Beatus Andreas* ta' Ferdinando Camilleri, Dottor Paolo Nani u Fra Domenico Anastasi *OSA*. Il-kor u l-orkestra jkunu taht id-direzzjoni ta' Mro. Hermann Farrugia Franz, *Maestro di Cappella*, bis-sehem tal-*Coro Bel Canto* u l-organista Mark Vassallo.

Ċeremonjier waqt il-funzjonijiet kollha se jkun Bro Vince Axiaq *OFM Cap*., assistit minn Patrick Muxi.



# Programm tal-Festi Esterni organizzati mis-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* f'ġieħ

# Sant'Andrija Appostlu

## Il-Ġimgħa 28 ta' Ġunju

**8.00pm** Ikla tradizzjonali tal-festa għall-membri, partitarji u l-familjari kollha fi Triq Sant'Andrija.

## Il-Ħadd 30 ta' Ġunju

**10.30am** Il-membri żgħażagħ tas-Soċjetà jattendu għal quddiesa speċjali ġewwa l-Knisja Parrokkjali.

## It-Tnejn 1 ta' Lulju

***Ħruġ tal-Istatwa Titulari min-niċċa***

**6.30pm** Il-Kumitat Ċentrali flimkien mal-membri tas-sezzjonijiet kollha tas-Soċjetà jieħdu sehem f'*korteo* bis-sehem tal-Għaqdiet kollha tal-parroċċa u l-kleru li jibda minn quddiem l-istatwa ta' Sant'Andrija fi Triq il-Karmnu u jispiċċa fil-Knisja Parrokkjali fejn issir il-quddiesa.

**8.00pm** Ħruġ tal-istatwa ta' Sant'Andrija min-niċċa għal fuq iz-zuntier tal-knisja.

## It-Tlieta 2 ta' Lulju

**8.30pm** Riċeviment mogħti mill-Kumitat Ċentrali lill-mistednin distinti, Kleru, Kunsill Lokali, Għaqdiet, membri, benefatturi, partitarji u ħbieb tas-Soċjetà.

## L-Erbgħa 3 ta' Lulju

***L-Ewwel Jum tat-Tridu***

**8.30pm** Il-Banda L-Unjoni tesegwixxi programm mużikali fuq il-planċier artistiku fi Pjazza Sant'Andrija taħt id-direzzjoni tas-Surmast John D. Zammit *F.V.C.M*. sabiex jitfakkar il-ħamsin anniversarju mir-renovazzjoni tiegħu.

**10.00pm** Il-Banda L-Unjoni tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin fi Triq Sant'Andrija u jgħaddi minn Pjazza Sant'Andrija, Triq Dun Pawl, Triq San Ġorġ, Triq Sant'Andrija u Pjazza Sant'Andrija.

## Il-Ġimgħa 5 ta' Lulju

*It-Tielet Jum tat-Tridu*

**9.00pm** Marċ kbir mill-Baned L-Unjoni u Santa Katarina V.M. taż-Żurrieq. Iż-żewġ baned jibdew flimkien minn quddiem il-Każin fi Triq Sant'Andrija u mbagħad jieħdu r-rotot rispettivi tagħhom sakemm jingħaqdu flimkien fl-aħħar tal-marċ għat-tlugħ tal-istatwa ta' Sant'Andrija fuq il-pedestall tagħha fi Pjazza Sant'Andrija, fost il-ferħ tal-partitarji.
*Il-Banda L-Unjoni tibda l-marċ minn Triq Sant'Andrija u tkompli għal Pjazza Sant'Andrija, Misrah tal-Knisja, Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ, Triq Dun Pawl, Triq il-Ġdida, Triq Sant'Andrija u Pjazza Sant'Andrija.*
*Il-Banda Santa' Katarina V.M. tibda l-marċ tagħha minn Triq Sant'Andrija u tkompli għal Pjazza Sant'Andrija, Triq il-Karmnu, Triq G. Trigance, Triq Indri Micallef, Triq Ċensu de Candia, Triq Tumas Galea, Triq Ġorġ Zahra, Triq Sir Ugo Mifsud, Triq Sant Andrija u Pjazza San Andrija.*

## Is-Sibt 6 ta' Lulju

*Lejlet il-Festa*

**8.30pm** Il-Banda L-Unjoni tibda l-marċ popolari ta' lejlet il-festa minn quddiem il-każin fi Triq Sant'Andrija u timxi għall-Pjazza Sant'Andrija, Triq San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq il-Ġdida, Triq Dun Pawl, Triq San Ġorġ, Triq Sant'Andrija għall-Pjazza Sant'Andrija fejn isir it-tlugħ tant mistenni tal-istatwa tal-Anġlu fuq il-pedestall tiegħu fost il-ferħ u l-briju tal-partitarji.

## Il-Ħadd 7 ta' Lulju

*Jum il-Festa*

**9.00am** Il-Kumitat Ċentrali u rappreżentanti mis-sezzjonijiet tas-Soċjetà jattendu għall-Konċelebrazzjoni Solenni tal-festa fil-Knisja Parrokkjali.

**6.00pm** Il-Banda 12th May ta' Ħaż-Żebbuġ, mistiedna tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni, tibda' marċ minn quddiem il-każin fi Triq Sant'Andrija u timxi għall-Pjazza Sant'Andrija, Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ, Triq Sant'Andrija u jintemm fi Pjazza Sant'Andrija.

**7.30pm** Il-Banda 12th May, minn fuq il-planċier fi Pjazza Sant'Andrija tilqa' l-istatwa titulari ta' Sant'Andrija fil-ħruġ tagħha mill-knisja għall-purċissjoni bid-daqq tal-innijiet ta' Mro. Gaetano Grech u Mro. Angelo Pace bis-sehem tal-Coro Bel Canto. Wara, l-istess banda tesegwixxi programm mużikali fuq il-planċier taħt id-direzzjoni ta' Mro Hermann Farrugia Frantz.

**10.00pm** Il-Banda 12th May issellem lil Sant'Andrija hekk kif jasal fil-pjazza ewlenija bid-daqq tal-Inno Sant'Andrea, kompożizzjoni tas-Surmast Orlando Crescimanno (1912), bis-sehem tal-Coro Bel Canto u t-tenur Charles Vincenti.

**10.30pm** Il-Banda 12th May issellem lil Sant'Andrija bl-innijiet popolari fid-dħul tal-purċissjoni lura fil-Knisja Parrokkjali.
Mad-dhul tal-purċissjoni, il-Kumitat Ċentrali flimkien mar-rappreżentanti tal-membri tas-Saint Andrew's Fireworks Factory u s-sezzjonijiet l-ohra jidħlu l-knisja sabiex mal-Kappillan u l-poplu preżenti jroddu ħajr lil Alla u lil Sant'Andrija wara li l-festa tkun intemmet b'wiċċ il-ġid.

**11.15pm** Il-Banda L-Unjoni tagħlaq il-festa bil-Marċ tan-Nar tul Triq Sant'Andrija.



# Programm Mużikali mill-Filarmonika *L'Unione*

## Fuq il-Planċier Artistiku fi Pjazza Sant'Andrija, Ħal Luqa

F'għeluq il-Ħamsin Anniversarju mir-Renovazzjoni Tiegħu fl-1969

**L-Erbgħa 3 ta' Lulju, fit-8:30pm**

| | |
|---|---|
| **Calabria in Festa** | **L. Semeraro** |
| **Il-Kavallieri ta' Malta** | **J. Abela Scolaro** |
| **The Avengers** | **A. Silvestri** (Arr. M. Brown) |
| **You raise me up** | **B. Graham & R. Lovland** (Arr. J. Wasson) *Bis-sehem ta' Ella Mangion u l-kor tat-tfal Centre Stage Kids* |
| **You'll Be In My Heart** | **Ph. Collins** (Arr. J. D. Zammit) *Bis-sehem ta' Jeffrey Scicluna u l-kor tat-tfal Centre Stage Kids* |
| **The Godfather (Love Theme)** | **N. Rota** (Arr. R. Longfield) |
| **When You Believe** | **S. Schwartz** (Arr. J. D. Zammit) *Bis-sehem ta' Eleanor Cassar u l-kor tat-tfal Centre Stage Kids* |
| **Band Suite** | **N. Camilleri** |
| **Burning Heart** | **J. Peterik & F. Sullivan III** (Arr. J. D. Zammit) *Bis-sehem ta' Tiziana Calleja u l-kor tat-tfal Centre Stage Kids* |
| **Naples medley** | **Various** (Arr. B. Sadler) |
| **Innu lil Sant Andrija Appostlu** | **G. Grech** |
| **Innu lill-Banda L-Unjoni** | **J. Abela Scolaro** |

**Surmast Direttur: John David Zammit *FVCM***

**Tippreżenta: Graziella Camilleri**

# Marċi li ser jindaqqu mill-Filarmonika *L'Unione*

| | |
|---|---|
| **Andreas Damian** | John D. Zammit |
| **L-Ajkla Rebbieħa** | Norbert Camilleri |
| **L'Unione Brass Quintet** | Victor Borg |
| **Forza Universali** | Andrew Borg Fiorentino |
| **Janice** | John B. Zarb |
| **The Union Band Stand** | Andrew Zarb |
| **Indrì u Ġuża** | Charles E. Zammit |
| **El Chevalier** | Joseph Casapinta |
| **Victory** | Joseph Abela Scolaro |
| **L-Ewwel Appostlu** | Andrew Fava |
| **30th November** | Neil Zammit |
| **Spirit of Victory** | John D. Zammit |
| **Innu lil Sant'Andrija Appostlu** | Gaetano Grech |
| **Innu lill-Banda L-Unjoni** | Joseph Abela Scolaro |

# Servizzi tal-Filarmonika *L'Unione* 2019

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Movies in Concert* | Kunċert Sinfoniku | Dar il-Mediterran | 23 ta' Marzu |
| Ħadd il-Palm | Kunċert ta' Marċi Funebri | Ħal Luqa | 14 t'April |
| Ġimgħa l-Kbira | Programm u Proċessjoni | Ħal Luqa | 19 t'April |
| Kristu Rxoxt | Proċessjoni | Ħal Luqa | 21 t'April |
| San Filep | Marċ u Programm | Ħaż-Żebbuġ | 9 ta' Ġunju |
| San Nikola | Marċ u Programm | Is-Siġġiewi | 30 ta' Ġunju |
| Sant'Andrija | Programm u Marċ (L-Ewwel Tridu) | Ħal Luqa | 3 ta' Lulju |
| Sant'Andrija | Marċ (Tielet Tridu) | Ħal Luqa | 5 ta' Lulju |
| Sant'Andrija | Marċ (Lejlet il-Festa) | Ħal Luqa | 6 ta' Lulju |
| Sant'Andrija | Marċ tal-Aħħar (Nhar il-Festa) | Ħal Luqa | 7 ta' Lulju |
| San Ġorġ | Marċ | Belt Victoria | 19 ta' Lulju |
| Santa Marija | Marċ | Imqabba | 12 t'Awwissu |
| San Leonardu | Marċ u Programm | Ħal Kirkop | 25 t'Awwissu |
| Santa Katarina | Marċ | Żurrieq | 1 ta' Settembru |
| Marija Bambina | Marċ | Senglea | 7 ta' Settembru |
| Santu Wistin | Marċ u Programm | Il-Belt Valletta | 18 ta' Settembru |
| Sant'Andrija (Festa Liturġika) | Marċ | | 30 ta' Novembru |

# Programm tan-Nar
## Festa Titulari
## Sant'Andrija Appostlu

St. Andrew Fireworks Factory, Luqa, Malta

### It-Tnejn 1 ta' Lulju – Ħruġ min-Niċċa

| | |
|---|---|
| **8.00am** | Bomba u Murtaletti |
| **12.00pm** | Bomba u Murtaletti |
| **7.30pm** | Salut, Kaxxa infernali u Murtali bil-logħob |
| **9.15pm** | Murtali, Beraq tal-kulur, Beraq pront u kulur |

### L-Erbgħa 3 ta' Lulju – L-Ewwel Jum tat-Tridu

| | |
|---|---|
| **8.00am** | Bomba u Murtaletti |
| **12.00pm** | Bomba u Murtaletti |
| **8.00pm** | Bomba u Murtaletti |
| **11.30pm** | Nar tal-Art f'Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra |

### Il-Ħamis 4 ta' Lulju – It-Tieni Jum tat-Tridu

| | |
|---|---|
| **8.00am** | Bomba u Murtaletti |
| **12.00pm** | Bomba u Murtaletti |
| **9.15pm** | Murtali, Beraq tal-kulur, Beraq pront u Murtali tal-kulur |

### Il-Ġimgħa 5 ta' Lulju – It-Tielet Jum tat-Tridu

| | |
|---|---|
| **8.00am** | Bomba u Murtaletti |
| **12.00pm** | Bomba u Murtaletti |
| **20.00pm** | Bomba u Murtaletti |
| **9.15pm** | Beraq pront, Beraq tal-kulur u Murtali tal-kulur |
| **11.50pm** | Wirja spettakolari bis-sistema *Fire One* minn fuq il-bejt tal-każin |

### Is-Sibt 6 ta' Lulju – Lejlet il-Festa

***Te Deum***

| | |
|---|---|
| **9.00am** | Salut, Kaxxa bomba u Spanjola, Murtali bil-logħob |
| **11.45am** | Bomba u Murtaletti |

***Transulazzjoni***

| | |
|---|---|
| **6.00pm** | Salut, Kaxxa bomba u Spanjola, murtali bil-logħob |
| **21.15pm** | Murtali tal-beraq pront, Beraq tal-kulur, Murtali tal-Kulur u Spettaklu sabiħa ta' nar tal-ajru li jkunu gwidati permezz tas-sistema *Fire One* |
| **12.15am** | Nar tal-Art Mekkanizzat, b'wirja ta' funtani kkuluriti f'Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra |

### Il-Ħadd 7 ta' Lulju – Jum il-Festa

| | |
|---|---|
| **8.00am** | Bomba u Murtaletti |
| **11.30am** | Bomba u Murtaletti |

***Ħruġ tal-Purċissjoni***

| | |
|---|---|
| **7.30pm** | Salut, Kaxxa infernali mżewqa b'ħafna effetti piroteknići. Wara l-kaxxa jsegwu settijiet ta'murtali bil-logħob. |
| **21.15pm** | Lampjun, Murtali tal-beraq pront, Beraq tal-kulur u Murtali tal-kulur, Sfejjer u Blalen. |

**Dan ix-xogħol kollu ġie maħdum ġewwa s-Saint Andrew's Fireworks Factory**



A.D. 1864

# Marċi li ser jindaqqu mill-Banda Santa Katarina V.M.

## Il-Ġimgħa 5 ta' Lulju

| | |
|---|---|
| Innu Marċ Banda Santa Katarina V.M. | Francis Falzon |
| S'Insegna e S'Impara | Andrew Coleir |
| Dun Anton Vella | Francis Falzon |
| Coronation | Joseph Azzopardi |
| Kollna Ferħ | Josef Grech |
| Ave Virginum | Alan Schembri |
| Ġemellaġġ | Keith Sacco |
| Mattia Preti (1613-2013) | Chris Cachia |
| Supremazija | Nikola Bugeja |
| Lill-Fundatur Dun Vinċenz Schembri | Josef Grech |
| The Golden Band Stand - 1956 | Giulio Tanti |
| Bint ix-Xemx - 1983 | Francis Falzon |
| 150 Sena Anniversarju | Ray Sciberras |
| Mary Rose - 1964 | Luigi Bongailas |
| Doriette - 1961 | Espedito Deguara |
| San Corrado - 1954 | Vincenzo Ciappara |
| Santa Katarina - 1964 | Angelo Pullicino |
| St Catherine - 1960 | J. Abela Scolaro |
| Good Luck Catherine | Angelo Pullicino |
| Per Sempre Patrona | Alan Schembri |
| Victory | Vincenzo Ciappara |
| Valley of Roses | Charles Zammit |
| No Competition | John Zammit |
| L-Imgħallem | Anthony Aquilina |

Surmast Direttur: **Josef Grech**

# Programm
# mill-Banda 12th May
## Esegwit nhar il-Festa ta' Sant'Andrija Appostlu
## Il-Ħadd 7 ta' Lulju

| | |
|---|---|
| **Suite for Variety Orchestra** | Dmitri Shostakovich |
| **Mazeppa** | Franz Liszt |
| **Aladdin** | Alan Menken |
| **Die Frau Meisterin** | Franz von Suppè |
| **The Greatest Showman** | John Debney & Joseph Trapanese |
| **Un Giorno di Regno** | Giuseppe Verdi |

Surmast Direttur: **Hermann Farrugia Frantz**


SOCIETA
FILARM:
L'UNIONE
C. LUCA



# Wirja Spettakolari

*ta' dwal sinkronizzat mal-mużika*

# u Presepju Statiku

*għal żmien il-Milied*

**André Farrugia**

Għal darb'oħra, is-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri ħadet ħsieb torganizza spettaklu ta' dwal sinkronizzat mal-mużika permezz ta' *The Facade in Yuletide*. Wara li fl-2017 il-pubbliku li ġie jżur din il-wirja ġie offrut bi spettaklu ta' dwal sinkronizzat mal-mużika b'effetti ġodda fl-okkażjoni tal-għaxar anniversarju, il-membri tas-Sezzjoni flimkien ma' membri oħra fi ħdan is-Soċjetà ħasbu biex għall-Milied 2018 din il-faċċata tiġi armata b'festuni ġodda peress li l-festuni preċedenti kienu waslu biex jinbidlu. L-ispiża ma kinitx żgħira iżda bid-determinazzjoni u l-ħidma ta' kulħadd inġabru l-flus u nxtraw is-settijiet il-ġodda li żgur sebbħu l-faċċata tal-Każin u Triq Sant'Andrija.



Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil kull min ta l-għajnuna tiegħu fuq dan il-proġett speċjalment lil André u Leli Magri, Andrew Zammit, Lawrence Cassar, Omar Xerri, Anthea Spiteri, Patrick Camilleri u l-membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ li flimkien ħadmu id f'id biex din il-ħolma saret realtà. Nixtieq nirringrazzja wkoll lil *Dar Services*, *Computer Bargains*, *B&G Hardware Store* u *Erectric Ltd* għall-għajnuna tagħhom bħala *main sponsors* ta' din l-attività, kif ukoll lil dawk kollha li taw donazzjoni b'risq dan il-proġett.



SIMPATIA CRAI

# J & S Store

*For all types of groceries, fresh fruit & vegetable, frozen foods & detergents*






Now SIMPATIA CRAI outlet

FREE DELIVERY

Misraħ Sant'Andrija, Luqa
Tel: 2166 4082

# DANIEL Woodworks

Joiners & Importers of Febal Cucine & Top Quality Italian Doors

febal cucine

IPEA porte



86, Valletta Road, Luqa LQA 1762
Tel/Fax: 356 2166 7106 Mob: 356 7940 7622
www.danielwoodworks.com



Għal żmien il-Milied ukoll ġiet organizzata wirja ta' presepju kbir statiku, maħdum mill-membru Sandro Farrugia. Dan il-presepju bħas-soltu ġibed lejh bosta ammiraturi u dilettanti li setgħu japprezzaw mill-qrib ix-xogħol dettaljat u sabiħ li kien fih. Nirringrazzjaw lill-esebitur tas-sagrifiċċju personali tiegħu sabiex jarma dan il-presepju sabiħ.


paperway stationery

- *Newsagent*
- *Books*
- *School & Office Stationery*
- *Greeting Cards*
- *Toys & Educational Games*
- *Gifts*
- *Colour and B/W Photocopying service*
- *Printing from all Media*
- *Photocopies starting from 2c*
- *Book Binding & Covering*
- *Laminations*
- *Passport Photo Service*

*Smart Card Accepted*

*Paperway Stationery, Dun Pawl Street, Luqa.*

*Telephone: 21690689 E-Mail: paperwayluqa@gmail.com*

# MARK's GARAGE

*Mechanical Service & Repairs*

Sales of Second Hand Parts

**Agent for Cepsa Lubricants & PBR Filters**

Tel: 2168 9456

Mob: 9947 6370, 7922 5926

**Cepsa Motor Oil PBR Filters**

# JERRY'S SILENCER REPAIRS



**CO2 Welding**

## For Welding & Silencer Repairs

**Teddy's Garage, Siġġiewi Road, Mqabba**

**Tel: 2164 0750 – Mob: 9944 9237**



# *Family Concert*

## *għal żmien il-Milied*

**Joseph Piscopo**

Fit-2 ta' Diċembru 2018 reġa' ġie organizzat il-*Family Concert* bis-sehem tal-Banda L-Unjoni flimkien mal-istudenti li jinsabu fi stadju kemxejn avvanzat tal-istudju mużikali tagħhom fis-sala tal-Iskola Primarja ta' Ħal Luqa. Din is-sena dan il-kunċert ħa xejra kemxejn differenti, minħabba l-fatt li xi wħud mill-istudenti daqqew siltiet fi gruppi ta' tnejn jew tlieta akkumpanjati mill-għalliem Norbert Camilleri fuq il-pjanu.

Din l-attività hi waħda li tagħti spazju lil dawn l-istudenti u għalhekk is-siltiet magħżula jkunu ftit iktar faċli għax l-iskop hu li dawn jingħataw ċerta esperjenza bħala esekuzzjoni quddiem udjenza. Barra minn hekk il-ġenituri ta' dawn l-istudenti jkunu jistgħu japprezzaw l-avvanz fl-istudju mużikali ta' uliedhom.

Fost is-siltiet magħżula din is-sena kien hemm *Blue Bells of Scotland* bis-sehem ta' Luke Sammut ($B^b$ Baritone) u Daniel Vella ($B^b$ Trumpet), *Sharpshooter's March* bis-sehem ta' Aleandro Farrugia (Saxophone Soprano), Jake Degabriele, Andreas Ciappara u Gail Grech ($B^b$ Trumpet), silta minn *Lobesang* bis-sehem tal-flawtisti Megan Galea u Yana Chetcuti, *Old Folks at Home*, bis-sehem ta' Mariah Ciappara, Anisha Grech, Sarah Theuma u Michela Zahra ilkoll fuq il-klarinett u finalment *Doctor Who* fejn kellna lill-bandist ta' età żgħira Daniel Vella fuq il-kurunetta. Barra minn dawn kien hemm siltiet oħra b'tema marbuta mal-Milied u siltiet oħra mill-pinna ta' kompożituri Maltin bħal *St Ann* u *Diana* ta' Prof. Charles Zammit u Joseph Abela Scolaro rispettivament.












Banda Unjoni Luqa
Family Concert
Mill-Banda Unjoni flimkien mal-allievi
fl-Iskola Primarja ta' Ħal Luqa
nhar il-Ħadd 2 ta' Diċembru fil-5.30pm
Taħt id-direzzjoni ta' l-Assistent Surmast
Norbert Camilleri





Il-Kumitat jirringrazzja lill-għalliema tagħna s-Surmast John David Zammit, Norbert Camilleri, Victor Borg u l-għalliem ġdid René Barbara, għall-preparazzjoni ta' dawn l-istudenti, kemm għal din l-attività kif ukoll fit-tagħlim li jagħtu tul is-sena kollha.







do not waste your time
going around stop at

MAŻINI
AUTOPARTS & ACCESSORIES

GRAF FAI Gates ICER QH WÜRTH Valeo Japanparts FERODO AISIN MONROE

where you will find
everything under one roof
*More brands available...*

Qrendi Road, Żurrieq (Ħdejn l-Armerija) ZRQ 04
Tel / Fax: 21 642465



# Manutenzjoni fil-Każin matul is-sena …

**Joseph Piscopo**

Wara l-festa tas-sena li għaddiet tkomplew diversi xogħlijiet fil-bini tal-Każin sabiex dan jissebbaħ dejjem iktar. Wieħed irid japprezza li x-xogħol ta' tisbiħ u anke ta' manutenzjoni ta' bini kbir huwa tassew vast u allura dan ma jkunx jista' jsir li kieku ma jkunx għall-ħeġġa tal-membri u l-għajnuna finanzjarja.

**Rilokazzjoni tal-Banka tal-Lottu**

Hekk kif għaddiet il-festa tas-sena l-oħra ġie deċiż li jsir xi ċaqliq fis-sular t'isfel biex nutilizzaw l-ispazju aħjar. Sar xogħol ta' elettriku fin-naħa ta' fejn ġejja l-banka tal-lottu biex ir-riċevitur tal-lottu jkun moqdi tajjeb u nxtrat *mobile partition* biex tifred il-banka mill-kumplament tal-każin. Dan sar biex tiġi rispettata l-privatezza tan-nies li jkunu qed jinqdew mill-istess banka. Dan iċ-ċaqliq fil-banka sar biex b'hekk irbaħna l-użu tal-kamra fejn qabel kienet il-banka, kif ukoll l-użu tal-kamra ta' warajha, li qabel kienet tintuża bħala l-uffiċċju tas-segretarju.



L-uffiċċju tas-segretarju ġie trasferit għal kamra laterali, liema kamra se tibqa' armata bħala uffiċċju s-sena kollha u fejn wieħed ikun jista' jilqa' xi mistednin. Iż-żewġ kmamar li ġew battala issa se jibdew jintużaw biex fihom isiru wirjiet matul is-sena, primarjament dawk tal-Milied u l-Ġimgħa Mqaddsa, kif ukoll għal xi okkażjoni li tista' tinqala'.

**Xogħol fil-*Bar Area***

Fis-Sajf tas-sena li għaddiet inbidlu l-aperturi kollha tal-*area* tal-bar u dawn saru tal-*aluminium*. Barra minn hekk saret ukoll iz-zokklatura tal-irħam tal-parti ċentrali tal-*bar area*. Il-ħsieb hu li issa nkomplu b'dan ix-xogħol mad-dawra kollha tas-sular t'isfel. Dan ix-xogħol ħa jkun jifforma parti minn proġett estensiv li hu ppjanat għas-sena d-dieħla sabiex l-entratura tal-Każin tagħna tieħu dehra iktar addattata għaż-żminijiet tal-lum. Dan kollu se jkun qed isir bi preparazzjoni għall-140 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà tagħna.





**Xogħol fis-Swali**

Wara li qabel il-festa tas-sena li għaddiet ġie mwaħħal il-*wallpaper* fil-Kamra tal-Kumitat, tkompla wkoll dan ix-xogħol billi ġie mwaħħal il-*wallpaper* fis-Sala Vincenzo Camilleri. Barra minn hekk ġie miżbugħ is-saqaf u l-bordura b'kuluri iktar addattati. Dan ix-xogħol ta' żebgħa sar mis-Sinjuri Andrew Aquilina u Oliver Magri. Dan ix-xogħol seta' jsir bl-għajnuna tal-iskema VOPS tal-Kunsill Malti għall-Volontarjat. Barra minn hekk qed isir ukoll restawr fuq il-*fireplace* antik li jżejjen din is-sala. Dan ir-restawr kien jifforma parti minn proġett li jkopri xogħlijiet oħra ta' restawr, fosthom il-planċier u l-arkivju l-antik tas-Soċjetà. Dan ix-xogħol sar bl-appoġġ tal-Kunsill Malti Għall-Arti li ħareġ skema għal xogħol ta' restawr ta' opri antiki li jinsabu fil-Każini tal-Baned.





Wara l-festa li ġejja se jkompli x-xogħol ta' tisbiħ billi tiġi wkoll msebbħa s-Sala Joseph Abela Scolaro, bi twaħħil ta' *wallpaper*, art ġdida kif ukoll għamara ġdida sabiex fiha nżommu l-affarijiet antiki li s-Soċjetà għandha. Ħafna minn dan ix-xogħol se jsir b'ko-finanzjament minn fondi Ewropej, permezz ta' skema maħruġa apposta għall-għaqdiet volontarji mill-Fondazzjoni GAL Xlokk.

Wara li jitlestew dawn ix-xogħlijiet kollha ppjanati għandu jkollna swali denji ta' Palazz fejn fihom inżommu t-tifkiriet sa mit-twaqqif tal-Banda tagħna, kif ukoll ikollna

ambjent isbaħ għall-attivitajiet kulturali u mużikali li jsiru minn żmien għall-ieħor fil-bini tas-Soċjetà tagħna.

Il-Kumitat tas-Soċjetà jirringrazzja lill-voluntiera kollha li għenu f'dan ix-xogħol bil-ħidma u l-kontribuzzjonijiet tagħhom. Barra minn hekk jirringrazzja wkoll lill-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat li permezz ta' skemi li joħorġu minn żmien għal żmien, jgħinu lil għaqdiet volontarji bħal tagħna sabiex jinvestu fi proġetti kapitali u ta' restawr.












THURSDAY
FRIDAY - SATURDAY
SUNDAY




# Il-Banda *L'Unione* f'Ħadd il-Palm

**Neil Zammit**

Il-Filarmonika *L'Unione* organizzat kunċert ta' marċi funebri nhar Ħadd il-Palm filgħodu li ħabat fl-14 ta' April. Il-Banda kienet magħmula minn numru kbir ta' bandisti tal-post kif ukoll għadd ta' allievi li bħalissa qed jitgħallmu l-mużika fi ħdan is-Soċjetà tagħna. Il-Banda, immexxija mill-għalliem Victor Borg, esegwiet dan il-programm ta' marċi fil-preżenza tal-Kappillan, is-Sindku, il-kunsilliera u mistednin oħra:

| | |
|---|---|
| *Il-Ġimgħa Mqaddsa 2007* | Prof. Charles Zammit |
| *Post Tenebros Lux* | John David Zammit |
| *Funeral March* | Ludwig van Beethoven |
| *Addio Per Sempre* | Giappesi |
| *A Mio Amico* | Rossi |
| *Marcia Funebre Numero 5* | Antonio Miruzzi |
| *Requie* | Pétrarque |
| *Marcia Funebre Numero 8* | Antonio Miruzzi |

Wara li ntemm il-programm, dawk kollha preżenti assistew għall-ftuħ tal-wirja ta' arti sagra mtella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa.


LORENZA BAZAAR

*Fejn issibu kull kwalità*

ta' Haberdashery, żraben tal-kbar u ż-żgħar, ħwejjeġ għall-familja kollha, kif ukoll ħwejjeġ ta' taħt, bħal qliezet u flokkijiet, nightdresses u oħrajn.




ORTDECO






# Sehem il-Filarmonika *L'Unione* fil-Purċissjoni Solenni tal-Ġimgħa l-Kbira

**Neil Zammit**

Għal darb'oħra, il-Banda tas-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* tat is-sehem sħiħ tagħha fil-purċissjoni solenni tal-Ġimgħa l-Kbira organizzata ġewwa l-Parroċċa ta' Ħal Luqa nhar il-Ġimgħa 19 ta' April 2019.

Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni, il-banda esegwiet programm ta' mużika adattata taħt id-direzzjoni tas-Surmast John D. Zammit. Aktar tard, il-Banda *L'Unione* sellmet lil Kristu Msallab bid-daqq tal-innu immortali '*La Croce*' u wara kompliet iddoqq marċi funebri tul il-purċissjoni kollha quddiem il-Vara l-Kbira.

Intant, dan li ġej huwa l-programm mużikali li ġie esegwit mill-Filarmonika *L'Unione* fuq iz-zuntier tal-knisja:

| | |
|---|---|
| *Parade of the Charioteers* | Miklos Rozsa |
| *John 19:41* | Andrew Lloyd Webber |
| *Adagio in Sol Minore* | Tommaso Albinoni |
| *Cordis Salutatio – Lil Ommi Michelina* | John D. Zammit |
| *Invocazione per Venerdì Santo* | Charles E. Zammit |
| *In Memoriam – Innocenzo Camilleri* | Norbert Camilleri |
| *Amor Sempiternus – In memory of Michael D'Amato* | Neil Zammit |
| *La Croce* | Orlando Crescimanno |

Din is-sena rajna wkoll lill-Banda *L'Unione* terġa' timmarċja bil-pass waqt li akkumpanjat il-purċissjoni. Dan kompla jżid mas-serjetà u d-dinjità li biha timpenja ruħha l-banda tagħna kull fejn issemma' leħinha, speċjalment f'servizzi prestiġġjużi bħalma hu dan, li ħafna jkunu qed jistennew bil-ħerqa.

# SANTA MARIJA SERVICE STATION

MAIN STREET MELLIEĦA

**Panel Beater**
**Car Repairs & Servicing**
**Battery & Tyre Servicing**
**Wheel Balancing**
**Car Wash Service**
**also available**

**Tel: 2157 3918**

Vigo
MENSWEAR

South Street, Valletta VLT 1105

Tel: 2123 6001



# *Recording* ta' Marċi Funebri

## *Kompożizzjoni ta' Neil Zammit*

**Joe Bezzina**

Is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni kburija li fost il-mużiċisti tagħha dejjem kellha elementi li jagħmlulha unur. Dan kollu ħafna drabi mingħajr daqq ta' trombi u ftaħir żejjed. Imma r-riżultati qegħdin hemm biex jarahom kulħadd. Għaldaqstant din is-Soċjetà bir-raġun tifraħ meta mużiċisti minn tagħha jilħqu tragwardi importanti fil-karriera mużikali tagħhom.

Hekk kienet il-ġurnata tat-13 ta' Ottubru li għadda, fejn fis-sala tat-Teatru Metanoia sar *recording* ta' Marċi Funebri kollha kemm huma kompożizzjoni tal-mużiċist, kompożitur u arkivista tas-Soċjetà Neil Zammit. Kienet inizjattiva personali tas-Sur Zammit li jsir dan ir-*recording* biex b'hekk jaqta' xewqa li kienet ilha tberren f'moħħu għal numru ta' xhur. Ġew irrekordjati total ta' disa' marċi funebri li hu kkompona fl-aħħar snin u li ndaqqu kull sena mill-banda tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni fi żmien il-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Neil Zammit beda jistudja l-*pianoforte* u t-teorija mużikali taħt is-superviżjoni ta' Prof. Charles Zammit fl-età ta' sitt snin u fl-1995 ingħaqad mal-Banda tal-Filarmonika L-Unjoni bħala kurunettista wara li tħarreġ taħt John David Zammit, Surmast Direttur preżenti, u Mario Galea. Aktar tard tgħallem ukoll taħt Mario Micallef fi ħdan il-Filarmonika Nazionale *La Valette*. Ħa sehem f'diversi kunċerti sinfoniċi f'teatri ewlenin fosthom fit-Teatru Manoel filwaqt li mal-Filarmonika L-Unjoni daqq ukoll bħala solista fil-*Concerto for Two Trumpets* ta' Vivaldi lura fl-2008.

Matul is-snin huwa kompla l-istudji tiegħu fl-armonija, l-kuntrapunt, il-fuga u l-istorja mużikali taħt is-superviżjoni ta' John David Zammit u Norbert Camilleri. Akkwista diversi diplomi fil-*pianoforte* u t-teorija mużikali mil-*London College of Music* fi ħdan



*Thames Valley University* ta' Londra. Fl-2012 beda t-taħriġ tiegħu fl-istudji orkestrali u l-kompożizzjoni taħt is-superviżjoni ta' Ray Sciberras u ftit xhur wara akkwista d-diplomi *L.Mus. LCM* fit-teorija mużikali u *ALCM* fil-kompożizzjoni. Zammit


Iter Passionis
Marci Funebri












TOMMY






Filarmonika
Unjoni





# SIX BAR

Żuru dan il-Bar
għal
xorb ġenwin
b'appetizers
f'atmosfera familjari
u ferriħija



**Jiftaħ kuljum mill-3.45am
'il quddiem**

Triq Mons. Pietru Pawl Saydon, Żurrieq






**We specialize in: Up Styles (especially for weddings), Hair Extensions, Hair Cuts, Blowdries, Colours, Highlights, Hair Treatments, Scalp Treatments, Scalp Stone, Massage, Brazilian Anti-Frizz Treatment, Straightening and more... We also specialize in Make-up and Nails.**

huwa kompożitur ta' numru sabiħ ta' marċi brijużi u funebri, xogħlijiet profani u sagri għall-orkestra, *musica da camera*, banda sinfonika u vuċijiet. Fost l-aħħar xogħlijiet li kkompona nsibu is-silta *Mandatum Novum Do Vobis* fejn Zammit żewweġ tant tajjeb il-ħoss tal-orgni ma' dak tal-banda sinfonika. Din ġiet esegwita għall-ewwel darba nhar is-Sibt l-1 ta' April 2017 fil-kunċert *Tristis Est Anima Mea* li ttella' mill-Filarmonika L-Unjoni fil-knisja ta' Ħal Luqa. L-istess silta reġgħet ġiet esegwita sena wara mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija f'kunċert li ttella' fil-Katidral tal-Imdina.





Għalkemm dan ir-*recording* kien kollu kemm hu inizjattiva personali ta' Neil Zammit, inkluż l-ispejjeż relatati, is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni offriet kull għajnuna possibbli fosthom l-użu tas-sala għall-provi tal-banda u apparat ieħor biex setgħet titwettaq din l-inizjattiva. Is-Soċjetà kburija wkoll li l-maġġoranza tal-mużiċisti li taw sehemhom f'dan ir-*recording* huma mużiċisti tas-Soċjetà stess li bl-iktar mod ammirevoli taw dan is-servizz volontarjament. Magħhom ingħaqdu ħbieb mużiċisti oħra li huma regolari mal-Filarmonika L-Unjoni. Il-Banda kienet taħt id-direzzjoni tal-kompożitur innifsu. Ir-*recording* kien fdat għal darb'oħra f'idejn is-Sur Alan Schembri li daħal għal din il-biċċa xogħol b'serjetà kbira biex hekk jipprovdi l-aqwa prodott finali possibbli. Il-banda kienet kontinwament taħt is-superviżjoni għaqlija tas-Surmast John David Zammit li assigura li l-ħoss tas-sezzjonijiet kollha tal-banda jkun wieħed bilanċjat filwaqt li mill-esperjenza tiegħu kien il-ħin kollu lest b'pariri siewja biex il-prodott finali jkun wieħed eċċellenti.




Is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni, bir-raġun, kburija li wieħed minn uliedha laħaq dan it-tragward fil-karriera mużikali tiegħu. Is-Soċjetà tibqa' kommessa li timbotta 'l quddiem inizjattivi ta' din ix-xorta mill-mużiċisti fi ħdanha. Tibqa' kommessa wkoll li toffri l-aqwa ambjent biex kull min jixtieq jissieħeb ma' waħda mill-aqwa baned fil-gżejjer Maltin, jersaq u jieħu l-edukazzjoni mużikali tiegħu fi ħdan din is-Soċjetà.

# J.B. CONCRETE MIX

**SUPPLIER OF CONCRETE & SOFT STONE**
**SMALL TRUCK SERVICE SINGLE AXLE**
**HIGH UP SERVICE • CRANE HIRE**

PLANT
Misraħ Sinjura in Siġġiewi Road, Qrendi
**Tel: 2164 0778**
**Mob: 9947 3741**

RESIDENCE
'JulieJo', Ramija Street, Siġġiewi
**Tel: 2146 4622**





# Iter Passionis

## *Wirja t'Arti Sagra għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa*

**Malcolm Muscat**

Is-Sezzjoni Żgħażagħ Ajklieri fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni ta' Ħal Luqa organizzat wirja t'arti Sagra għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa bl-isem ***Iter Passionis*** li nfetħet il-Ħadd 14 t'April, nhar Ħadd il-Palm, u ġiet imbierka mill-Wisq.Rev Kanonku Kappillan Dun Michael Zammit. L-istess wirja li baqgħet miftuħa sa jum il-Ġimgħa l-Kbira bla tlaqliq nistgħu ngħidu li kienet ta' suċċess ieħor fejn l-attendenza tad-dilettant kienet waħda tajba ħafna.

Din il-wirja kienet imqassma f'żewġ partijiet; l-ewwel parti tikkonsisti f'sett ta' vari artistiċi maħduma mill-magħruf Karlu Darmanin, u li huma propjetà tas-Soċjetà Filarmonika L'Unione. Fit-tieni parti tal-wirja kien hemm esebiti numru ta' xogħlijiet artistiċi, fosthom pitturi u statwi ta' artisti magħrufa fix-xena lokali fosthom Paolo Camilleri Cauchi, Carlo Darmanin, Girolamo Dingli, Renzo Gauci, John Massa, Joe Cutajar Zahra u xogħlijiet ta' Lecce.





Qabel ma nagħlaq dan l-artiklu nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li minn sena għal sena jesebixxu xi opra ta' arti fil-wirjiet li jiġu mtellgħa. B'mod speċjali nixtieq nirringrazzja wkoll lil Neil Zammit, Gareth Galdes, Andrew Zammit u Eric Camilleri tal-għajnuna kontinwa tagħhom fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa.


HORACE ENTERPRISES
TROPHIES, SPORTS GOODS AND EQUIPMENT
84, Triq Il-Gudja, Għaxaq GXQ 2175
21696302 / 99420346
horaceltd@gmail.com
www.horace-ent.com
WE PRINT ON T-SHIRTS
SIMON WHITLOCK


SMART
BUILDING SOLUTIONS
As a leading building material manufacturer,
we understand your needs and deliver - Everytime.
When using our PPB Predalle and Prestressed Beam you will...
SAVE COSTS
SAVE TIME
ENVIRONMENTALLY FRIENDLY
DESIGN & QUALITY CONTROL
ELBROS
built for life
Get more information about our quality building materials today
Call: 2298 1200 or Email: info@elbros.com.mt www.elbros.com.mt



# Żjara minn Delegazzjoni tal-Parlament Sqalli

**Joseph Piscopo**



Nhar il-21 ta' Settembru 2018, fis-sede tas-Soċjetà kellna żjara mhux tas-soltu. Dan minħabba li fuq invit tal-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, kellna żjara ta' delegazzjoni mill-*Assemblea Regionale Siciliana,* li hu l-Parlament Reġjonali ta' Sqallija, liema delegazzjoni kienet Malta għaċ-ċelebrazzjoni ta' Jum l-Indipendenza.



Din id-delegazzjoni kienet magħmula fost l-oħrajn minn Prof. Cristina Tornali u Prof. Ignazio Vecchio. Huma kienu wkoll akkumpanjati mis-Sinjorina Rosette Fenech, bħala rappreżentanta tal-Uffiċċju tal-President ta' Malta. Id-delegazzjoni ntlaqgħet mill-President tas-Soċjetà tagħna, is-Sur Joseph Piscopo, li spjega l-irwol tal-għaqdiet mużikali f'kull belt u raħal u l-importanza li għad għandhom fil-ħajja tal-Maltin. Min-naħa tagħhom huma spjegaw fuq is-similaritajiet tat-tradizzjoni bandistika fi Sqallija u f'Malta. Ta' min jgħid li din iż-żjara serviet ukoll bħala parti mill-preparazzjonijiet għaż-żjara li l-Banda għamlet tliet xhur wara ġewwa Palermo.








La Sollevazione di Cristo
Marcia Funebre



# Il-Maestro Antonino Oddo mill-ġdid f'Ħal Luqa

**Neil Zammit**

Għat-tieni sena konsekuttiva, il-Filarmonika *L'Unione* ta' Ħal Luqa kellha x-xorti tilqa' fi ħdanha lis-Surmast magħruf Sqalli Antonino Oddo nhar il-Ħadd 14 ta' April. Dan wara illi fuq inizjattiva tal-Filarmonika Nazionale *La Valette* tal-Belt, dan is-Surmast ġie mistieden sabiex jagħti kunċert ta' marċi funebri ġewwa t-Teatru tal-Istitut Kattoliku.

Tajjeb insemmu illi s-Soċjetà tagħna ħadet sehem ukoll flimkien ma' baned oħra permezz ta' bandisti minn tagħha li ngħaqdu flimkien mal-Filarmonika Nazionale *La Valette* għal dan il-programm ġewwa l-Istitut Kattoliku tal-Furjana. Kienet okkażjoni sabiħa wkoll tara lil din il-*mass band* immexxija mill-eks surmast tal-Banda *La Valette*, Mro Joseph Sammut, li minkejja l-veneranda età li għandu, tela' fuq il-palk biex jidderieġi l-banda waqt l-eżekuzzjoni ta' marċ funebru li huwa stess kiteb għal din l-okkażjoni.

L-għada mbagħad, Mro Oddo wettaq żjara ta' kortesija ġewwa Ħal Luqa fejn żar lis-Soċjetà *L'Unione*. Huwa seta' jammira l-banda tagħna waqt il-programm ta' marċi funebri mtella' fl-okkażjoni ta' Ħadd il-Palm bis-sehem tal-istudenti żgħażagħ. Qabel telaq minħabba l-ħafna impenji li kellu, il-President tas-Soċjetì tagħna ppreżentalu tifkira u saru diskorsi tal-okkażjoni.

Nieħdu din l-okkażjoni sabiex nirringrazzjaw lil Mro Oddo kif ukoll lis-Sur Jonathan Grima, President tal-Fil. Nazionale *La Valette*, ta' din l-opportunità sabiħa. Jalla jkollna aktar okkażjonijiet fejn niltaqgħu ma' esponenti barranin fil-qasam mużikali, waqt li nitgħallmu aktar sabiex ngħollu l-livell tal-baned tagħna l-Maltin.

# C&H BARTOLI

9, Empire Stadium Street, Gzira
Tel: (+356) 2345 8000

## For all your professional kitchen requirements...

Home of premium quality catering
& hotel equipment brands.

EXCLUSIVE DISTRIBUTORS FOR

steelite INTERNATIONAL
CORECO
LA CIMBALI
ZANUSSI PROFESSIONAL
Electrolux Professional Laundry Systems
Scotsman



# Movies in Concert

## *Spettaklu ta' Mużika u Viżwal mid-Dinja taċ-Ċinema*

## *Is-Sibt 23 ta' Marzu, 2019*

**Joe Bezzina**

Wara s-suċċess miksub fil-21 t'April tas-sena l-oħra fil-kunċert *Movies at the Palace* li nżamm fil-Palazz ta' San Anton, konna kważi qtajna qalbna li nistgħu intellgħu kunċert ta' dak il-livell. Mhux għax is-sodisfazzjon ma kienx hemm, xejn minn dan, iżda l-ammont ta' xogħol li hu involut biex jittella' avveniment ta' dak il-livell huwa kbir ferm. Iktar u iktar meta wieħed iqis li x-xogħol kollu biex seta' jittella' kunċert bħal dak sar kollu kemm hu minn ftit voluntiera li għandhom għal qalbhom il-Banda tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni u jixtiquha tasal fejn ftit baned oħra jistgħu joħolmu li jaslu. Bil-kunċert tal-2018 kienu diġà ntlaħqu qċaċet li għall-isfera bandistika lokali huma għoljin ħafna. Insemmu biss il-fatt li konna fost l-ewwel, jekk mhux l-ewwel banda Maltija li qatt talbet ħlas għall-kunċert. Dakinhar, fil-bitħa tal-Palazz ta' San Anton kellna udjenza ta' madwar 700 persuna.




Iżda l-kummenti li kellna wara *Movies at the Palace* ftit li xejn ħallew dubju li, minkejja l-eżawriment u l-għejja wara l-kunċert li kien għaddu kif għadda, fl-2019 kellna nerġgħu intellgħu kunċert tal-istess livell jekk mhux aħjar. Il-kummenti tal-udjenza li kellna mlewna bil-kuraġġ. Kważi kważi l-Kumitat tas-Soċjetà ħass li jkun qed jonqos jekk lil din l-udjenza li urietna daqstant fiduċja fl-2018 iħalliha bil-għatx minn spettakklu ieħor ta' din ix-xorta. Kien għalhekk li

waqt li konna għadna qed nifirħu bis-suċċess tal-kunċert li kien għadu kemm għadda, is-Soċjetà bdiet taħseb sabiex ittella' kunċert ieħor is-sena ta' wara. Avvenimenti ta' din ix-xorta jirrikjedu ħafna preparamenti u allura ma stajniex inħallu wisq żmien jgħaddi jekk ridna nerġgħu nirrepetu suċċess ieħor. Wara qbil mas-Surmast tal-Banda John David Zammit, li hu l-mutur ewlieni wara s-suċċessi mużikali tal-Banda L-Unjoni ġie deċiż li għall-2019 nerġgħu nżommu mal-istess tema li kellna fl-2018, jiġifieri kunċert ieħor ta' mużika mid-dinja ċinematografika, din id-darba bit-tema *MOVIES IN CONCERT*.

Mill-ewwel beda x-xogħol fuq il-kunċert tal-2019. Forsi ftit jobsru kemm avveniment bħal dan jinvolvi xogħol. *MOVIES IN CONCERT* kellu jinżamm is-Sibt 23 ta' Marzu 2019. Deċiżjoni mill-iktar kruċjali kienet il-lok fejn se jittella' l-kunċert. Konna konxji li wara l-udjenza ta' 700 persuna li attirajna fl-2018 il-probabbiltà kienet li l-udjenza kienet se tikber. Ġie deċiż li fl-2019 il-kunċert isir fis-Sala Repubblika ta' Dar il-Mediterran għall-Konferenzi. Deċiżjoni ambizzjuża fejn issa ridna nattiraw udjenza ta' madwar 1,400 persuna sabiex jimtela' dan it-teatru. Dan ukoll kien ifisser piż finanzjarju ikbar. Is-Soċjetà ħasbet biex terġa' tapplika għall-fondi biex hekk tibbenefika u tkun tista' ssostni finanzjarjament proġett ta' din ix-xorta. Mill-ewwel saru wkoll laqgħat bejn dawk konċernati biex, flimkien mas-Surmast Direttur tiġi magħżula l-mużika li se tindaqq fl-2019. Beda wkoll mill-ewwel il-kuntatt mal-mużiċisti u hekk kif ġie deċiż ir-repertorju, saru wkoll il-kuntatti meħtieġa mal-korijiet u mas-solisti li kienu parti integrali mill-kunċert.




Mill-ewwel is-Surmast John David Zammit beda jaħdem fuq il-maġġoranza tal-arranġamenti mużikali. Ta' min jagħmel enfasi u jirringrazzja lis-Surmast tagħna li b'abbiltà liema bħalha jirnexxielu joħloq arranġament leali lejn l-oriġinal. Forsi ftit huma dawk li japprezzaw kemm dan ix-xogħol jinvolvi kapaċità, ħin u paċenzja. Forsi wkoll ftit huma dawk li jobsru li x-xogħol fl-arranġamenti mużikali għall-kunċert tal-2019 beda sa minn Mejju 2018. Flimkien mas-Surmast saru wkoll arranġamenti b'abbiltà kbira mill-Assistent Surmast Norbert Camilleri u l-mużiċista u kompożitur fi ħdan il-Banda tagħna Neil Zammit. Dan kollu wassal biex ikollna repertorju ta' sittax-il silta mużikali ta' diversi kompożituri li kollha għamlu isem fil-qasam tal-mużika tal-films.

Ir-repertorju magħżul kien dan:

| | |
|---|---|
| The Avengers | Alan Silvestri |
| The Ludlows | James Horner |
| The Girl from Ipanema | Antonio Carlos Jobim |
| Hymn to the Fallen | John Williams |
| Star Wars | John Williams |
| Crimson Tide | Hans Zimmer |

| | |
|---|---|
| You'll be in My Heart | Phil Collins |
| When You Believe | Stephen Shwartz |
| Midnight Express | Giorgio Moroder |
| Superman | John Williams |
| On Earth As It Is In Heaven | Ennio Morricone |
| Burning Heart | Jim Peterik/Frankie Sullivan |
| Braveheart | James Horner |
| One Day | Hans Zimmer |
| The Greatest Show | B.Pasek, J.Paul & R.Lewis |
| The Ecstacy of Gold | Ennio Morricone |




Kif wieħed jista' jinnota ntgħażlu siltiet li mhux biss huma tal-widna u popolari iżda wkoll li ntużaw f'films li għamlu suċċess u li nkitbu minn kompożituri magħrufa sew f'dan il-qasam. Wieħed jinnota wkoll il-varjetà fl-istili tal-mużika magħżula biex hekk ġie assigurat li nolqtu l-akbar firxa ta' nies possibbli. Għal dan il-għan ittieħdet in konsiderazzjoni wkoll is-sekwenza ta' kif se tiġi esegwita l-mużika biex hekk l-udjenza tibqa', mill-bidu sal-aħħar, attenta u interessata f'dak li qed isir fuq il-palk.

Tajjeb insemmu wkoll li għat-tieni sena konsekuttiva il-Banda L-Unjoni kienet se tkun kumplimentata b'diversi strumenti tal-korda, primarjament sezzjoni ta' għaxar vjolini, tliet vjolinċelli u tliet kuntrabaxxi. Dan huwa kunċett innovattiv fil-qasam bandistiku lokali li iżda ntlaqa' tajjeb ħafna mill-udjenza preżenti għal *Movies at the Palace*. Mal-istrumenti li soltu naraw fil-baned Maltin ingħaqdu wkoll arpa, fagotti, *lead guitar* u *bass guitar* u sezzjoni estensiva ta' strumenti tal-perkussjoni. Dawn kollha kienu neċessarji biex joħorġu l-effetti meħtieġa mir-repertorju li ġie esegwit. Mal-mużiċisti din id-darba kien hemm il-ħtieġa li ninkludu żewġ korijiet. Wara proċess ta' għażla ġie magħżul l-*Amadeus Chamber Choir* tas-Surmast Brian Cefai. Ingħaqad ukoll mal-Banda L-Unjoni il-*Malta National Children's Choir* taħt it-treġija ta' Tiziana Calleja. Ġew avviċinati wkoll il-kantanti popolari Tiziana Calleja, Eleanor Cassar u Chris Grech biex ikantaw diversi siltiet waqt dan l-ispettaklu. Dawn aċċettaw mill-ewwel li jissieħbu f'dan il-proġett.

Il-provi għal *MOVIES IN CONCERT* bdew fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar. Ta' min jgħid li l-Banda L-Unjoni kienet għadha kemm ġejja minn suċċess ieħor fiż-żjara storika f'Palermo u allura ma stajniex nibdew il-provi qabel tgħaddi din iż-żjara. Kien għalhekk li kif għaddew il-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena il-mużiċisti tal-post flimkien mas-Surmast meddew għonqhom għall-impenn biex jippreparaw bl-aħjar mod possibbli.

Ma' dawn ingħaqdu wkoll mużiċisti oħra, uħud mill-ahjar li hawn Malta, li b'impenn sħiħ u b'lealtà lejn is-Soċjetà tagħna attendew għall-provi biex hekk seta' jintlaħaq il-livell mixtieq. Waqt li kien għaddej dan kollu u ferm qabel, is-Sur Joseph Piscopo, President tas-Soċjetà, flimkien mal-Kumitat, kien kontinwament għaddej b'ħafna xogħol ieħor relatat ma' loġistika u kuntatti ma' diversi individwi li konna se nieħdu servizz mingħandhom. Importanti li f'dan l-istadju nirrimarka li wara dawn is-suċċessi tal-Banda L-Unjoni il-mutur ewlieni huwa l-President tas-Soċjetà Joseph Piscopo. Ma nkunx qed nesaġera jekk ngħid li kien hu l-persuna li flimkien ma' ftit oħra kellu l-viżjoni, lura fl-2015 hekk kif daħal għall-impenn ta' President tas-Soċjetà, li jġib isem u r-reputazzjoni tal-Banda L-Unjoni fuq nett fil-lista tal-aqwa baned f'Malta. U ma nkunx qed nesaġera lanqas jekk ngħid li, kieku ma kienx hu s-suċċessi li kellha l-Banda L-Unjoni tul dawn l-aħħar snin ma konniex nesperjenzawhom. Dan filwaqt li qatt ma abbanduna xogħol ieħor fis-Soċjetà.






M'għandniex xi ngħidu li kulħadd kien qed jistenna d-data tat-23 ta' Marzu. Kien sar xogħol kbir biex naslu għal suċċess ieħor. Mhux faċli tikkoordina spettaklu li involuti fih kien hemm mill-inqas mitejn persuna, biex ma nsemmux il-persuni li ħadmu minn wara l-kwinti! Mhux l-iskop tal-artiklu li jiddeskrivi kull silta mużikali. Iżda bla tlaqliq ngħidu li kienet serata meraviljuża. Il-mużika magħżula ġiet interpretata b'mod eċċezzjonali mill-mużiċisti, korijiet u solisti. Is-Surmast Zammit kellu kontroll assolut tal-Banda kif ukoll tal-korijiet u d-direzzjoni kienet waħda impekkabbli. Okkażjonijiet bħal dawn jikkonfermaw lil John David Zammit mhux biss bħala arranġatur u kompożitur mill-aqwa iżda wkoll bħala wieħed mill-aqwa diretturi mużikali li għandna f'Malta. Dan jixhduh ukoll id-diversi mużiċisti li jdoqqu taħt id-direzzjoni tiegħu. L-udjenza ta' madwar 1,400 persuna li ppakkjat it-teatru ta' Dar il-Mediterran għall-konferenzi kellha kliem ta' tifħir għall-Banda L-Unjoni kif ukoll lejn dawk kollha li flimkien magħha pprovdew dan l-ispettaklu uniku. Ix-xogħol li kien sar minn kważi sena qabel kien ħalla l-frott mixtieq u l-Banda L-Unjoni reġgħet għal darb'oħra ħarġet bl-unuri u naqqxet isimha bħala waħda mill-aqwa Baned li hawn f'Malta. Dan ma ngħiduhx aħna iżda huwa konfermat mill-udjenzi li din il-Banda tiġbed lejha. Is-suċċess tal-Banda L-Unjoni huwa wkoll konferma li l-Baned Maltin jistgħu jkunu attrazzjoni mużikali u joffru





# Palermo 2018


















































PALERMO


MOVIES IN CONCERT
A CELEBRATION OF FILM MUSIC














MOVIES IN CONCERT












MOVIES IN CONCERT
A CELEBRATION OF FILM MUSIC












MOVIES IN CONCE
A CELEBRATION OF FILM MUSIC


MOVIES IN CONCERT
A CELEBRATION OF FILM MUSIC
23 . 03 . 2019
MEDITERRANEAN CONFERENCE CENTRE
PHILHARMONIC BAND
WITH THE PARTICIPATION OF
THE AMADEUS CHAMBER CHOIR
AND THE MALTA NATIONAL CHILDREN'S CHOIR
VOPs






OVIES IN CONCERT
A CELEBRATION OF FILM MUSIC
VOPs


MOVIES IN CONCERT

prodott mill-aqwa jekk jieħdu l-missjoni tagħhom bis-serjetà u ma jiddevjawx minn dak li twaqqfu għalih.




Ma nistax intemm dan l-artiklu jekk ma nirringrazzjax lil diversi persuni li kienu kruċjali sabiex *MOVIES IN CONCERT* kien suċċess. Insemmu l-Kumitat Ċentrali tal-Filarmonika L-Unjoni b'mod partikulari il-President Joseph Piscopo, is-Surmast tal-Banda L-Unjoni John David Zammit li xogħlu kien imprezzabbli, l-Assistent Surmast Norbert Camilleri, lill-mużiċisti kollha, speċjalment dawk tal-post li b'impenn kbir attendew għall-provi u ħadmu qatigħ biex ikollna s-suċċess mixtieq. Ringrazzment speċjali jmur lill-Viċi President tas-Soċjetà Lawrence Cassar li jagħmel ħafna xogħol li ma jidhirx u jagħti sostenn finanzjarju kontinwu lis-Soċjetà meta tiġi għal dawn l-avvenimenti.

Dan il-kunċert kien ukoll possibbli bl-għajnuna mogħtija mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat u l-iskema VOPS, Karl Camilleri li ħa ħsieb l-*artwork* professjonali kollu li kellna, George Azzopardi li għen fl-*event management*, l-Arkivista Neil Zammit li pprepara l-mużika kollha meħtieġa, Andrew Zammit, André Magri u *Nexos Lighting* għad-dwal, Norbert Friggieri ta' *Evolution Media* li pprepara l-viżwali sbieħ li kellna, Jonathan Farrugia ta' *Flash Productions* li kien inkarigat mill-*filming*, Sergio Costa, li ħa ħsieb is-*sound,* l-Inġinier Johan Psaila u l-fotografi Max Cassar u Emanuel Cauchi. Finalment nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li għenu b'diversi modi speċjalment lil Josef Sacco, Reno Spiteri, André Farrugia, Raoul Briffa, Eman Cachia, Omar Xerri, Damian Psaila, *Zneiber Confectionery* u lil *Construct Furniture* li dejjem għenu lis-Soċjetà f'dawn it-tip ta' proġetti li nidħlu għalihom.






Issa nħarsu 'l quddiem għal aktar proġetti ta' dan il-livell sabiex inkomplu ngħollu isem is-Soċjetà L-Unjoni u l-isem il-baned Maltin.





# *L'Unione* u l-1880 ... marbuta fl-istorja bla mittiefsa

## *Fuq l-għatba tal-140 Anniversarju*

**Neil Zammit**

Kemm dati u stejjer instemgħu jidwu f'dawn l-aħħar snin biex ixejnu dan l-annu sinifikanti u wisq għażiż għalina! Iżda żgur li jibqa' l-fatt illi l-1880 tibqa' dik is-sena l-aktar importanti u li matulha ħarġet l-ewwel forma ta' banda mużikali fl-inħawi ta' Wied il-Knejjes u li bir-raġun titqies bħala omm il-baned Ħalluqin. Għammduha bl-isem *L'Unione* u aktar tard ħadet it-titlu ta' *Vincitrice;* isem li jagħti ġieħ lil min ħadem u stinka kemm felaħ sabiex iġib 'il quddiem lil din l-għaqda mużikali li kellha tkun punt ta' riferiment għal bosta għaqdiet oħra li twaqqfu warajha.




U dan kien biss il-bidu. Għaliex din il-banda kellha tinbena fuq sisien sodi bi prinċipji serji u dixxiplinati li wasslu lil din il-banda tikseb popolarità kbira tul is-snin. Dan kollu grazzi lill-bravu Surmast Vincenzo Camilleri li flimkien ma' uliedu Gavino, Enrico, Ferdinando u Emanuele żergħu tant tajjeb l-arti mużikali fost it-tfal u ż-żgħażagħ Ħalluqin li ħafna minnhom kienu kważi illitterati. Barra t-tagħlim mużikali, is-Soċjetà *L'Unione* tat ukoll kontribut fil-qasam soċjo-kulturali ta' pajjiżna, għax kellha fit-tmun bosta personaġġi ta' stoffa li mexxewha fit-triq tas-suċċess. Insemmu biss lill-ewlenin Presidenti Vincenzo Cremona u Nicola Sammut, li ħallew impatt tant qawwi fuq din is-Soċjetà tant li isimhom baqa' intrinsikament marbut mal-ewwel snin dehbiena tas-Soċjetà *L'Unione*.

Propju b'dan l-isfond ta' storja mill-aktar glorjuża, ninsabu hawn fuq l-għatba tal-mija u erbgħin anniversarju mit-twaqqif ta' din il-Banda ewlenija tagħna. Banda li kull fejn marret issemma' leħinha, qalgħet l-applawsi u t-tifħir tal-poplu, tant li kienu ħafna dawk li kitbu fil-gazzetti lokali tal-epoka. Irridu niftakru illi f'dik il-ħabta, il-mezzi ta' komunikazzjoni kienu kemxejn limitati. Għaldaqstant, li wieħed jasal biex jikteb fil-gazzetta biex ifaħħar il-Banda ta' Ħal Luqa kienet xi ħaġa aktar minn speċjali. M'għandniex xi ngħidu, it-tifħir li kienet taqla' l-Banda kien ukoll mertu tas-Surmast tagħha. Kull min hu midħla





tas-surmastrijiet tal-baned lokali jaf illi l-Filarmonika *L'Unione* dejjem kellha l-aqwa surmastrijiet li mexxewha, u dan huwa sinjal ċar illi l-Banda tagħna kienet minn dejjem meqjusa bħala waħda mill-ewlenin ta' pajjiżna.

Jekk nagħmlu eżami tal-kuxjenza u nistaqsu lilna nfusna, kemm aħna denji nfakkru dan l-anniversarju? Biżżejjed insemmi li aħna fid-dmir illi nindukraw lil din is-Soċjetà li għaddewlna ta' qabilna u ngħadduha lil ta' warajna possibilment aħjar minn kif sibniha aħna. Nerġa' nistaqsi, qegħdin nagħmluh dan? Ir-risposta definittiva mhux se nagħtiha jien, imma nħalli għall-ġudizzju tagħkom.

Li hu żgur hu illi sa' minn ċkuniti meta kien għad baqa' uħud mill-esponenti anzjani tal-każin mimlija bil-għomor, dejjem kont nismagħhom jitkellmu fuq il-Banda b'imħabba u żelu liema bħalu. Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, din l-imħabba ġenwina rajtha ssarraf f'ħidma minn numru ta' persuni li verament ħabbew lil din is-Soċjetà, b'mod speċjali lill-Banda. Ngħidu ahna, il-Banda dejjem ingħatat il-priorità li tixirqilha, tant li baqgħet għal numru ta' snin waħda mill-ftit baned lokali li tellgħet kunċert sinfoniku annwali. Barra minn hekk, il-Banda baqgħet ħajja tul is-sena kollha, u dan huwa l-ingredjent ewlieni sabiex ikollok banda soda u ta' fibra kif dejjem kienet meqjusa *L'Unione*.

Aktar ma nersqu lejn żmienna, aktar nikkonfermaw kemm il-Banda *L'Unione* baqgħet tgħolli l-livell mużikali tagħha. Mhux talli żammet mal-iskop li għalih ġiet imwaqqfa fl-1880, talli kompliet tifrex fuq dan l-iskop u marret lil hinn minnu billi fetħet orizzonti ġodda għall-baned Maltin. Dan qed ngħidu b'responsabbiltà kbira għax



is-suċċess miksub jitkellem għalina. Filli konna mdorrijin naraw lill-Banda *L'Unione* ddoqq ġewwa t-teatri tal-Istitut Kattoliku u l-Metanoia, mingħajr ma nnaqqas l-ebda mertu lejn isimhom, u filli rajna lil din il-Banda ttella' tliet kunċerti annwali kbar li x-xena bandistika Maltija ftit li xejn rat bħalhom qabel. Qiegħed ngħid hekk għax il-livell għoli miksub f'dawn l-avvenimenti huwa wieħed ċar u indiskutibbli. U dan mhux biex niftaħru, iżda biex napprezzaw l-isforzi kollha li s-Soċjetà *L'Unione* tagħmel matul is-sena sabiex tkun hi xempju tal-baned Maltin. U dan jimlina b'unur u sodisfazzjon liema bħalu. Avvenimenti bħal dawn jgħollu isem il-Banda tagħna sabiex b'hekk ma tkunx banda komuni tat-triq, iżda tkun banda sinfonika li tagħmel ġieħ lil dawk kollha li qabilna ħabbewha u ndukrawha bla mittiefes.

Bil-ħidma kollettiva ta' diversi persuni, illum qed ingawdu Banda ħajja bi storja ta' suċċess u mimlija unuri kemm lokali kif ukoll barra minn xtutna. Għax irridu ngħidu li l-Banda tagħna serviet ukoll bħala ambaxxatriċi ta' Malta għal darba darbtejn. Minkejja kollox, din il-Banda tagħna xorta tibqa' dik l-istess Banda illi b'umiltà u responsabbiltà tagħmel ħilitha kollha sabiex tixpruna lill-baned l-oħra ta' madwarha ħalli jagħrfu l-ġid mużikali li wieħed jista' jikseb minn esperjenzi diversi. *L'Unione* dejjem żammet saqajha mal-art, u dan wassal sabiex tikseb is-suċċess u r-rispett li tgawdi llum. Qatt ma nsejna minn fejn tlaqna. Qatt ma ħarisna lura, anzi dejjem b'ħarsitna 'l fuq mgħollija sabiex nimirħu f'orizzonti ġodda. Dan kollu grazzi għal dawk kollha li jagħtu ħinhom, saħħithom u flushom sabiex il-ħolm li jkollha l-Banda tagħna jkun jista' jissarraf fi storja ta' suċċess.



Propju dawn huma l-ħsibijiet tiegħi, meta ninsabu fuq l-għatba ta' dan l-anniversarju importanti għalina. Mija u erbgħin sena għal Soċjetà bħal tagħna mhumiex ftit. Dejjem inżommu f'moħħna li kollox idur mal-kelma



volontarjat. U jekk ma jkunx dan il-volontarjat, is-Soċjetà tagħna, bħal ħafna oħrajn, tispiċċa fix-xejn u tmut mewta naturali bla ma tħalli xejn warajha. Iżda dan mhux il-każ, għax is-Soċjetà *L'Unione* dejjem kellha fi ħdanha nies ta' stoffa li verament iħobbu l-arti mużikali u lil pajjiżna. Għax wara kollox, *L'Unione* hija wirt nazzjonali ta' missirijietna. *L'Unione* mhix ta' Ħal Luqa biss, imma hija patrimonju ħaj Malti! U jkun tassew għajb għalina jekk ma nindukrawhiex u mmexxuha fit-triq tas-suċċess.

Nawgura li dawn il-ħsibijiet ikomplu jixprunawna sabiex inżommu l-ewwel u qabel kollox l-isem tas-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* fil-quċċata, rebbieħ u bla mittiefes, u ma nħallu lil ħadd u lil xejn ikażbar dan l-isem tant għażiż għalina. Għax dan l-isem ifisser ħafna għalina! Huwa simbolu ta' għaqda u saħħa ġenwina, bil-ħafna tifsiriet tagħhom f'oqsma diversi.

Evviva l-Filarmonika *L'Unione* A.D. 1880

Twieldet sabiex tibqa' għal dejjem!




# The Gallery

113, Sir Ugo Mifsud Street, Luqa
Tel: 21803636





D stylist is recognized by the good salon guide uk salon as 4 star salon, Its owned by young enrgetic team of hair dressers and barbers Whether it's edgy and modern or sleek and elegant, we strive to create the perfect look for each individual client. We're also determined to provide each and every client with the highest degree of customer service in a friendly and professional setting. We are dedicated to performing our craft exceptionally well.

## Our services

| | | |
|---|---|---|
| blowdry | | 10euros |
| curl at the end | starting from | 15euros |
| mens hair cut | | 10euros |
| beard shave | | 5euros |
| women hair cut | | 15euros |
| color roots | | 16euros |
| full color | starting from | 30euros |
| half head lights | starting from | 40euros |
| full head lights | starting from | 50euros |
| upstyles | starting from | 25euros |

Present this voucher on your first appointment with us and be entitled for a free blowdry or hair treatment.

Opening hours
from Monday to Saturday
from 9am to 6pm

We do also Sunday barbering
from 9am till 2pm





# Il-Plančier Artistiku

## *Ġublew tad-Deheb*
## *1969-2019*

**Neil Zammit**

Meta wieħed iqalleb fl-istorja tas-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* minnufih jintebaħ illi tul dawn is-snin kollha ta' ħidma kontinwa, dawk li mexxewha ħadmu u stinkaw kemm felħu sabiex ikabbru dejjem aktar il-festa titulari ta' Sant'Andrija, waqt li jgħollu 'l fuq l-isem glorjuż tas-Soċjetà. Tant hu hekk, illi sa mill-bidu nett tat-twaqqif tagħha l-Banda *L'Unione* dejjem kienet imfittxija sabiex tesegwixxi għadd ta' kunċerti memorabbli f'okkażjonijiet nazzjonali diversi. Ma' dawn ma naqsux ukoll numru kbir ta' programmi annwali li l-Banda *L'Unione* esegwiet b'tant ħila u eżattezza fil-pjazza ewlenija ta' Ħal Luqa fl-okkażjoni tal-festa titulari u tant festi oħra.

Matul din is-sena, is-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* qed tfakkar il-ħamsin anniversarju mill-inawgurazzjoni uffiċjali tar-renovazzjoni tal-planċier artistiku tagħha li jintrama ta' kull sena fil-jiem tal-festa. Permezz ta' dan l-artiklu se nagħtu ħarsa lejn il-ġrajja li sawret dan il-kapulavur ta' arti, u li minkejja li għaddew tant snin minn fuqu, għadu sa llum jiġbed lejh bosta ammiraturi u dilettanti li jżuruna ta' kull sena fil-jiem tal-festa. Iżda qabel dan kollu, se mmorru aktar lura fiż-żmien sabiex napprezzaw aktar dan l-avveniment storiku ta' ħamsin sena ilu.



***Il-Planċier tal-1953***



























*Id-Disinn oriġinali tal-planċier il-ġdid – Mastru Carmelo Vassallo (1959)*

**Il-planċier tal-1953**

Minn dokumentazzjoni bikrija tas-Soċjetà nsibu illi sa mill-aħħar snin tas-seklu 19, is-Soċjetà *L'Unione* kienet tarma palk, magħmul minn qafas tal-ħadid baxx miksi bit-twavel tal-injam, sabiex fuqu tesegwixxi l-programmi mużikali tagħha. Dan kien jintrama fi *Piazza Chiesa* peress li f'kull festa li kienet issir ġewwa Ħal Luqa, il-Banda *L'Unione* kienet tagħmel il-programmi mużikali tagħha f'din l-imsemmija pjazza. Sa nofs is-seklu 20, is-Soċjetà *L'Unione* kienet diġà għamlet użu minn żewġ palkijiet tal-banda. Iżda mbagħad inħasset il-ħtieġa li jsir planċier ġdid sabiex jaqdi aktar il-ħtiġijiet tal-banda li dejjem baqgħet tikber u tissaħħaħ.

Ftit snin wara li ntemmet it-tieni gwerra dinjija, ir-raħal ta' Ħal Luqa beda jieħu xejra oħra minn kif kien qabel. Fl-1945, il-Kumitat tad-direzzjoni ingaġġa lis-Surmast Joseph Abela Scolaro *F.L.C.M.* sabiex jieħu t-tmexxija tal-banda u fi ftit tax-xhur, il-Banda *L'Unione* reġgħet issaħħet wara l-ħerba kbira li ħalliet warajha l-gwerra. Żdiedu n-numru ta' kunċerti li l-Banda *L'Unione* bdiet tesegwixxi taħt id-direzzjoni ta' Mro Abela Scolaro, u għaldaqstant il-kumitat tas-Soċjetà *L'Unione* ħaseb sabiex isir planċier ġdid. Dan kellu jibda jintrama fi Pjazza Sant'Andrija faċċata tal-knisja parrokkjali, wara li s-Soċjetà tagħna akkwistat din il-pjazza, filwaqt li l-pjazza l-oħra ta' maġenb il-knisja ġiet mogħtija lis-soċjetà l-oħra.

Il-planċier il-ġdid inħadem mill-membri tal-każin fuq dak ta' Birkirkara, wara li dan l-istess planċier kien ġie misluf mill-kumitat tal-festa ta' Birkirkara sabiex jintrama fil-pjazza ewlenija ta' Ħal Luqa. Ix-xogħol tal-ħadid sar kollu minn Trofimo Baldacchino filwaqt li membri oħra fosthom Ġużeppi Camilleri (*tal-Unu*) u Tusè Mallia (*Santi*) ħadu ħsieb il-kumplament tax-xogħol. Kien tul il-presidenza tal-Inġinier Joseph M. Azzopardi meta, nhar il-Ħadd 6 ta' Settembru 1953 fil-festa tal-Madonna taċ-Ċintura ġie inawgurat dan il-planċier ġdid quddiem folla kbira illi attendiet bi ħġarha għal dan l-avveniment. Lejlet iċ-ċerimonja ġiet mistiedna il-Banda Duke of Connaught ta' Birkirkara sabiex tesegwixxi marċ tal-okkażjoni. L-għada, jum l-inawgurazzjoni, il-Banda *L'Unione* esegwiet kunċert kbir taħt it-tmexxija ta' Mro Joseph Abela Scolaro. Il-planċier ġie




















































inawgurat mill-Prim Ministru l-Onor. Dott. Giorgio Borg Olivier, waqt li gie mbierek mill-E.T. Mons Isqof Emmanuel Galea. Wara li ntemmet din iċ-ċerimonja u l-banda daqqet l-innijiet tal-għeluq kulħadd assista għal spettaklu sħiħ ta' loghob tan-nar maħdum mid-dilettanti tal-każin.

**Planċier ġdid**

Minkejja li ċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-planċier kienet għadha friska, ma laħqux għaddew tant snin meta bdiet tinbet l-idea li jsir planċier ieħor aktar lussuż kif verament kien jixraq lill-Banda *L'Unione*. Tajjeb insemmu illi tliet snin biss wara li żżanżan dan il-planċier (1956), ġewwa ż-Żurrieq inħadem planċier sabiħ għall-festa titulari ta' Santa Katarina. Id-disinn tiegħu sar minn Mastru Carmelo Vassallo tar-Rabat, li dak iż-żmien kien meqjus bħala wieħed mill-aqwa disinjaturi li kellna f'pajjiżna. Kien għalhekk illi fl-1959, numru ta' membri fi ħdan is-Soċjetà *L'Unione* esprimew ix-xewqa illi jsir planċier ġdid, isbaħ minn dak li kien għadu kemm ġie mżanżan sitt snin qabel.



***Mastru Carmelo Vassallo***

Minnufih, Ġanni Psaila (*il-Baglu*), Ninu Camilleri (*tas-Salv*) u Frank Ciappara (*ta' Ċomba*) rħewla lejn ir-Rabat sabiex ikellmu lid-disinjatur Vassallo ħalli dan iħejji disinn għal planċier ieħor. Mastru Carmelo Vassallo, li kien joqghod f'Nru 14, Strada San Publio r-Rabat (Malta) laqa' t-talba li saritlu u fi ftit tal-ġimgħat huwa ppreżenta disinn elaborat ferm għal din l-opra l-ġdida.



***Carmelo Psaila***

Inbeda l-ġbir minn fost il-membri, iżda minħabba ċ-ċirkustanzi ta' dak iż-żmien, ma kienux qed jinġabru flus biżżejjed. Il-planċier il-ġdid kien jirrekjedi somma kbira ta' flus minħabba l-iskultura fl-injam li kien fih, u għalhekk kienet kważi impossibbli li dan isir realtà. Iżda dawn il-fatturi kollha ma qatgħux qalb il-membri, u sena wara l-oħra kompla l-ġbir sabiex seta' jinbeda x-xogħol. Il-president ta' dak iż-żmien, Dottor Giorgio Borg M.D. kien tal-fehma illi qabel ma jinġabru l-flus kollha meħtieġa, il-planċier il-ġdid ma setax jibda jinħadem. Il-kumitat qabel ma' din id-deċiżjoni u għalhekk kellhom jgħaddu aktar minn tmien snin sabiex ix-xogħol fuq din l-opra l-ġdida jibda jirranka sewwa.

Fil-fatt, fl-1967 il-Kumitat tas-Soċjetà ta l-kunsens tiegħu sabiex jinbeda x-xogħol fuq dan il-proġett il-ġdid. Ħafna kienu tal-fehma illi l-plancier jibqa' bl-istess għamla bħal ta' qablu sabiex ikun jista' jintuża l-istess qafas tal-ħadid li kien inħadem fl-1953.[1]

[1] Minn dan il-planċier baqa' biss il-qafas tal-ħadid kif ukoll żewġ biċċiet skultura li kienu jintramaw fil-faċċata tiegħu. Il-panewijiet kollha kienu nbiegħu lill-każin *La Stella* tal-Gudja, fejn għadu jintrama sa llum fil-festi ta' Santa Marija u dik tar-Rużarju.

Inqalgħu wkoll xi intoppi dwar kif kien se jinħadem ix-xogħol, speċjalment f'dak li jirrigwardja l-faċċata u l-gallerija ta' dan l-istess planċier. Fil-fatt, Ġużeppi Camilleri (*tal-Unu*) kien issuġġerixxa illi d-disinn oriġinali jiġi rranġat ħalli jkun aktar prattiku biex il-planċier jinħadem fir-realtà. Għaldaqstant, id-disinn oriġinali ta' Mastru Carmelo Vassallo ġie modifikat minn Carmelo Psaila (*is-So*). Karmnu ħażż id-disinn il-ġdid *to scale* mal-ħajt ta' waħda mis-swali tal-każin sabiex il-membri setgħu jarawh, u fil-fatt dan kien intgħoġob mill-ewwel. Wara li għaddiet il-festa ta' dik is-sena, numru ta' membri middew għonqhom għax-xogħol sabiex dan il-planċier il-ġdid jitlesta fl-iqsar żmien possibbli. Inxtara l-injam kollu meħtieġ (kawba bajda) waqt li l-qafas tal-planċier l-antik intrama kollu f'biċċa art fi Triq id-Dokkiena sabiex b'hekk setgħu jittieħdu l-qisien qabel ma jinbeda x-xogħol.



***Prof. Vincent Apap***

Kienu bosta dawk in-nies illi kienu involuti sewwa f'dan il-proġett ambizzjuż. Fost dawn ta' min insemmu lill-magħruf artist il-Prof. Vincent Apap, li ħejja xi disinni għall-iskultura fil-bronż kif ukoll kien immudella l-panew tal-faċċata li turi l-Martirju ta' Sant'Andrija, Carmelo Psaila (*s-So*) u Carmelo Camilleri ħadu ħsieb ix-xogħol ta' karpenterija, Twanny Ellul ħadem fuq l-iskultura fl-injam, Pawlu Camilleri (*tas-Salv*),



***Il-Banda* L'Unione *takkumpanja lill-E.T. Mons Emmanuele Gerada sa Pjazza Sant'Andrija***

Ġanni Psaila (*l-Baglu*), Salvu u Ċensinu Camilleri ħadu ħsieb ix-xogħol ta' fonderija, waqt li Ġużeppi Camilleri (*tal-Unu*) ħadem fuq ix-xogħol tal-ħadid.

Mhux l-ewwel darba illi kienu jiltaqgħu fil-garaxx *ta' Daniel* flimkien ma' Carmelo Camilleri sabiex iqattgħu l-gwarniċar kollu tal-panewijiet u jaħdmu fuq it-torn. Mil-lat ta' skultura, dan ix-xogħol kien isir ġewwa l-garaxx tal-iskultur Ellul stess, waqt li x-xogħol ta' fonderija kien jinħadem fil-ħanut ta' Ġużeppi Camilleri. Il-kumplament tax-xogħol kien isir fil-maġġoranza tiegħu ġol-każin tas-Soċjetà stess. Filgħaxijiet kienu jiltaqgħu sabiex jiddiskutu u jaħdmu fuq dak kollu li kellu jsir sabiex dan il-planċier ma jkun jonqsu xejn u fl-istess waqt jitlesta malajr. Saħansitra, sabiex ix-xogħol jitlesta fil-ħin, Carmelo Psaila (*s-So*) kien iddeċieda illi fl-aħħar ġimgħat huwa jaħdem fuqu ġranet sħaħ. Għaldaqstant, il-Kumitat qabel sabiex jagħtih kumpens żgħir għall-flus li kien qed jitlef mill-impjieg regolari tiegħu.

Għadd ta' membri oħra taw is-sehem tagħhom f'dan il-proġett fosthom Joseph Camilleri (*il-paddy*), Charles Camilleri (*il-paddy*), Frank Ciappara (*ta' Ċomba*), Joseph Camilleri (*tas-Salv*), Joseph Schembri (*ta' Daniel*), Joseph Saliba (*ta' Daniel*), Ninu Camilleri (*tas-Salv*), Emanuel Magri (*iz-Zirizett*), Trofimo Baldacchino, Ġueppi Zarb (*Peppu*), Anthony Schembri (*tax-Xelin*), Anthony Theuma (*it-tazzez*), Joseph Penza, Lino Zahra, John Bonnici u oħrajn.

Ix-xogħol beda miexi b'ritmu mgħaġġel u dam sejjer għal ftit inqas minn sentejn sħaħ. Fil-fatt, il-faċċata ħadet kważi sena sħiħa sabiex tlestiet filwaqt li l-kumplament tax-xogħol dam sejjer għal madwar għaxar xhur. Partijiet mill-planċier intramaw diversi drabi sabiex isiru l-provi u l-alterazzjonijiet meħtieġa. Fil-fatt, kien ta' spiss jintrama ġol-każin tas-soċjetà stess, kif ukoll drabi oħra f'remissa fi Triq San Ġakbu, f'oħra fi Triq id-Dokkiena u fi Triq Dun Pawl (għand *ta' Ċomba*). L-aħħar prova qabel ma żżanżan kienet ġewwa l-*Empire Cinema* ta' Triq San Ġorġ (għand *tal-Ħawsla*). Wara li tlesta x-xogħol kollu fl-injam, il-pittur George Atkins gie nkarigat sabiex jiżbogħ il-planċier, waqt li l-iskultura jagħtiha laqta kulur il-bronż.

L-istennija fost il-poplu ta' Ħal Luqa kienet kbira, tant li ġriet il-kelma ma' Malta kollha li l-każin *tal-ajkla* kien se jkollhom planċier mill-isbaħ, kapulavur tal-arti u uniku f'pajjizna. Dan il-kliem wasal ukoll minn fomm il-Professur Vincent Apap, li faħħar mhux ftit ix-xogħol li sar fuq dan il-planċier.

Il-Kumitat tad-direzzjoni għażel il-jum tal-Ġimgħa 4 ta' Lulju 1969 sabiex dakinhar jiġi inawgurat uffiċjalment dan il-planċier il-ġdid tal-banda. Interessanti l-fatt iżda, li sabiex din iċ-ċerimonja setgħet issir nhar l-aħħar tridu, kellu jintlaħaq ftehim mas-



***Il-Gvernatur Sir Maurice Dorman waqt l-inawgurazzjoni tal-planċier***

soċjetà l-oħra peress li din ma qablitx għall-ewwel. Dan wara li ftit tas-snin qabel kien ġie ffirmat il-*Gentlemen's Agreement* fejn fost l-oħrajn kien jgħid illi wara kull attività ġdida li kellha ssir fil-ġimgħa tal-festa ried ikun hemm il-kunsens tal-partijiet kollha involuti. Tajjeb ngħidu li l-festi esterni f'ġieħ Sant'Andrija f'dawk iż-żminijiet kienu jsiru biss lejlet u nhar il-festa. Ix-xewqa tal-kumitat kienet illi l-festa tal-planċier issir f'ġurnata separata, u kien għalhekk illi l-għażla waqgħet fuq l-aħħar jum tat-tridu. Wara xi diskussjonijiet bejn iż-żewg partijiet, sar qbil sabiex il-festa tal-planċier issir il-Ġimgħa kif mixtieq, waqt li s-soċjetà l-oħra ħatfet l-okkażjoni u talbet li tibdel ir-rotta tal-marċ tagħha ta' lejlet il-festa sabiex tgħaddi wkoll minn Pjazza Sant'Andrija. Is-Soċjetà *L'Unione*, immexxi b'serjetà liema bħalha mill-President Borg qablet minnufih fuq dan l-imsemmi ftiehim għall-ġid tal-festa inġenerali.



***L-E.T. Mons Emmanuele Gerada waqt it-tberik tal-planċier il-ġdid***

Intant, għal din l-okkażjoni storika ġew mistiedna diversi personalitajiet distinti, flimkien mal-Kappillan Dun Innocenz Borg u l-membri tal-kleru. Mal-wasla tal-E. T. Mons Isqof Emmanuele Gerada, il-Banda *L'Unione* akkumpanjatu minn Triq il-Ġdida sa Pjazza Sant'Andrija. Ftit tal-ħin wara wasal ukoll il-Gvernatur Ġenerali Sir Maurice Dorman. Il-President Dottor Giorgio Borg M.D. għamel id-diskors tiegħu tal-okkażjoni, fejn fost l-oħrajn irringrazzja lil dawk kollha li ħadmu sabiex din l-opra artistika setgħet tirnexxi tassew. Mons Isqof Gerada bierek il-planċier il-ġdid waqt li wara, il-President Borg stieden lill-Gvernatur Sir Maurice Dorman sabiex jinawgurah uffiċjalment. Ma setax jonqos ukoll li l-Banda *L'Unione* tesegwixxi programm impekkabbli fuq il-planċier artistiku taħt id-direzzjoni tas-Surmast Joseph Abela Scolaro *F.L.C.M*. Iċ-ċerimonja ntemmet permezz ta' spettaklu ta' logħob tan-nar maħdum mill-membri tal-każin. Kemm il-Gvernatur kif ukoll l-Isqof Gerada ġew mistiedna sabiex jagħmlu żjara ġewwa s-sede tas-Soċjetà f'dan il-jum hekk speċjali. Mons Isqof irregala lis-Soċjetà l-karlotta tiegħu sabiex din tibqa' tifkira tal-okkażjoni filwaqt li ttieħed ritratt ta' tifkira.

Kienet tassew ġurnata memorabbli, wara tant ħidma kontinwa u bla waqfien sabiex titlesta din l-opra artistika. Tant irnexxiet din l-okkażjoni illi l-eks President tas-soċjetà l-oħra s-Sur Alex Serge, f'ittra mibgħuta lis-segretarju tas-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* nhar l-10 ta' Lulju, 1969 jifraħ personalment lil Dottor Giorgio Borg M.D. u lill-kumitat kollu tas-Soċjetà *L'Unione* għal din l-okkażjoni impekkabbli. Fost l-oħrajn jikteb hekk – *Intom kellkom il-ħila bil-ħidma tal-kumitat tagħkom li turu lil kulħadd, kemm Maltin kif ukoll stranġieri li f'Ħal Luqa tafu tagħmlu festi kbar …*



*Il-Banda L'Unione u s-Surmast Joseph Abela Scolaro jirċievu applawsi kbar fi tmiem il-kunċert*

Intant, sena wara nħasset il-ħtieġa li l-planċier jerġa' jinżebagħ u jigi rħamat u indurat mill-ġdid. Dan, wara li xi membri kienu tal-fehma li kien ikun isbaħ li kieku l-iskultura kollha tal-planċier tiġi indurata bid-deheb minflok titħalla kulur il-bronż. Għal dan ix-xogħol ġie nkarigat għal darb'oħra Carmelo Psaila, li rħama u indura l-planċier kif nafuh illum. Aktar tard, fl-1990 reġa' nħass il-bżonn illi l-planċier jerġa' jinżebagħ mill-ġdid. Għalhekk, wara l-festa ta' dik is-sena nbeda x-xogħol ta' restawr mill-istess Carmelo Psaila li ħa ħsieb għal darb'oħra ix-xogħol ta' irħamar waqt li John Camilleri ġie fdat bl-induratura tal-iskultura u l-panewijiet kollha. Membri oħra kienu ta' għajnuna f'dan ix-xogħol fosthom Ġanni Psaila, Pawlu Camilleri, Joe u Andrew Aquilina, Raymond Penza u oħrajn. Dan ix-xogħol tlesta kollu sal-festa tal-1991, u f'Lulju ta' dik is-sena reġa' intrama għall-festa titulari ta' Sant'Andrija, jgħaxxaq bi ġmielu l-pjazza ewlenija ta' Ħal Luqa. Din is-sena wkoll, fl-okkażjoni ta' dan l-anniversarju, ġie illustrat mill-ġdid il-puġġaman tal-planċier kollu bil-lostru tat-tajjara minn Andrew Aquilina u Ġanni Formosa.



***Dottor Giorgio Borg M.D., President tal-Filarmonika L'Unione***

Fil-konklużjoni ta' dan ir-rakkont ħsibna sabiex nippubblikaw għall-ewwel darba l-indirizz li kien għamel Dottor Giorgio Borg M.D., President tas-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-planċier il-ġdid erbgħin sena ilu. Min-naħa tagħna, inroddu ħajr lil dawk kollha li ħadmu għal din l-opra tant maestuża, li għad trid tibqa' titgawda għal tant u tant snin.

**Indirizz mill-President tas-Soċjetà Filamonika *L'Unione***
**Dottor Giorgio Borg *M.D.* fiċ-ċerimonja tal-Inawgurazzjoni**
**tal-Planċier Artistiku**
**Il-Ġimgħa 4 ta' Lulju, 1969**

Your Excellency, Eċċellenza Reverendissima, Sinjuri,
Merħba

B'ferħ kbir illum jien niċċelebra magħkom din iċ-ċerimonja tant mistennija tal-inawgurazzjoni ta' dan il-planċier. Nistedinkom biex tammiraw is-sbuħija tal-arti u l-finezza tas-sengħa li biha ġie maħdum.

Illum hija l-quċċata ta' serje twila ta' attivitajiet u sagrifiċċji min-naħa tal-membri tal-Każin tal-Banda *L'Unione* li rnexxielhom jipproduċu dan il-kapolavur, li se jibqa' jissemma u li sejjer isebbaħ, il-festa titulari tal-parroċċa tagħna, il-festa ta' Sant'Andrija, u l-pjazza maġġura fejn issa se jibda jintrama' kull sena.

Meta niftakar fil-finezza u l-eżattezza tax-xogħol tal-iskultura tal-injam, bil-forma ħelwa tal-bronż, bid-disinn sabiħ u qawwi tal-ħadid, bl-isfumar u bl-iskala tal-kuluri taż-żebgħa ta' dan il-planċier li jinsab quddiemna, jien mhux se nkun qiegħed ngħid kliem fieragħ, imma nkun qiegħed nikkwota lill-Professur tal-arti, Vincenzo Apap, l-akbar skultur li għandna f'Malta meta minn qalbu esklama quddiem it-13 il-membru tal-kumitat tiegħi li, *"Dan il-planċier se jkun uniku f'Malta"*.

Il-kliem *"Uniku f'Malta"* għadhom jidwu f'widnejja għax fil-qosor ta' tliet kelmiet, lili wrewni li planċier bħal dan m'hawnx fi gżiritna, u għalhekk għandi raġun nifraħ u nferraħ il-partitarji tal-Każin tagħna għax illum aħna qegħdin nipproduċu dak li ilna ħafna żmien nistennew u naħdmu għalih.



***Il-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika L'Unione flimkien mal-mistednuin distinti***

Irrid infakkar is-sabar, ix-xogħol li nħadem filgħaxijiet u fl-iljieli wara x-xogħol, l-għeja, it-taħbit u l-paċenzja li ħadu l-artisti li ħadmu fih, li għalkemm jgħidu li huma biss dilettanti, imma x-xogħol li pproduċew hawnhekk jgħidilna xort'oħra. Kienu bosta dawk li middew idejhom u ħadmu fih, imma minn fosthom irrid b'mod partikolari nsellem lil Karmenu Psaila, Ġużeppi Camilleri, Twanny Ellul u Karmenu Camilleri li kkontribwew fil-parti l-kbira tax-xogħol. Grazzi wkoll lil Karmenu Vassallo li għamel id-disinn oriġinali, lill-Professur Vincenzo Apap li għamel id-disinn tal-iskultura tal-bronż, u lill-pittur George Atkins li żebagħ dan il-planċier.

Dan il-planċier sabiħ se jservi bħala pedestall artistiku għall-banda tagħna, banda bi storja mużikali ċelebri, sew mill-bidu nett tagħha fl-1880 u kemm matul il-medda taż-żminijiet li jwasslu sal-lum. Din hija banda magħrufa u msemmija għall-kapaċitajiet tal-bandisti bravi tagħha u li fil-preżent qiegħda taħt it-tmexxija għaqlija tas-Surmast Joseph Abela Scolaro u l-assistent Karmenu Brincat.



***Il-planċier artistiku armat fil-bidu tas-snin tmenin (seklu 20)***

Il-bejta ta' din il-banda, bħalma tafu intom, hija l-Każin *L'Unione*. Il-Każin tagħna jifforma l-akbar soċjetà numeruża u f'saħħitha li hawn f'Ħal Luqa. Huwa jservi ta' mezz importanti fil-ħajja kulturali tal-pajjiż tagħna għax joffri lok fejn ta' kuljum tiġi pprattikata l-arti nobbli tal-mużika, u fejn din l-arti tiġi mgħallma lil ħafna żgħażagħ tagħna li għada pitgħada jkunu il-bandisti tagħna.

Lilkom sinjuri hawn miġbura, li ġejtu biex tiffesteġġjaw magħna f'dan il-jum, jien irrid nirringrazzjakom. Nixtieq nifraħ minn qiegħ qalbi lill-partitarji tal-Każin *L'Unione*, il-każin tagħna, għas-sehem kbir li taw f'din l-opra ġdida, kif ukoll lis-surmast u l-bandisti, lid-dilettanti tan-nar li ħadmu kemm felħu biex din il-festa tal-lum tibrilla iżjed u mhux l-inqas lin-nisa ammiraturi tal-Każin tagħna għall-parti importanti tagħhom ukoll biex ikabbru din l-okkażjoni.

Nixtieq nirringrazzja lill-membri kollha tal-kumitat tiegħi li għal disa' xhur sħaħ ħadmu u organizzaw biex din iċ-ċerimonja tirnexxi sewwa, u fl-aħħar u mhux l-inqas grazzi lilek Monsinjur Isqof Emmanuele Gerada talli mal-ewwel aċċettajt bil-ferħa l-istedina tagħna u tiġi fostna biex tbierek dan il-planċier. Minn qalbi, Viva l-Banda L-Unjoni u s-surmast tagħha, Viva l-Każin *L'Unione*, il-membri u l-ammiraturi kollha tiegħu u Viva l-festa kbira tagħna.

*Your Excellency Governor General and Lady Dorman, I welcome you tonight in Luqa. In these my few words that I have just said to this beautiful gathering, I extolled the merits of the artists that have accomplished with great craftsmanship this fine bandstand. I know that you are highly interested in the social and cultural life of our people, as your presence amongst us today on this big day clearly indicates and so I want to thank you heartily for accepting our invitation to come and preside this inauguration ceremony. Your Excellency, I will now invite you and the Excellency Bishop, to inaugurate this new bandstand in the presence of us all.*

*Thank you.*

## Referenzi

Francis Galea, Ħal Luqa u l-Banda tagħha L-Unjoni, Soċ. Fil. L-Unjoni, Luqa, 2005
Arkivji tas-Soċjetà Filar. L-Unjoni
Testimonjanza verbali minn għadd ta' persuni li ġew intervistati fl-2009.





# Għotja tal-Uniformi tal-Banda mill-Familja Camilleri

**Neil Zammit**



Fl-1923, il-Filarmonika *L'Unione* ta' Ħal Luqa għexet wieħed mill-isbaħ mumenti ta' ħajjitha, fejn taħt id-dell tal-Knisja Parrokkjali fi *Piazza Chiesa*, esegwiet programm mużikali u wara ġew imbierka l-uniformi u l-istrumentatura l-ġodda tal-banda. Din il-ġrajja kienet tfisser ħafna għall-bandisti u l-kumitat ta' dak iż-żmien għax kienu saru ħafna sagrifiċċji sabiex tintefaq somma sostanzjali għal dan il-proġett ambizzjuż.

Din l-uniformi l-bajda baqgħet tintuża għal numru ta' snin, sakemm imbagħad twarrbet u ma baqgħetx tintuża aktar. Dawk il-bandisti kollha li kellhom din l-uniformi ħaduha magħhom u żammewha, tant li s-Soċjetà ma kellhiex waħda bħala tifkira. Konna nafu li l-uniku waħda li kienet baqgħet fi stat tajjeb kienet tal-bandist Tumas Camilleri, li aktar tard serva bħala kaxxier tal-istess Soċjetà.

Ix-xewqa li xi darba din l-uniformi tiġi lura fil-każin baqgħet tberren fl-imħuħ tul dawn is-snin kollha, tant li ftit tal-ġimgħat ilu kien avviċinani s-Sur Antoine Borg, membru tas-Soċjetà, fejn qalli li kienet fuq xewqa tal-aħwa Camilleri li din l-uniformi tingħata lis-Soċjetà tagħna bħala tifkira tal-għażiż missierhom Tumas Camilleri.

Din l-għotja tassew intlaqgħet tajjeb mill-Kumitat tas-Soċjetà *L'Unione* u minnufih bdew il-preparamenti sabiex din tiġi esposta kif xieraq fis-swali prinċipali tal-każin. Ħadd ma baqa' ħaj minn dawk li jiftakruha tintuża, iżda żgur li se tnissel fina ċerta nostalġija lejn ġrajjet il-Filarmonika *L'Unione* li f'dik il-ħabta kienet meqjusa bħala l-banda l-aktar popolari ta' Ħal Luqa.

Huwa tassew xieraq u f'waqtu illi nirringrazzjaw mill-qalb lill-Familja Camilleri ta' din l-għotja tassew sabiħa u ta' valur storiku għas-Soċjetà tagħna. Grazzi ta' dan il-ġest hekk nobbli, għax bis-saħħa t'hekk, l-istorja glorjuża tal-Filarmonika *L'Unione* tkompli tingħabar taħt saqaf wieħed sabiex ilkoll nagħtu ġieħ lil ta' qabilna filwaqt li ngħaddu dan il-patrimonju bla mittiefes lil ta' warajna.

HG

Henry Galea

THE CORE
BEAUTY & WELLBEING
...where Beauty is at Heart

6, Sebastian Saliba Street , Luqa

"My mission is to be fully committed in treating and advising my clients to reach their highest potentials for obtaining healthier skin, feeling unique, make every appointment worth while, leaving looking and feeling beautiful"...

*Mariella Borg*

We have **experience** and we get **results** by combining **powerful Brands** together with the **latest technologies, electrical modalities** and **Diode Laser Platform**.

Offering **Dermalogica** and **Guinot** customised facial treatments for all skin types and conditions - Anti-ageing , Non Surgical Lifting , Acne Prone skins , Pigmentation challenges , Problematic skins suffering from dehydration, dryness, Eczema , Rosacea ...

Laser Hair Removal using the **Xlase Plus Diode Platform**

Electroloysis -- Waxing -- Eyelash Tinting -- Eyebrow Shaping /Eyebrow tinting -- Make-up Services

For appointment call 21806989 or 99273375 and follow us on The Core Beauty and Wellbeing



# Il-Filarmonika *L'Unione* fl-1894

*125 sena ilu …*

**Frans Galea**

Fl-aħħar snin tas-seklu dsatax, il-Filarmonika *L'Unione* ta' Ħal Luqa kienet meqjusa bħala waħda mill-baned ewlenin ta' pajjiżna. U dan bir-raġun għax l-esperjenza li kisbu l-bandisti kif ukoll il-popolarità tas-Surmast Gaetano Grech ġabu ħidma sfiqa u impenn qawwi għall-imsemmija Banda.

Nhar il-Ħadd 27 ta' Mejju 1894 il-banda esegwiet programm varjat u ferrieħi bi bċejjeċ ta' Verdi, Muller u Hume, fil-misraħ tar-raħal mill-5.00 ta' filgħaxija 'l quddiem. Jidher li dan l-esperiment irnexxa ħafna, tant li fix-xahrejn ta' wara, il-Banda *L'Unione* rrepetiet dawn il-kunċerti. Fil-programm tal-Ġimgħa 15 ta' Ġunju 1894 reġgħet daqqet biċċiet mużikali interessanti mill-5.00 ta' filgħaxija 'l quddiem.

Nhar il-Ħadd 8 ta' Lulju 1894, id-Direttur Gaetano Grech, li dik il-ħabta kiseb id-Diploma ta' Professur M.A.C.R.B., idderieġa l-banda fil-5.30 ta' filgħaxija fil-misraħ tar-raħal b'dawn is-siltiet:

| | | |
|---|---|---|
| Marcia | Les Layonais | Guerin |
| Sinfonia | Zampa | Herold |
| Grande scelta | Pagliacci | Leoncavallo |
| Valser | Mariana | Waldteufel |
| Serenata | La Paloma | Bonnisseau |



Imbagħad bdiet sensiela ta' attivitajiet marbuta mal-festi titulari, billi l-banda daqqet fl-okkażjoni tal-festa ta' San Lawrenz fil-Birgu nhar il-Ġimgħa 10 ta' Awwissu 1894 fit-8.30 ta' filgħaxija. Jumejn wara, il-Banda *L'Unione* niżlet lejn ix-xatt ta' Birżebbuġa fejn daqqet programm fil-5.30 ta' filgħaxija. Il-livell għoli li laħqet din il-banda joħroġ mhux biss mix-xhieda tas-siltiet mużikali li kienet iddoqq kull fejn tmur, iżda fuq kollox mill-kummenti ta' dawk li

kienu jisimgħuha. Xi ħadd li attenda għall-attività f'Birżebbuġa, kiteb li l-banda daqqet b'eżattezza kbira u spikkat ħafna fl-interpretazzjoni tas-*selection* mill-opra *I Pagliacci* tal-kompożitur Leoncavallo. Huwa faħħar ħafna l-isforz tal-bandisti u qal li jixirqilhom inkoraġġiment, waqt li faħħar it-tmexxija serja tas-surmast u Professur Gaetano Grech.

Għall-festa tal-Madonna taċ-Ċintura ċċelebrata fir-raħal ta' Ħal Luqa, il-Banda *L'Unione* daqqet flimkien mal-banda tal-Birgu *The Duke of Edinburgh*, immexxija wkoll mis-Surmast u Professur Gaetano Grech nhar il-Ħadd l-1 ta' Settembru 1894. Għal darb'oħra mhux biss il-banda ħarġet bl-unuri iżda wkoll is-Surmast Grech kien għadu kemm ġie mogħti midalja tal-fidda miċ-*Circolo Bellini* ta' Catania.

Għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festa Nazzjonali fil-Birgu, il-Banda *L'Unione* daqqet nhar il-Ħadd

23 ta' Settembru 1894. L-ewwel daqqet hi u timmarċja fi Triq Porta Maggiore sal-pjazza u mbagħad mexxiet il-programm li kellha mħejji. Mal-Banda *L'Unione* daqqew ukoll il-banda Tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar, dik tal-Birgu u l-banda tar-Riġment *Royal Malta Artillery*. F'dak l-ambjent ta' mixgħela u logħob tan-nar, *L'Unione* daqqet l-Innu Nazzjonali li kien ġie mmużikat apposta mill-istess surmast Grech.




F'dawk iż-żminijiet fir-Rabat Malta, kienu jsiru festi li jfakkru fil-ġrajja ta' meta l-Konti Ruġġieru, bil-miġja tiegħu ħeles lill-Maltin mill-ħakma tas-Saraċini. Din iċ-ċelebrazzjoni saret nhar il-Ħadd 30 ta' Settembru 1894. Għadd kbir ta' nies attendew għal din il-festa li fiha daqqew tliet baned, jiġifieri ċ-Ċittadina Konti Ruġġieru tar-Rabat, il-Banda *L'Unione* ta' Ħal Luqa u l-Banda Pinto ta' Ħal Qormi. Wara li dawn il-baned immarċjaw flimkien fit-toroq ewlenin tar-Rabat, mexxew programm mużikali. Fl-istess ċelebrazzjoni kien hemm ħruq tan-nar kif ukoll tiġrijiet taż-żwiemel f'diversi kategoriji. Għal xi żmien, is-Surmast Gaetano Grech kien ukoll is-surmast tal-Banda *Cittadina L'Isle Adam* tar-Rabat, u jista' jkun li ghalhekk il-Banda *L'Unione* bdiet titla' ddoqq lejn dawk l-inħawi. Hekk reġa' ġara nhar il-Ħadd 30 ta' Settembru 1894 meta fl-4.00 ta' wara nofsinhar esegwiet dan il-programm:

| | | |
|---|---|---|
| Marcia | La Patria | Sarde |
| Sinfonia | I Diamanti della Corona | Auber |
| Pezzi scelti | I Pagliacci | Leoncavallo |
| Valser | Mariana | Waldteufel |
| Finale IV | Il Trovatore | Verdi |
| Gavotte | Stephanie | Czibulka |

Iżda sabiex tagħlaq is-sena bil-kbir, il-Banda *L'Unione* mexxiet programm mużikali fil-misraħ tal-knisja nhar il-Ħadd 28 ta' Ottubru fl-4.00 ta' filgħaxija. U fl-ahhar ħarġa tas-sena, *L'Unione* marret iż-Żejtun. Il-Ħadd 25 ta' Novembru 1894, il-Banda daqqet

dawn is-siltiet nhar il-festa ta' Santa Katerina fit-3.00 ta' wara nofsinhar:

| | | |
|---|---|---|
| Passo Doppio | Kneller Hall | Hume |
| Sinfonia | Zampa | Herold |
| Grande scelta | I Pagliacci | Leoncavallo |
| Valser | Mariana | Waldteufel |
| Pezzi Scelti | Nabucco | Verdi |
| Galoppo | Treno Diretto | Strauss |




Tal-Familja
*Restaurant*

*. . . a typical Maltese family run restaurant,*
*serving fresh fish & shell fish*
*and Maltese dishes*

**Triq il-Gardiel, Marsascala, Malta**
**Tel: 2163 2161, 99473081**

Sunicrust Bakery

**Opening Hours**

**Monday to Saturday**
**Early Morning till 12.00pm**

**Sunday/Public Holidays**
**Early Morning till 10.00am**

**St. Joseph Street - Ħal Luqa - Mob: 79 814 679**

MARBLE INNOVATION

Kurt Zerafa
Managing Director

M: +365 9949 8466
T: +365 2169 5226
E: info@marbleinnovation.com
W: www.marbleinnovation.com

MARBLE GRANITE QUARTZ

**KORDIN INDUSTRIAL ESTATE MALTA**



# Għeluq il-Mitt Sena mit-Twelid ta' Emvin Cremona

## *Il-pittur tal-erba' kwadri tal-kor tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa*

**Vincent Galea**

Jekk kellna pittur li ddistingwa ruħu b'timbru partikolari fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin dan kien bla dubju ta' xejn Emvin Cremona. Cremona twieled il-Belt Valletta fis-27 ta' Mejju 1919. Studja l-arti fl-iskola tal-Arti fil-Belt taħt Edward Caruana Dingli u Karmenu Mangion u aktar tard studja wkoll l-anatomija u n-nudo fl-iskola ta' Josef Kalleya. Minn hawn tħarreġ biżżejjed biex tella' l-ewwel wirja personali fi Strada Rjali, l-Belt Valletta.



***Emvin Cremona***

Fl-1938 Cremona mar Ruma fejn kien student tar-*Regia Accademia delle Belle Arte*. Hemm tgħallem taħt Carlo Siviero, madankollu kellu jtemm il-kors fi żmien sena minħabba li faqqgħet il-gwerra. Matul is-soġġorn tiegħu f'Ruma flimkien ma' sħabu tal-*Accademia* ippartecipa f'Wirja Kollettiva. Lura Malta reġa' tella' Wirja personali fil-Belt. Fl-1941 inġabar bil-lieva fil-KOMR madankollu anke tul il-gwerra irnexxielu jesebixxi xi xogħlijiet f'żewġ wirjiet kollettivi u din id-darba wera l-esperjenza li kien ħa fl-Italja. Aktar tard fl-1943 organizza wirja personali taħt l-awspiċi tal-British Institute.

Fl-1945 ħa sehem f'Wirja kbira ta' Arti Sagra li kienet saret f'Malta stess. Dik is-sena stess rebaħ borsa ta' studju u mar fl-*iSlade School of Fine Arts* fl-Università ta' Londra fejn tħarreġ taħt il-Professur Randolph Schwabe. Hawnhekk reġgħet ġietu opportunità li jerġa' jieħu sehem f'esebizzjoni flimkien ma' sħabu l-istudenti. Minn hemm mar Parigi fl-*Ecole Superieure des Beaux* fejn kellu l-opportunità li jistudja taħt Jean Dupas. B'esperjenzi akkademiċi hekk vasti u differenti nistgħu ngħidu li kien imhejji sewwa biex meta ġie lura Malta jibda jirċievi xi kummissjonijiet. Cremona pitter kemm sagru u anke profan. L-ewwel xogħol sagru tiegħu ta' skala kbira kien fil-knisja tal-Imsida meta l-kappillan t'hemm kien qabbdu jtemm ix-xogħol li kien beda sieħbu Anton Inglott li kien miet ħesrem fl-aqwa tal-karriera tiegħu. Fl-1949 sar għalliem fl-Iskola tal-Arti fil-Belt fej dam sa ma laħaq il-quċċata tal-karriera tiegħu fl-1952, meta taħt l-awspiċi tal-Malta Cultural Institute tella' esebizzjoni fil-Lukanda Phoenicia li fiha wera 84 biċċa xogħol

li pproduċa bejn l-1943 u l-1951. Ħa sehem b'suċċess fil-Biannale Internazzjonali ta' Venezja filwaqt li fl-1958 esebixxa xi xogħlijiet fil-*Commonwealth Institue* ta' Londra, dawn ġew imfaħħra ħafna mill-kritiċi tal-Arti.

Wara tnax-il sena jgħallem kellu jirriżenja minħaba li mpenja ruħu totalment fid-dekorazzjonijiet taċ-Ċentinarju ta' San Pawl tal-1960. Għal dan l-impenn assidwu fl-1961 hu rċieva l-unur ta' Kavallier tal-Ordni Ekwestri ta' San Silvestru mill-Papa Gwanni XXlll. Għal din l-okkażjoni l-*Institute for Cultural Exchanges* nieda wirja kommemorattiva u retrospettiva tal-artist. Sentejn wara s-Soċjetà tal-Arti Manifattura u Kummerċ onoratu bil-medalja tad-Deheb. Fl-1969 organizza l-aħħar Wirja personali tiegħu fil-Mużew Nazzjonali fil-Belt. Din il-wirja kienet qajmet ftit tal-kontroversja minħabba l-esperimentazzjoni tiegħu fl-astratt li mis-snin 50 'l quddiem kienet ħadet dimensjoni aktar avventuruża.



***Pittura li turi lil San Pawl wara l-għarqa f'Malta***

Wara x-xogħol fil-knisja tal-Imsida ma ħarisx lura u nistgħu ngħidu li kienu diversi l-knejjes li kkummissjunawh biex illum jiftaħru b'xogħlu. Bla dubju ta' xejn l-opra kbira tiegħu tinsab fil-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu fil-Hamrun. Hemm hu pitter il-koppla, l-arzella u s-saqaf u ta lil din il-knisja d-dehra preżenti anke permezz tal-kuluri taż-żebgħa li hu kkumplimenta max-xogħol tal-pittura. Il-ftuħ arkitettoniku ta' din i-knisja tah iċ-ċans li jiċċelebra t-talenti tiegħu. Il-kuluri użati jdħlu ferm tajjeb mal-istil li din il-knisja ingħatat. Fi knejjes oħra pitter xi kuppletti bħal fil-kas tal-Kolleġjata ta' San Pawl Nawfragu fejn hemm pitter il-kuppletta tal-kappella tas-Sagrament. Fil-Belt pitter ukoll kupletta fil-knisja ta' Santu Wistin. Interessanti ħafna huma l-kwadri twal u dojoq ta' San Duminku u tal-Madonna tar-Rużarju li għamel għall-parroċċa ta' Gwardamanġa. Pitter ukoll il-kwadru titulari tal-Lunzjata għall-knisja tad-Dumnikani fil-Birgu. L-esekuzzjoni tiegħu flimkien mad-dehra mistika tal-kwadru jagħmluh wieħed mill-aqwa xogħlijiet tiegħu. Il-kuluri cari f'kuntrast mal-oranġjo jispikkaw ħafna. Għall-istess knisja għamel il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju. Pitter ukoll il-Madonna tal-Avjazzjoni għall-kappella tal-ajruport u l-Madonna tal-Emigranti għall-kappella ta' Dar l-Emigrant fil-Belt. Mhux ta' min iħalli barra l-kupletti kważi monokromatiċi fil-knisja ta' Ħal Balzan u s'intendi il-kwadri laterali tal-kor li nsibu fil-Knisja Parrokkjali ta' Sant'Andrija f'Ħal Luqa. Ta' min jgħid li għall-Bażilika Ta' Pinu f'Għawdex ħadem fuq il-kartun id-disinji tal-mużajk li naraw mxerred mas-santwarju kollu.




***Waħda mill-ħafna bolli li ddisinja Emvin Cremona***

Imma Cremona ma ħadimx fil-qasam tal-Arti Sagra biss. Fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin iddisinja diversi settijiet ta' bolol, kollha jingħarfu mill-istil tipiku, ħafna drabi geometriku tiegħu. Nistgħu ngħidu madankollu li l-qofol tax-xogħlijiet tiegħu saru aktar minn ħamsin sena ilu u kollha kienu marbuta maċ-Ċentinarju ta' San Pawl tal-1960. Kien iddisinja t-tribuna li kienet intramat fuq il-Fosos tal-Furjana, pitter diversi pitturi biż-żejt li jfakkru l-okkażjoni u li llum tnejn minnhom jinsabu barra minn pajjiżna, waħda fil-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Magħquda fi New York u l-oħra fil-World Health Organisation f'Ginevra. Pittura oħra kienet ippreżentata lill-Maestà Tagħha r-Reġina Eliżabetta ll waqt żjara li kienet għamlet fl-1967. Uħud għadhom jgħożżu kopji ta' kartelluni li kienu saru dak iż-żmien fuq disinn ta' Cremona bħal qoxra speċjali tal-ġurnal Leħen is-Sewwa.

Cremona għamel minn kollox biex jipprova jdewwaq stil differenti ta' arti minn dik barokka li l-Maltin tant intrabtu magħha. Fl-arti tiegħu ipprova jsib kompromess għaqli bejn it-tradizzjoni akkademika u l-idjoma libera moderna. Ħadem fuq diversi kummissjonijiet li fihom kollha ħalla t-timbru personali tiegħu. Għal xi żmien kien donnu qed jirnexxielu jdawwar għajnejn il-pubbliku il-barokk u jġibu midħla ta' arti aktar kontemporanja. F'dan l-ambitu kien iddisinja wkoll għadd ġmielu ta' pavaljuni meta lejn it-tmiem tas-sittinijiet u l-bidu tas-sebgħinijiet beda jidħol l-użu tad-drapp fit-tiżjin tal-festi. Fost l-oħrajn kien għamel disinn għal sett pavaljuni għall-festa ta' San Duminku fil-Belt, liema sett dam jintuża sal-aħħar tad-disgħinijiet. Għall-festa ta' Santa Marija fil-Mosta iddisinja l-armar ta' Triq il-Kbira fejn barra d-disinn tal-pavaljuni kien anke ħoloq kunċett ta' stilel tal-injam jixegħlu, lkoll kemm huma b'enfasi fuq il-linji b'kuntrast ma' ċrieki u simboli ġeometriċi oħra. Cremona kien magħruf ukoll għall-collages li kien jagħmel bil-ħġieġ miksur. Għad hawn familji li għandhom xogħol ta' dan it-tip xhieda tal-versatilità ta' dan l-artist.

Imma jekk Envin Cremona jibqa' mfakkar għall-pitturi tiegħu ma nistgħux ma nsemmuhx fil-qasam tad-disinji tal-bolol. Mill-istudju tiegħu f'medda ta' 22 sena bejn l-1957 u l-1979 ħarġu 62 sett ta' bolli, kollha juru l-ħila tal-artist fl-esperimentazzjoni tal-kulur, id-dellijiet u l-ġometrija. Fl-aħħar nett wieħed ma jistax jinsa jsemmi li hu kien ukoll disinjatur tal-qxur tal-kotba. Kien dejjem jenfasizza s-sempliċità, il-linearità u l-kuntrast fil-kuluri. Fost dawn id-disinji ta' min isemmi l-qora tal-erba' volumi tal-bijografija *Rajt Malta Tinbidel* ta' Herbert Ganado u l-qoxra tal-ktieb *Dun Karm il-Poeżiji Miġbura* li kienet waħda mill-aħħar xogħlijiet tiegħu. Emvin miet fid-29 ta' Jannar 1987 fil-għomor ta' 67 sena.



***Dehra ġenerali tal-Kor tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa***

Għall-knisja Parrokkjali ta' Sant'Andrija f'Ħal Luqa, kif għedna diġà Cremona pitter erba' kwadri mill-isbaħ. Il-knisja mibnija mill-ġdid wara

l-ħerba tat-Tieni Gwerra bdiet tiżżejjen b'diversi opri tal-arti u l-Luqin ma damux ma tefgħu ħarsithom fuq Cremona biex ikunu jistgħu jagħmlu erba' kwadri għall-kor li jkunu jistgħu jikkumplimentaw il-kwadru titulari ta' Mattia Preti. Naturalment il-kwadri l-ġodda tpittru f'idjoma differenti għalkollox mit-titular u jirriflettu ż-żmien li fih inħadmu. Il-kwadri ta' San Pietru u San Pawl ta' fuq il-bibien laterali tal-kor juru lill-qaddisin fil-poża tradizzjonali tagħhom iħarsu b'mod imponenti. Lil San Pawl liebes il-kuluri tradizzjonali aħdar u aħmar narawh bis-sejf f'idu l-waħda u l-ktieb fl-oħra. Hu jidher iħares 'l isfel. San Pietru fuq in-naħa l-oħra jidher liebes l-ilbies pontifikali bil-palju u b'ħarstu lejn is-sema. Id-dija madwar l-uċuħ tal-qaddisin jenfasizzaw il-wicc, waqt li l-iskala tal-kuluri kważi monokromatiku ma taċċentwax xi parti jew oħra tal-pittura u żżomm ix-xogħol f'sintonija mal-kuluri oskuri u sobri tat-titular.

Il-kwadri laterali l-kbar ta' fuq is-sedji tal-kor huma aktar movimentati. Fihom mill-ewwel tinħass it-teknika ta' Cremona fit-tqassim tal-figuri u l-paneġġi tal-ilbies. Kwadru minnhom juri lil Sant'Andrija quddiem is-salib tal-martirju. Il-qaddis jidher għarrkubbtejh fiċ-ċentru tal-kwadru, akkumpanjat minn suldat Ruman fuq żiemel. Jidhru wkoll xi dixxipli ta' Sant'Andrija jħarsu mgħaġġba lejn l-għodda tal-martirju u jistagħġbu bil-perseveranza u l-qawwa tal-appostlu Indri. Interessanti li fil-kwadru Sant Andrija biss jidher ċar b'dettalji anatomiċi speċjalment fil-parti ta' fuq ta' ġismu. Għall-kuntrarju l-personaġġi l-oħra mill-ewwel jieħdu parti sekondarja fil-kompożizzjoni tal-kwadru u d-dettalji tagħhom huma minimi u donnhom imdella.

Fil-kwadru l-ieħor naraw it-trasport ta' ġisem Sant'Andrija wara l-martirju. L-istess bħal kwadru ta' pariġġu huwa l-qaddis li jisraq ix-xena bid-dixxipli jidhru neqsin mid-dettal. Prominenti tidher ix-xitla tar-rand, simbolu tal-kuruna tar-rand li qatt ma jintemm, li ngħata l-qaddis fis-sema. Interessanti l-persuni fuq il-lemin tal-kwadru li jidhru jħarsu mill-bogħod waqt li jiddiskutu l-martirju. L-għata tar-ras ta' dak li qed iħares 'il barra hija tipika ta' Cremona u mill-ewwel tfakkrek fi kwadri oħra tal-istess artist.

Għalkemm Envin Cremona ilu mejjet 'il fuq minn tletin sena, għadna nħossuh tant qribna permezz tal-arti tiegħu. Ħallilna patrimonju vast u f'ġeneri differenti li min jaf kemm għad irid jiġi studjat fid-detall biex noħorġu l-vera relevanza artistika tiegħu fl-isfond ta' dak li kien għaddej fid-dinja artistika fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin.





***Il-kwadri laterali l-kbar ta' Emvin Cremona***



# Il-Pedestall tal-Anġlu…

## *25 sena jsebbaħ il-pjazza ewlenija*

**Joseph Piscopo**

L-istatwa tal-Anġlu tqanqal wisq emozzjoni hekk kif lejlet il-festa din tittella' b'mod mill-aktar grandjuż fuq il-pedestall fost il-ferħ tal-partitarji u l-poplu li jinġabar fil-pjazza ewlenija. Kienet ilha tinħass il-ħtiega illi jsir pedestall akbar minn dak li kellu qabel fl-antik, peress li dan kien qed jidher żgħir fil-pjazza ħdejn l-armar l-ieħor li kien qed isir.

Is-sena 1994 kienet waħda speċjali għas-Sezzjoni tal-Armar tas-Soċjetà tagħna. Dan minħabba l-fatt li wara sentejn ta' ħidma, nhar il-Ħamis 30 ta' Ġunju, fost il-ferħ tal-partitarji, inkixef il-pedestall tal-Anġlu fi Pjazza Sant'Andrija mill-President ta' dak iż-żmien is-Sur Salvu Spiteri. Dan kien inkixef wara programm mużikali fuq il-planċier mill-Banda L-Unjoni.



Dan il-pedestall kien ġie ddisinjat minn Karmnu Psaila, magħruf bhala s-So, u li ddisinja ħafna mill-armar tas-Soċjetà tagħna tul is-snin. Ħadmu fuqu diversi membri, li wħud minnhom m'għadhomx magħna. Ix-xogħol tal-injam sar kollu minn Pawlu Camilleri u Ġanni Psaila, megħjuna minn Karmenu Camilleri u Joseph Saliba. L-iskultura saret mill-artist Twanny Ellul waqt li x-xogħol fil-*fibre* nħadem minn Twanny Schembri u Andrew Vella. L-induratura kienet fdata f'idejn John Camilleri u l-irħamar sar minn Karmenu Psaila. Bosta membri oħra taw l-għajnuna tagħhom waqt il-ħidma fosthom Andrew Aquilina, Melchior Portelli, Joe Aquilina, Angelo Dalli, Lino Ciappara, Lawrence Spiteri, Mark Magro u Dione Degabriele. Il-flus sabiex seta' jsir dan ix-xogħol inġabru minn Andrew Micallef, Innocent Camilleri u Ġanni Psaila.

Ta' min jgħid li għall-okkażjoni tal-inawgurazzjoni ta' dan il-pedestall, l-istatwa tal-Anġlu kienet ġiet indurata u miżbugħa minn Emanuel Pulo u John Camilleri rispettivament. Barra minn hekk saru wkoll kuruna u palma tal-fidda għand id-Ditta






Parti ta' Isfel lesta għaż-żebgħa.
Parti mill-iskultura lesta għal l-induratura.
Il-parti ta' fuq fejn se jitpoġġa L-Anġlu meta jiġi mtella.
21


Mill-Maħżen ta' l-Armar
Twanny Ellul kien il-bniedem ħa ħsieb li jagħmel il-forom biex setgħet issir l-iskultura.
Johnny Camilleri li għamel l-induratura tal-pedestall.
Carmel Psaila qiegħed jirħama il-pedestall il-ġdid.
22



## Mill-Maħżen ta' l-Armar

Karmenu Camilleri li għamel ħafna mix-xogħol.

Melchior Portelli li għen ħafna fix-xogħol ta' l-injam.

Tanio Spiteri li għamel ix-xogħol tal-ħadid.



## Mill-Maħżen ta' l-Armar

Andrew Vella li għamel ix-xogħol ta' l-iskultura.

John Psaila, Paul Camilleri u Andrew Aquilina li kienu l-moħħ biex sa il-pedestall.

Twanny Schembri li għamel ħafna mix-xogħol ta' l-iskultura fuq il-fibru.

24



Mill-Maħżen ta' l-Armar

Karmenu Camilleri li għamel ħafna mix-xogħol.

Melchior Portelli li għen ħafna fix-xogħol ta' l-injam.

Tanio Spiteri li għamel ix-xogħol tal-ħadid.









Aquilina ta’ Ħal Qormi, bl-ispejjeż jitħallsu mis-Sinjuri Innocent Camilleri u Andrew Micallef.

Dan il-pedestall inħadem ikbar mill-antik ta’ qablu sabiex l-istatwa tal-Anġlu tkun tista tittella’ b’mod iktar trijonfali fi tmiem il-marċ ta’ lejlet il-festa u jiġi jikkumplimenta l-armar l-ieħor fil-pjazza. Fil-parti ċentrali ta’ dan il-pedestall insibu dekorazzjoni sabiħa bl-arma ta’ Sant’Andrija, filwaqt li fil-kantunieri hemm erba’ ajkli li huma s-simbolu tas-Soċjetà tagħna. Fil-parti ta’ fuq insibu erba’ puttini sbieħ f’kull kantuniera. Dan il-pedestall kien u għadu mfaħħar ħafna mid-dilettanti tal-armar tal-festi. Matul is-snin saru diversi interventi ta’ manutenzjoni fuqu sabiex jibqa’ fi stat tajjeb.

Ta’ min jgħid li f’dik is-sena kien ġie armat *scaffolding* ġdid sabiex titkompla t-tradizzjoni antika li din l-istatwa titla’ fuq l-idejn. Dan baqa’ jintuża sas-sena 2017 peress li s-sena li għaddiet dan ġie mibdul b’wieħed aktar sigur ħalli filwaqt li nżommu t-tradizzjoni ta’ missirijietna, naġġornaw din it-tradizzjoni maż-żmien tal-lum.

Il-pedestall oriġinali tal-Anġlu, maħdum għall-ħabta tas-sena 1885, illum il-ġurnata għadu jintrama quddiem il-każin fi Triq Sant’Andrija u għal fuqu, iktar tard, kienet inħadmet statwa ta’ San Ġwann Battista, xogħol l-artist Ħalluqi Twanny Ellul.


Jessie Café
A MEAL
WITHOUT
WINE
IS LIKE
A DAY
WITHOUT
SUNSHINE


G. DARMANIN SERVICE STATION
Valletta Road, Luqa. Tel: 21/2766 7109
NEW TYRES AND
PUNCTURE REPAIRS
OILS, SERVICE PARTS &
CAR CARE PRODUCTS
SISTEMA AWTOMATIKA
24 SIEGĦA SERVIZZ



# Il-Marċ Popolari *Valley of Roses* jagħlaq 75 sena

**Neil Zammit**



Min hu midħla tal-baned u l-festi Maltin żgur li xi darba jew oħra sema' jew daqq il-marċ *Valley of Roses* ta' Prof. Charles E. Zammit. Dan il-marċ kitbu meta Zammit kellu biss erbatax-il sena u ndaqq għall-ewwel darba fl-1944 mill-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun fil-festa tal-qaddis patrun. Fi ftit tas-snin inxtered ma' Malta kollha u ħafna mill-baned idoqquh fil-marċi tagħhom, fost il-briju u l-ferħ tal-partitarji tal-festa.

M'għandniex xi ngħidu, is-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* kisbet ukoll dan il-marċ popolari u mill-ewwel darba li ndaqq Ħal Luqa kiseb popolarità kbira, tant li għadu jindaqq u jitkanta sa llum. Bix-xieraq, għax l-istess kompożitur qatta' xejn anqas minn wieħed u tletin sena jmexxi l-Filarmonika *L'Unione* b'tant għaqal u dixxiplina mużikali.

Nieħdu din l-okkażjoni sabiex filwaqt li nifirħu lis-Surmast Emeritu Charles Zammit f'dan l-anniversarju sinifikanti, inroddulu ħajr ukoll tal-ħidma sfiqa li wettaq magħna lkoll għall-ġid tal-Filarmonika *L'Unione* u tal-mużika f'pajjiżna.

Grazzi Surmast u *ad multos annos*!

# Paul's Store

Pjazza tal-Knisja, Luqa

Tel: 2166 2016    Mob: 9940 5511

*Fejn issibu kollox frisk kuljum*
*b'varjetà sħiħa ta' ikel ġenwin*
*u dak kollu meħtieġ għall-familja kollha*
*bi prezzijiet mill-aqwa*






*Free delivery*

***Anton Gatt***
***u l-familja***
***jawguraw***
***il-Festa t-Tajba***
***lil kulħadd***





# Xbieha Antika ta' Sant'Andrija tal-Iskultur Vincenzo Cardona

**Joseph Piscopo**

Matul ir-riċeviment annwali tal-festa mogħti mill-Kumitat tas-Soċjetà s-sena li għaddiet, ulied l-eks President tas-Soċjetà tagħna Ġakbu Ciappara ppreżentaw bħala rigal statwa artistika ta' Sant'Andrija li kienet tifforma parti mill-kollezzjoni ta' missierhom u li għal snin twal żejnet l-intrata tad-dar ta' din il-familja partitarji tas-Soċjetà tagħna.

Din l-istatwa hi xogħol fl-i*stucco* tal-artist rinomat Sqalli l-Professur Vincenzo Cardona. Cardona ħadem f'pajjiżna lejn it-tmiem tas-seklu dsatax u fil-bidu tas-seklu għoxrin. Ħafna xogħlijiet fl-*istucco* ta' dan l-artist isebbħu diversi Palazzi madwar Malta, fosthom il-*Ballroom* ta' Palazzo Parisio fin-Naxxar li ħadem flimkien ma' Giulio Moschetti, il-Borsa fil-Belt Valletta u t-Teatru Salesjan f'Tas-Sliema. Barra minn hekk, għandu ħafna xogħlijiet f'kollezzjonijiet privati. Fis-sena 1896 hu ngħata midalja tad-deheb mis-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ b'rikonoxximent tal-ħidma artistika tiegħu.



*Is-Sur Ġakbu Ciappara*

L-istatwa li ngħatat lis-Soċjetà tagħna hi maħsuba li kienet abbozz għall-Bażilika tal-Isla sabiex isiru sett Appostli għal fuq l-artal maġġur. Imma mid-dehra kien hemm xi dizgwid u dawn baqgħu ma nħadmux u b'hekk dan l-abbozz ġie akkwistat mis-Sur Ġakbu Ciappara li kien kollezzjonist kbir tal-arti, speċjalment dik sagra. Hu kien President tas-Soċjetà bejn is-snin 1947 u 1949, fi snin pjuttost diffiċli meta l-każin kien reġa' nbena mill-ġdid wara t-tifrik tal-gwerra. Ta' min jgħid li fis-sena 2017, ulied Ġakbu Ciappara kienu rregalaw sett vari antiki u



mill-isbaħ tal-Ġimgħa l-Kbira, xogħol Carlo Darmanin u li kienu wkoll parti mill-kollezzjoni ta' missierhom.

Il-Kumitat jirringrazzja lill-familja tal-mibki Ġakbu Ciappara għax b'dawn ix-xogħlijiet tal-arti qed inkomplu nsebbħu l-Palazz tagħna, Palazz Sant'Andrija, b'aktar rikkezzi li jistgħu jitgawdew tul is-sena kollha minn kull min jiġi jżurna.








# Is-Sedji tal-Kor il-Qadim fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa

**Anton Morana**

Fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa, waħda mill-isbaħ partijiet li kellha qabel il-gwerra, kien bla dubju l-Kor. Din il-parti tal-knisja ma kinetx imġarrfa bil-gwerra iżda minħabba li l-knisja l-ġdida kellha titkabbar u kienet se tkun fuq stil differenti, il-kor kellu jitkisser kollu. Biex sar hekk, kellhom jinqerdu ħafna affarijiet bla bżonn li kienu jagħmlu dan il-kor wieħed mill-isbaħ li kien hawn fil-knejjes f'Malta. Ir-ritratti li għad fadal juri dan li qiegħed ngħid. Biss hemm oġġetti oħrajn moħbijin wara l-artal maġġur il-qadim li ma jidhrux.



X'fadal mill-kor il-qadim? Ġiet salvata l-pittura tal-Martirju ta' Sant'Andrija, xogħol ta' Mattia Preti. L-iskultura kollha, il-gallarija tal-orgni, l-orgni Naplitan, is-sedji tal-kor u l-leġiju tal-Antifonarji ġew meqruda kollha. Kien hemm għalfejn din il-qerda kollha? Qabel twaqqa' l-kor, kollox kellu jinħatt. Allura, kif juru r-ritratti, kollox seta' jiġi salvat! Eżempji: l-istatwi ta' San Pietru u San Pawl, li qabel kienu parti mill-iskultura tal-kor għadhom jeżistu u qegħdin fiċ-ċimiterju tar-raħal. Fil-kor radmu wkoll il-kannierja tal-oqbra tal-kleru li kienet saret fl-1731. Wieħed jiskanta kif waslu biex kissru wkoll il-Leġija tal-Antifonarju! Minn dan fadal il-panewijiet tiegħu, li l-iskultura tiegħu tixbah ħafna lil dik tas-sedji. Fadal ukoll xi biċċiet mill-gallarija tal-orgni u sa ftit tas-snin ilu, fil-kampnar kien għad hemm xi pajpijiet tal-orgni, li mbagħad għebu.







**BRIGHTSIDE BAND**

Contact Norbert Camilleri for more information
on 79803056

Kien l-Isqof Pawlu Alpheran De Bussan li nsista biex fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa jsiru s-sedji tal-kor b'dak kollu li kien hemm bżonn. Waqt żjara pastorali, l-Isqof Alpheran qabbad tliet qassisin biex jieħdu ħsieb li jsiru s-sedji. Is-sedji kellhom isiru skont disinn li kellu jiġi approvat mill-Isqof. Sal-1737 ma kien għadu sar xejn. L-Isqof ġabar lill-kleru ta' Ħal Luqa u ħeġġiġhom biex is-sedji meħtieġa jsiru. Imħeġġa minn din il-laqgħa mal-Isqof, il-qassisin wiegħdu li joħorġu bejniethom 174 skud. Dun Luqa Tonna u Dun Lawrenz Caruana, fl-istess laqgħa nħatru biex jaraw din il-ħidma sseħħ.



Fis-7 ta' Frar 1745, Dun Lawrenz u Dun Duminku Farrugia, li daħal minflok Dun Luqa, għamlu kuntratt mal-imgħallem Antonio Farrugia mill-Isla biex jaħdmilhom l-injam. Id-disinn tawhulu huma. Id-disinn mhux magħruf ta' min kien.

Kellu jintuża njam tal-punent fejn tidħol l-iskrittura u njam aħmar fix-xogħol l-ieħor kollu. L-imgħallem Farrugia ntrabat li s-sedji jaħdimhom f'Ħal Luqa stess. L-iskultura tas-sedji saret mill-Ħalluqi Pietru Saliba, iben l-imgħallem Beneditt. Dan kellu jagħmel, skont il-kuntratt, l-armi ta' Sant'Andrija u tal-Isqof Alpheran, waħda fuq is-sedja tal-Kappillan u l-oħra fuq dik faċċata tagħha. Meta Monsinjur A.Gurgion għamel viżta pastorali fir-raħal, fit-23 ta' Settembru 1745, minflok l-Isqof Alpheran, mar jara l-kor jinħadem f'ħanut tal-mastrudaxxi ħdejn il-knisja. Antonio Farrugia, l-imgħallem tal-injam, ma lestiex is-sedji sat-30 ta' Novembru 1745 għax sa Mejju 1745 ix-xogħol kien għadu sejjer. Tlesta sal-festa ta' Sant'Andrija tal-1746 u ġie jiswa b'kollox 340 skud.



L-Isqof Alpheran għamel viżta pastorali fl-1752 u meta rah f'postu għoġbu ħafna. Fir-rapport tal-viżta pastorali jgħid li "għandu disinn li jolqot l-għajn mill-ewwel... u mżejjen bi skultura tassew sabiħa."

Il-kuntratt tas-sedji tal-kor kien sar għand in-Nutar Tommaso Magri fis-7 ta' Frar 1745. Il-kuntratt jitkellem dwar ħafna dettalji u jgħid fost l-oħrajn x'tip ta' njam kellu jintuża, l-imsiemer u dwar l-iskultura li kellu jagħmilha l-Ħalluqi Pietru Saliba. Ta' Saliba kienu magħrufin bħala skulturi tal-injam, tal-ġebel u bennejja mill-aqwa. Jitkellem ukoll dwar l-armi li kellu jagħmel jiġifieri dik ta' Sant'Andrija u tal-Isqof Pawlu Alpheran De Bussan.

X'sar mill-injam tas-sedji tal-kor meta żarmawh wara l-gwerra? L-imgħallem Ġużeppi Galea kien qalli li kienu ħaduh kollu fil-maħżen fejn jinżammu l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Maż-żmien, meta l-maħżen kien irranġat jidher li dan l-injam kollu intrema 'l barra. Niftakarni nara l-arma skolpita tal-Isqof Alpheran.

Il-leġiju tal-Antifonarji kissruh biċċiet u għad fadal il-panewijiet tiegħu merfugħin fil-kampnar. Illum il-fdalijiet tal-kor jinsabu ppreservati fil-Mużew Parrokkjali.

Dan il-leġiju ma kienx hemm għalfejn jitkisser għax kien għamara li setgħet tinġarr. Baqgħu wkoll xi leġiji, li wieħed minnhom hu mżejjen b'ħafna skultura. Għadha teżisti wkoll il-gradenza ta' fuq il-presbiterju li hija xogħol kontemporanju mas-sedji tal-kor u l-iskultura tiegħu hija tal-istess id.

Il-kor kien parti utli ħafna għas-servizz liturġiku u l-kant kien isir b'dinjità kbira matul is-sena u fil-festi solenni. Fih wieħed kien jilmaħ lill-kleru tar-rahal flimkien, juffiċċjaw flimkien bil-kant Gregorjan, kant li l-Isqfijiet bħal Gori Mancini, Alpheran, Rull u Pellerano dejjem insistew fuq it-tagħlim tiegħu. Wara l-gwerra l-knisja tagħna damet sal-1959 biex kellha kor ġdid. Meta dan sar iżda ma għamilx għajb lil dak ta' qablu.

**Referenzi**

Dun Ġużepp Micallef - Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha.
Arkivju Notarili, Valletta - Nutar
Tommaso Magri NAV 924/12 f65.



# Tliet Mitt Sena mit-Twaqqif tal-Fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura f'Ħal Luqa

## *Devozzjoni Marjana li baqgħet Ħajja tul is-Snin*

**Neil Zammit**

Il-Fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura f'Ħal Luqa kienet waħda minn tal-ewwel li twaqqfu f'Malta, u proprju din is-sena qed jitfakkar it-tliet mitt anniversarju mill-fondazzjoni tagħha. Din id-devozzjoni Marjana baqgħet ħajja tul dawn it-tliet sekli u kienu ħafna dawk li rrikorrew lejHa fil-mumenti diffiċli tagħhom sabiex isibu l-faraġ. Wara kollox, Ommna Marija Santissima taqdi r-rwol tagħha tant tajjeb bħala omm il-faraġ u twassalna għand binHa Ġesù. U proprju dan kien il-ħsieb li tliet mitt sena ilu xegħel il-fjamma sabiex il-kult lejn Ommna Marija Santissima jkompli jinfirex anke permezz tal-Fratellanzi u d-devozzjonijiet Marjani. Forsi ġieli niġu kkritikati li l-Madonna għandha wisq titli marbuta magħHa, però dawn huma biss xhieda tal-qima kbira li aħna l-Insara għandna għal Marija Santissima bħala ommna u difensur tagħna quddiem binHa Ġesù. L-għan ta' kull devozzjoni huwa li jressaqna aktar lejn il-Verġni Marija u nsiru nixbħuHa. Jekk ma nagħmlux dan, allura nkunu tlifna kull skop fil-ħajja tagħna.

Intant, il-Verġni Marija taħt it-titlu tal-Konsolazzjoni, magħrufa l-aktar fostna bħala l-Madonna taċ-Ċintura, hija l-patruna speċjali tal-Ordni Agostinjan. Il-patrijiet fi ħdan din l-Ordni li jagħtu ġieħ ukoll lil Santa Monika u lil binha Santu Wistin, għandhom devozzjoni kbira lejn il-Madonna taħt dan it-titlu taċ-Ċintura u l-festa liturġika tagħha ssir nhar l-4 ta' Settembru, ftit jiem fuq it-tifkira tal-istess żewġ qaddisin fundaturi tal-Ordni Agostinjan. F'pajjiżna nsibu diversi knejjes li jiċċelebraw din il-festa għażiża f'ġieħ Ommna Marija Santissima, fosthom dawk tal-patrijiet Agostinjani tal-Belt Valletta u tar-Rabat, fil-Gudja, Ħal Qormi, is-Siġġiewi, il-Qrendi, Ħal Luqa u oħrajn. Minbarra hekk, insibu wkoll għadd sabiħ ta' fratellanzi mxerrda ma' Malta u Għawdex iddedikati lill-Madonna taħt dan it-titlu.



***Dettall tal-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura***



*L-Isqof Giacomo Cannaves*

Insibu fl-istorja illi propju tliet mitt sena ilu, nhar it-12 ta' Ġunju 1719, l-Isqof Canaves laqa' t-talba li saret nhar it-8 ta' Ġunju mill-W.R. Dun Gio Domenico Stellini, it-Terz-Ordni Agostinjan u l-Kappillan Ignazio Agius sabiex titwaqqaf il-Fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa. Wara din l-aħbar, saru bosta preparamenti sabiex iċ-ċerimonja solenni saret nhar it-28 t'April tas-sena ta' wara u tmexxiet mill-Kappillan Agius u Patri Antonio Mifsud O.S.A. Interessanti huwa l-fatt illi din il-fratellanza twaqqfet uffiċjalment fuq l-altar iddedikat lil San Mikiel Arkanġlu peress li sa dak iż-żmien, altar taċ-Ċintura kien għad m'hemmx. Dan huwa simili ħafna għal dak li ġara kważi mitt sena qabel meta twaqqfet il-Fratellanza tar-Ružarju fis-seklu sbatax. Minkejja dan, xorta waħda l-Fratellanza taċ-Ċintura kellha tgawdi l-privileġġi u l-indulġenzi kollha mogħtija lilha permezz tal-*Bolle Pontificie*. Insibu wkoll li Dun Gio Domenico Stellini flimkien mat-terzjarji Agostinjani kienu ħallsu għal kwadru żgħir tal-Madonna taċ-Ċintura sabiex setgħet tikber id-devozzjoni lejHa u b'hekk tkun tista' titwaqqaf il-fratellanza l-ġdida. F'dan il-kwadru wieħed seta' jara x-xbihat tal-Madonna bil-Bambin flimkien ma' Santu Wistin u Santa Monika.


Erezione della Confra.ta della Cintura nella Ch.a Parle di C. Luca - 12. Giugno 1719

*Manuskritt li juri t-twaqqif tal-Fratellanza taċ-Ċintura*

Il-festa taċ-Ċintura f'Ħal Luqa bdiet issir fl-1720 u baqgħet issir ta' kull sena u kienet tiġi ċċelebrata nhar l-aħħar Ħadd t'Awwissu jew l-ewwel Ħadd ta' Settembru. Tul il-medda tas-snin insibu li d-devozzjoni lejn iċ-Ċintura żdiedet u kienu ħafna dawk il-benefatturi li ħallsu xi opri artistiċi sabiex jintramaw fil-festa. Insibu illi sas-sena 1727, il-Fratellanza taċ-Ċintura ma kellhiex artal tagħha u għalhekk inħasset il-ħtieġa sabiex din l-istess Fratellanza takkwista wieħed mill-artali li diġà kien hemm fil-knisja parrokkjali. Fil-fatt, il-prokuraturi tal-Fratellanza taċ-Ċintura, Gio Domenico Zammit u Giuseppe Mifsud bagħtu supplika lill-Isqof ta' Malta f'Settembru 1727 sabiex l-artal eżistenti taħt it-titlu tas-Santissima Trinità jingħata lill-Fratellanza taċ-Ċintura u b'hekk ikun jista' jsir kwadru fiss iddedikat lill-Madonna tal-Konsolazzjoni. Il-kwadru tas-Santissma Trinità kellu fih ukoll ix-xbihat ta' Santu Rokku u San Franġisk di Paola. Għalhekk, ġie kkummissjonat l-artist Enrico Arniaud sabiex ipitter dan il-kwadru l-ġdid li għadna naraw sal-ġurnata tal-lum. Dan ħejja disinn mill-aqwa fejn fih daħħal ix-xbihat tal-Madonna, Santa Monika u Santu Wistin fiċ-ċentru tal-kwadru, filwaqt li fl-irkejjen tan-naħa ta' isfel insibu lil Santu Rokku u San Franġisk di Paola u fuq nett fl-isfond tidher it-Trinità Mqaddsa. Dan kollu jikkonferma illi qabel ma sar il-kwadru l-ġdid, kien

hemm dak iddedikat lis-Santissima Trinità li llum ħadd ma jaf x'sar minnu. Il-kwadru l-ġdid tal-Madonna taċ-Ċintura tlesta fl-1728 u għadna ngawduh sal-lum.

Jidher illi din is-supplika mibgħuta mill-prokuraturi tal-Fratellanza taċ-Ċintura ġabet magħha reazzjoni negattiva min-naħa tal-Fratellanza tar-Rużarju mwaqqfa fl-istess parroċċa. Dan minħabba l-fatt illi l-Fratellanza tar-Rużarju kienet meqjusa aktar anzjana minn dik taċ-Ċintura u għalhekk oġġezzjonaw bis-sħiħ għall-għotja tal-artal taħt it-titlu tas-Santissima Trinità lill-Fratellanza l-ġdida. Il-Fratellanza tar-Rużarju ma riditx taċċetta din il-proposta peress li l-artal tat-Trinità Mqaddsa milli jidher kien iddekorat sewwa u għalhekk taċ-Ċintura kien se jkollhom artal sabiħ jekk mhux isbaħ minn dak tar-Rużarju. Kienet x'kienet ir-raġuni eżatta, nafu illi l-pittura l-ġdida tal-artist Arniaud saret kif mixtieq u twaħħlet flok dik tat-Trinità Mqaddsa għall-qima tal-fidili.



*Il-Bozzett għall-Kwadru tal-Madonna taċ-Ċintura*



*L-Istatwa artistika tal-Madonna taċ-Ċintura*

Matul is-snin, saru wkoll l-istandart il-prim bir-rakkmu tad-deheb, erba' lanterni, surġentina u żewġ slaleb tal-fidda, bankun għall-istess fided, sett karti gloria, terħa bajda, sopra terħa rrakkmata, ventaltar bl-iskultura u rakkmu bid-deheb, sett gandlieri ndurati bil-fidda u diversi aċċessorji oħra. Aktar tard, fl-1911, il-prokuratur tal-Fratellanza s-Sur Giuseppe Borg ħa ħsieb sabiex ikompli jżejjen l-artal taċ-Ċintura billi talab xi flus mill-kaxxa tad-dħul sabiex jitlesta l-irħam kollu tal-artal. Dan insibuh f'supplika mibgħuta nhar id-9 ta' Diċembru 1911 mill-Kappillan Dun Anton Vella għan-nom tal-prokuratur Giuseppe Borg. Dan l-istess artal jintrama b'sett statwi mill-isbaħ, xogħol miġjub minn Lecce (l-Italja) filwaqt li l-artal maġġur tal-knisja jintrama b'sett Appostli kbar ikkuluriti u indurati bid-deheb, xogħol l-istatwarju Wistin Camilleri. Dawn kollha saru fis-snin sittin tas-seklu l-ieħor fi żmien il-Prokuratur Galea.

Għall-bidu fil-purċissjoni ma kinitx toħroġ vara, izda fl-1875 insibu li l-Fratellanza taċ-Ċintura talbet lill-Fratellanza tar-Rużarju sabiex l-istatwa tal-Madonna tibda toħroġ















*L-Artal tal-Madonna taċ-Ċintura (Seklu 19)*



*L-artal tal-Madonna taċ-Ċintura fil-preżent*

ukoll fil-purċissjoni taċ-Ċintura. Dan wara li fl-istess sena, iż-żewġ fratellanzi qasmu l-ispejjeż involuti sabiex jinżebagħ mill-ġdid il-karnaġġjon tal-istatwa tal-Madonna u l-Bambin mill-pittur magħruf Giuseppe Calì. Fil-fatt l-istatwa kienet titneħħilha l-kuruna u minflok kien jitpoġġa ċ-ċintorin, simbolu tal-konsolazzjoni. L-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura hija waħda mill-isbaħ illi nsibu fil-gżejjer Maltin. Aktarx li saret bejn l-1692-93, minn skultur mhux magħruf. Fl-1917 ġiet indurata u sgraffjata mill-ġdid mill-induratur Francesco Coleiro tal-Belt, sarilha stellarju fuq disinn tas-Sur M. DeGiovanni u nxtraw bradella u bankun mingħand il-prokuratur tal-Knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni ta' Bormla li kienu jintużaw għall-istatwa tal-Kunċizzjoni qabel ma nħadmu dawk preżenti. Fis-snin disgħin tas-seklu l-ieħor, l-istatwa ġiet miżbugħa mill-ġdid mill-Kav. Alfred Camilleri Cauchi. Il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna baqgħet toħroġ sal-1987, u minn dakinhar 'l hawn il-festa baqgħet issir biss fil-knisja permezz ta' quddiesa kantata bil-prietka fuq il-Madonna.

Meta wieħed ikompli jqalleb fl-istorja tal-parroċċa jintebaħ illi l-festa taċ-Ċintura kienet waħda popolari ħafna u mistennija minn sena għall-oħra. Dan minħabba l-fatt illi peress li Sant'Andrija kien jiġi f'Novembru, il-festi ta' barra kienu esposti għall-elementi naturali. Għalhekk il-festi esterni taċ-Ċintura kienu

jkunu aktar imfittxija mill-poplu peress li l-festa kienet tiġi ċċelebrata fl-eqqel tas-sajf Malti. Il-knisja kienet tkun imżejna b'armar sabiħ u l-funzjonijiet kollha kienu jsiru bl-akbar solennità. Insemmu biss is-sena 1907, meta l-Kappillan Dun Anton Vella, għan-nom tal-prokuratur tal-Fratellanza taċ-Ċintura bagħat supplika lill-Arċisqof ta' Malta nhar it-23 t'Awwissu sabiex jitkantaw is-sekondi vespri b'mużika tal-magħruf Surmast Ħalluqi Ferdinando Camilleri, iben il-fundatur tal-Filarmonika *L'Unione* Vincenzo Camilleri. Kellhom jitkantaw ukoll *Salve Regina* u *Tantum Ergo* tal-istess Surmast Camilleri.

Ir-rabta tal-Filarmonika *L'Unione* ma' din il-festa tmur lura għall-1885. Dik is-sena nsibu bħala Prokuratur tal-festa tal-Madonna taċ-Ċintura lis-Sur Andrea Sammut. Fil-fatt, Andrea Sammut ġie elett bħala prokuratur wara li Giuseppe Micallef spiċċa minn din il-kariga. Dan tal-aħħar, wara li tilef l-elezzjoni għall-president tal-Banda *L'Unione* u waqqaf iċ-Circolo *Sant'Andrea* fl-1883, stieden lill-Banda Sant'Andrija ta' dak iż-żmien sabiex tipparteċipa fil-festa taċ-Ċintura tal-1884. Dan il-ġest xejn ma niżel tajjeb fost il-poplu Ħalluqi, u mis-sena 1885 'il quddiem, il-Banda popolari *L'Unione* dejjem ipparteċipat weħidha f'din il-festa sakemm baqgħet issir.

Kienet ħaġa naturali li meta s-Sur Andrea Sammut ħa l-prokura taċ-Ċintura fl-1885, huwa stieden lill-Filarmonika *L'Unione* li tagħha ħuh Nikola Sammut kien President, sabiex tagħti s-sehem tagħha f'din il-festa. Insibu li dik is-sena l-Filarmonika *L'Unione*, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Gavino Camilleri żanżnet innu ta` ġieħ lill-Madonna taċ-Ċintura, kompożizzjoni tal-magħruf surmast Ferdinando Camilleri fuq versi tal-Ħalluqi Francesco Xuereb bis-sehem ta' kor tat-tfal. Nistgħu ngħidu illi dan l-innu kien l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu f'Ħal Luqa.

> *"La festività della N.S. della Consolazione in casal Luca che ebbe luogo il 30 dello scorso mese fu in quest'anno oltremodo solenne. Le care melodie del Sig.Maestro Ferdinando Camilleri, gli arredi del tempio e mille altre cose che sarebbe lungo l'enumerare reserò quella festa degnissimo spettacolo e della campagna per prendere parte all su detta festa. All'esterno poi non sapremmo che rum meglio lodare se la bellissima illumunazione, se il modo col quale erano ornate la piazza e le strade, se la Banda dello stesso casale delle quali merita speciale menzione quella diretta dagli egregi fratelli Camilleri che esegui con ammirazione di tutti un bellissimo Inno composto per si fatta occasione di Sig. Francesco Azzopardi e vestito di dolcissime e simpatiche note dall' impareggiabile Mro Ferdinando Camilleri il quale meritò e riconosse frenetici applausi da tutta la gente ivi occorsa. Abbia intanto il su lodato Maestro com pure i suoi degnissimi fratelli li nostre congratulazioni e insieme di tutti coloro che presero parte a quel festevole trattimento da loro regalatocci in quella sera."*
>
> Malta, 2 Settembre 1885

Dan l-innu tant sabiħ ta' Ferdinando Camilleri kien biss l-ewwel minn sensiela ta' innijiet li s-surmastrijiet tal-Filarmonika *L'Unione* kitbu sabiex jiġu esegwiti mill-istess Banda fil-festa tal-Madonna taċ-Ċintura. Fil-fatt, erba' snin wara, eżattament fl-1889, is-Surmast Gavino Camilleri kiteb innu ieħor lill-Madonna taċ-Ċintura għall-banda u kor tat-tfal. Dan ukoll beda jindaqq ta' kull sena f'din il-festa. Fl-1904, hekk kif is-





*L-Innu 'Alla Beata Vergine' tas-Surmast G. Camilleri*



*Is-Surmast Ferdinando Camilleri*

Surmast Orlando Crescimanno ħa l-kariga ta' direttur tal-Filarmonika *L'Unione*, dan ukoll kiteb *Inno alla Beata Vergine*, xogħol miktub għal banda kbira u kor.

Is-sena 1954 ġiet iddikjarata mill-Papa Piju XII bħala sena Marjana. Dik is-sena l-festi kollha tal-Madonna madwar Malta u Għawdex ġew iċċelebrati b'mod pompuż aktar mis-soltu. L-istess sar f'Ħal Luqa fil-festa tal-Madonna taċ-Ċintura. Saħansitra nhar il-25 ta' Awwissu 1954 ingħataw prominenza qawwija fil-ġurnal *Il-Berqa* ċ-ċelebrazzjonijiet kbar li kienu se jsiru f'Ħal Luqa fit-28 u 29 ta' Awwissu ad unur il-Madonna taċ-Ċintura. Lejlet il-festa taċ-Ċintura, nhar it-28 ta` Awwissu 1954, il-Filarmonika *L'Unione* għamlet marċ qasir u programm fuq il-planċier armat fil-pjazza ewlenija tar-raħal. F'dik il-lejla żżanżan innu ġdid *Lill-Madonna taċ-Ċintura*, kompożizzjoni mill-aqwa tas-Surmast tal-banda Joseph Abela Scolaro F.L.C.M. fuq versi tal-magħruf Rev. Dun Frans Camilleri. Dan l-innu flimkien ma' dak ta' Sant'Andrija, San Gejtanu u ta' San Pawl huma meqjusa bħala fost l-aqwa xogħlijiet tas-Surmast Abela Scolaro.

Jekk inħarsu lura nintebħu illi ċ-ċelebrazzjonijiet esterni ta' din il-festa marjana kienu minn dejjem marbuta mas-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* u dan jixhdu l-fatt illi fl-arkivji tas-Soċjetà nsibu xejn anqas minn erba' innijiet kbar iddedikati lill-Madonna taċ-Ċintura kif semmejna aktar 'il quddiem. Is-Soċjetà tagħna, flimkien mal-Fratellanza dejjem kienet minn ta' quddiem sabiex tkabbar il-festi ta' raħalna b'kull mod possibbli. Sfortunatament, ġie żmien lejn l-aħħar tat-tmeninijiet fejn iddakkret ċertu apatija u kawża ta' hekk, il-festa taċ-Ċintura ma baqgħetx issir. Ir-riżultat ta' dan kollu kien li lanqas il-vara ma kienet toħroġ min-niċċa, għall-ebda raġuni speċifika.



*Il-Banda L'Unione waqt l-esekuzzjoni tal-innu l-kbir tas-Surmast Joseph Abela Scolaro (seklu 20)*

Sas-sena l-oħra din il-festa baqgħet issir fil-knisja b'quddiesa kantata fil-knisja parrokkjali. Għadd ta' devoti tal-Madonna baqgħu jġibu bukketti ta' fjuri sabiex iżejnu lil din ix-xbieha qaddisa, xhieda tal-imħabba vera li l-poplu Ħalluqi għandu lejn Ommna Marija Santissima, kif wara kollox hekk għandu jkun. B'xorti tajba, l-armar fil-knisja għal din il-festa xorta waħda baqa' jintrama, grazzi għall-voluntiera tal-knisja. Fuq kollox huwa d-dmir tagħna illi nippreservaw dak kollu li ħallew ta' qabilna għax dik hi parti mill-istorja u ma jista' jħassarha ħadd.

U din is-sena, propju fit-tliet mitt anniversarju mit-twaqqif tal-Fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura, u għalkemm itul iż-żmien, ix-xbieha devota tal-Madonna se terġa' tinħareġ pellegrinaġġ għall-qima tal-fidili. Dan seta' jseħħ grazzi għar-rieda tajba ta' dawk kollha li f'qalbhom verament għandhom imħabba speċjali lejn Ommna Marija Santissima taħt it-titlu tal-Konsolazzjoni. Radd il-ħajr lil Mons. Arċisqof Charles Jude Scicluna, lill-Vigarju, lill-Wisq Rev. Kappillan Kan. Michael Zammit, lil Dun Renè Camilleri, iż-żewġ Każini tal-banda u lid-devoti kollha li emmnu f'din ix-xewqa li setgħet issir realtà. Issa ntemmet ix-xewqa ta' qalbna!

Grazzi Madonna!

**Referenzi:**

*Archivium Curia Melitensis*
*"Malta" Mercoledì 2 Settembre 1885*
*Galea, Francis. "Ħal Luqa u l-Banda tagħha L-Unjoni"*
*Soċjetà Filarmonika L-Unjoni - Pubblikazzjoni annwali tal-festa 2000*



# Joseph Abela Scolaro Surmast tal-Filarmonika *L'Unione*

## *Fl-40 Anniversarju minn Mewtu*

**Neil Zammit**

Għall-membri u l-ammiraturi tas-Soċjetà Filarmonika *L'Unione*, isem is-Surmast Joseph Abela Scolaro jfisser ħafna. L-ebda ħaġa oħra ma tista' qatt tifred lil dan il-maħbub surmast minn mas-Soċjetà tagħna, li għal erbgħa u tletin sena sħaħ mexxiha fit-triq tas-suċċessi mużikali. Is-Surmast Abela Scolaro żgur li jibqa' mfakkar l-aktar għall-imħabba u d-dedikazzjoni kbira illi huwa kellu lejn din il-banda għażiża tagħna. Isem is-Surmast Abela Scolaro se jibqa' marbut intimament mas-Soċjetà *L'Unione*, bħala l-banda illi tant ġabitlu suċċessi u li tant ħadem u stinka għaliha. Xhieda tar-rispett kbir illi kien igawdi s-Surmast Abela Scolaro hija l-aħħar tislima li ngħatatlu waqt is-servizz funebri li sar ġewwa Ħal Luqa bis-sehem tal-Banda *L'Unione* nhar it-28 t'April 1979, propju erbgħin sena ilu, fejn għadd kbir ta' soċi, ammiraturi u rappreżentanti ta' għaqdiet oħra attendew bi ħġarhom sabiex isellmu lil dan il-kbir surmast.



Is-Surmast Joseph Abela Scolaro, nisel il-mużiċisti, iben Carmelo u Margerita née Camilleri twieled il-Ħamrun fid-9 ta' Frar 1910. Sa minn ċkunitu kellu l-mużika f'demmu. Missieru Karmenu, barra li kien kurunettista prim fit-Teatru Rjal, kien surmastta' diversi baned, fosthom tal-Banda *Progresso Vincitrice* tal-Isla, fundatur tal-banda tal-Istitut ta' San Ġużepp u kien jgħallem il-mużika fil-Każin tal-Banda San Gejtanu. Zijuh Salvu wkoll kien Surmast tal-Banda San Gejtanu, u ħuh il-kbir, Luigi, kien idoqq prim flawt fit-Teatru Rjal. Dan il-ġenju ħabb il-mużika minn ċkunitu. Beda jitgħallem ma' missieru, u għalhekk ma setax ma beniex fuq sisien sodi l-ewwel tagħrif tal-arti mużikali. Fl-età tenera ta' disa' snin, tilef lil missieru u kompla l-istudju tal-*pianoforte* għand is-Surmast Lwiġi Vella, imbagħad għand il-pjanista Anġlu Abdilla. Aktar tard, huwa kompla l-istudju tal-mużika għand tnejn fost l-ikbar mużiċisti li qatt kellha Malta, Carlo Diacono u Carmelo Pace. Għand is-Surmast Diacono beda l-armonija, imbagħad kompla l-istudju fil-kuntrapunt, fl-istrumentazzjoni, storja u forma għand is-Surmast Pace. Dan l-istudju wasslu biex kiseb dawn id-diplomi minn *London College of Music*: *Associate*

(A.Mus.L.C.M.) fl-1937; *Licenciate* (L.Mus L.C.M.) fl-1945 u *Fellowship* (F.L.C.M.) fl-1950, biex b'hekk sar wieħed mill-ewwel ftit Maltin li rnexxielhom jiksbu din id-diploma.

Huwa kien beda l-kariga ta' surmast direttur mal-Banda tal-Istitut ta' San Ġużepp. Mill-1943 sal-1972 mal-banda San Gejtanu tal-Ħamrun, mill-1945 sa ma miet fl-1979, mal-Banda *L'Unione* ta' Ħal Luqa, fejn anke kien jorqod fil-każin tal-istess banda fis-sena 1945. Kien ukoll surmast tal-Banda *Maria Mater Gratiae* ta' Ħaż-Żabbar u mal-Banda *Leone* ta' Għawdex. Dawn il-baned kollha, taħt it-tmexxija għaqlija tiegħu, imxew ħafna 'l quddiem fl-arti anġelika.



Is-Surmast Abela Scolaro kien kompożitur ta' fibra qawwija, pjanista mill-aqwa, direttur kbir tal-mużika u kompożitur prolifiku ta' mużika sagra u profana. Barra d-diversi innijiet li kiteb għall-Banda *L'Unione*, fuq il-versi ta' Dun Frans Camilleri li kien ħabib kbir tiegħu u poeti oħra, bħal Dun Karm Psaila, Patri Cuschieri, Mons. Giuseppe Schembri, D.D., LL.D., latinista b'għerf kbir u ħafna oħrajn, huwa kiteb l-Innu *Vexilla Regis*, biċċa xogħol ta' kalibru kbir, b'għeluq grandjuż maħdum b'fuga u kontrapunt. Din ġiet trasmessa minn fuq ir-*Rediffusion* bil-kollaborazzjoni tal-Banda *L'Unione*, u ngħoġbot u tfaħħret mill-ġurnali. Ikkompona wkoll sitt quddisiet, responsorji u l-improperji tal-Ġimgħa l-Kbira. Sbieħ tassew huma *In Monte Oliveti*, *O vos Omnes*, *Viae in Lugeni*, it-talba *A Maria Dolente* u *Madre Pietosa*. Dawn flimkien mal-*Vexilla Regis* u l-marċ funebri Sul *Golgota* smajniehom minn fuq ir-*Redifussion* fil-31 ta' Marzu 1947, esegwiti mit-tenur Victor Cauchi, il-baritonu Joe Bezzina u s-sopran Mae Vella Saetta, kor ta' tletin tifla u l-Banda *L'Unione*, dejjem taħt id-direzzjoni ta' Abela Scolaro.

Xogħol ieħor li ħareġ mill-pinna metikoluża tal-istess kompożitur huwa r-responsorju *Tristis Est Anima Mea* u l-marċ funebri *9 ta' April 1942* li kkompona għall-Banda *L'Unione*, b'tifkira tal-martirju li għaddiet minnu Ħal Luqa f'din id-data partikolari fiż-żmien mudlam tat-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945). Din il-mużika kollha tinsab fl-arkivju tas-Soċjetà Filarmonica *L'Unione* flimkien ma' diversi marċi funebri oħra, marċi brijużi u t-tliet innijiet kbar li Scolaro kkompona għal Sant'Andrija – *Hymnus in Divum*

*Andraeam Apostolum*, lill-Madonna taċ-Ċintura u lil San Pawl – *Canata Sanct Paule*. Iżjed minn innijiet kbar, dawn nistgħu nsejħulhom bħala Oratorji Klassiċi. Il-*Cantata* f'gieħ Sant'Andrija ġiet miktuba mill-Professur Mons. Giuseppe Schembri, latinista b'għerf kbir, u mużika ta' Mro. Joseph Abela Scolaro li tant kien iżomm b'għożża kbira u li kien isejħilha l-opra tiegħu. Din il-kantata nkitbet fl-1948 u ndaqqet għall-festa tal-istess sena, komposta minn kor b'erba' vuċijiet u żewġ solisti.



Fil-festa tal-1951, il-Kumitat tal-Banda *L'Unione* kien irranġa biex din il-kantata tixxandar fuq is-sistema tar-*Redifussion* nhar Sant'Andrija f'nofsinhar minħabba li kien hemm xi biża' illi l-permessi sejrin jinżammu wkoll għall-festa ta' Sant'Andrija tal-istess sena. L-innu taċ-Ċintura huwa kitba ta' Dun Frans Camilleri u mużika ta' Mro. Joseph Abela Scolaro u l-istess nistgħu ngħidu għall-*Cantata Sancte Paule*. Mro. Joseph Abela Scolaro kien kiteb ukoll l-innu tant popolari lill-Banda L-Unjoni - *Ejjew Ħalluqin*, fejn fil-jiem tal-festa minbarra li jindaqq mill-banda jiġi wkoll kantat mill-partitarji tal-Banda *L'Unione*. Fl-arkivju tas-Soċjetà jeżisti innu marċ lil Sant'Andrija tal-istess kompożitur, li flimkien mal-mużika li tinsab hemm jagħmlu l-istess arkivju wieħed għani u fost l-ewlenin li hawn f'Malta u Għawdex.

Il-*Cantata Sancte Paule* kienet tkantat b'suċċess kbir mill-kor tal-*Malta Operatic Choral Society*, li tiegħu s-Surmast Abela Scolaro kien l-ewwel direttur u li mbagħad biddlet l-isem *f'Chorus Melitensis*. Il-mibki John Lopez kien ħareġ minn Malta l-ewwel kor Malti biex jieħu sehem fl-Esteddfod Internazzjonali ta' Wales fl-1955. Il-ġurija internazzjonali kella tifħir kbir għall-mużika delikata u sabiħa li kiteb is-Surmast Abela Scolaro għall-innu *Wasal il-Feddej* ta' Dun Frans Camilleri. Fuq il-kliem ta' Dun Frans Camilleri, is-Surmast Abela Scolaro kkompona ħafna mill-innijiet tal-parroċċi u tal-każini tal-baned, il-kantata lil San Pawl u l-innu taċ-ċentinarju *Lil San Pawl* li rebaħ l-ewwel premju fil-Konkors Nazzjonali. Ma rridux ninsew ukoll l-oratorju klassiku *Lil San Gejtanu,* kompożizzjoni tiegħu wkoll.

Huwa kiteb ukoll mużika klassika għall-versi ta' Dun Frans - *My Heart Remembers* u *Invito all'Amore* li kantaw b'delikatezza kbira kemm it-tenur Joe Zammit Harrison



kif ukoll is-sopran Miriam Gauci Tabone. Fost xogħlijiet oħra ta' min isemmi wkoll *Immorru l-Imnarja* u *Volli Sempre Volli*. Fost il-mużika profana li kiteb insemmu l-overtures *Slavonia* u *Alcestes*, tal-ewwel imfassla fuq il-ħajja u d-drawwiet fis-Slavonja u tal-aħħar mibnija fuq ġrajja tal-mitoloġija. Aktar mużika ta' din ix-xorta hija *Racconto Sinfonico* u *Reverie Tone Poem*. Insibu wkoll il-*marcia sinfonica Diana* u *Kavallieri ta' Malta*

*Tone Poem*. Xi biċċiet mużikali oħra huma *Salut* u l-*marcia militare Heroes on Parade*. Fost l-arranġamenti ta' Scolaro nsibu selezzjoni mill-*Carmen* ta' Bizet, selezzjoni mill-*Principessa Della Gzardas* ta' Kalman, *Torandot* ta' Puccini, *Peer Gynt* Suite No. 1 ta' Edward Grieg u *Solvejgs Song* Suite No. 2 ta' Grieg ukoll. Din il-mużika kollha tinsab fl-arkivju tas-Soċjetà Filarmonika *L'Union*e ta' Ħal Luqa flimkien man-numru kbir ta' mużika li diġà semmejna aktar 'il fuq. Ikkompona wkoll żewġ operetti *Cure For Colds* u *Midas*, flimkien mal-*marcia sinfonica* l-oħra *Narcissus*.

Is-surmast Abela Scolaro rebaħ premjijiet f'konkorsi mużikali mnedijin mill-kumpanija *Redifussion*, fosthom bl-operetta *Midas* li ħadet it-tieni premju u b'xi kanzunetti. Fl-1960, is-Surmast Abela Scolaro nħatar bhala *Music Organiser* fl-iskejjel tal-Gvern. Ma jistax jonqos li f'din il-ħarsa lejn il karriera hekk sabiħa u glorjuża segwita b'ħafna unuri tas-Surmast J. Abela Scolaro, wieħed ma jsemmix ukoll li s-surmast kien imfittex ħafna għal-lezzjonijiet tal-mużika. Fost dawk li tgħallmu għandu nistgħu nsemmu lis-surmastrijiet: Patri Albert Borg O.E.S.A. - *Maestro di Cappella* ta' San Ġwann, Prof. Dr Charles Zammit - is-suċċessur tiegħu fit-treġija tal-Banda *L'Unione* ta' Ħal Luqa, J.M. Barbara, F.S. Sammut, Patri Daniel Sammut O.C. li kompla jistudja barra, u oħrajn. Fost il-kantanti li huwa għallem insemmu lil Hilda Tabone, li fi żmienha kienet l-aqwa sopran ta' Malta u lin-neputija tagħha Miriam Gauci, li bħal zijitha hi mżejna b'vuċi qawwija mill-isbaħ.



Ftit ġranet wara l-Ġimgħa l-Kbira fis-27 ta' April tal-1979, is-Soċjetà *L'Unione* ġiet maħsuda bil-mewt għall-għarrieda tas-Surmast Joseph Abela Scolaro. Mro. Scolaro kien ilu direttur tal-banda 34 sena. Hawn tajjeb li nkunu nafu wkoll li l-Banda *L'Unione* kienet l-iżjed wahda li dan il-bravu surmast dam jidderieġi fl-istorja tiegħu, għax kienet banda tal-programmi. Il-katavru tiegħu nġieb Ħal Luqa mir-residenza tiegħu f'Santa Venera fejn il-Banda *L'Unione* tagħtu l-aħħar tislima qabel id-difna tieghu fiċ-ċimiterju tal-Addolorata. Għall-funeral attendew ħafna soċjetajiet u persuni distinti fil-qasam tal-mużika.

B'hekk ingħalaq il-kapitlu tal-għaxar surmast fl-istorja tas-Soċjetà *L'Unione*, li bil-mużika klassika li kiteb żgur li kompla għolla l-isem ta' din il-banda minn waħda ċelebri għal dik illustra. Biex il-memorja tas-Surmast Abela Scolaro tibqa' dejjem ħajja fis-Soċjetà li tant ħabb u għożż matul il-ħajja tiegħu, fil-festa taċ-Ċentinarju tas-Soċjetà, nhar il-Ħamis 3 ta' Lulju 1980, fit-tieni jum tat-tridu tal-festa ta' Sant'Andrija, iżżanżan bust tal-istess surmast maħdum artistikament mis-Sur Twanny Ellul ta' Ħal Luqa. Il-bust flimkien mal-arkivju b'mużika minn tiegħu ġew inawgurati mis-Sinjura Margaret Abela Scolaro (mart is-Surmast), u mbierka minn Monsinjur Innoċenz Borg B.A.,Lic.D. Ftit taż-żmien wara, is-Surmast Charles Zammit ikkompona marċ funebri bħala rikonoxximent

għal Mro. Scolaro bl-isem *Alla Memoria Di Mro Joseph Abela Scolaro*.





Ma nkunux qed nonqsu jekk ngħidu li l-mużika u l-mużikanti li ħarġu minn taħt idejh huma monument nazzjonali li ma jintemm qatt. Il-Filarmonika *L'Unione* kburija li kellha lil dan il-ġentlom bħala surmast li mexxiha għal erbgħa u tletin sena sħaħ. U biex nagħlqu dan l-omaġġ lejn is-Surmast Abela Scolaro, se nippubblikaw għall-ewwel darba testimonjanza verbali mibgħuta lili personalment f'Mejju li għadda mis-Sinjura Rosalie Freestone-Bayes, oriġinarjament mill-Ħamrun, u li ħadmet tant mill-qrib tas-Surmast Joseph Abela Scolaro lura fis-snin …

*"He was a very, very talented man, and very humble too. He was easy to work with and very understanding. He taught me a lot, he treated us all, his staff, with the greatest dignity and respect. Some days when we were together in the office, even in our break, he would go quiet and start to write down a few notes, and within minutes, he would have written a new tune for a song or possibly a hymn. It came so natural to him.*

*We visited all the schools in Malta and Gozo, and I worked with him for ten years. Our work was to teach music appreciation and singing in schools. I eventually did mostly the Rediffusion broadcasts along with some other of the music teachers. When he started the job as Music Organiser, he had a staff of two men, Maestro Camilleri KOMR and Mr. Mangion, a MUSEUM chap from Siggiewi. Then, Miss Bianco and I started as the new add ones. After that, Maestro Vella, Miss Galea, Miss Busuttil and Miss Grech joined in.*

*My parents knew him too as we were all from Hamrun. At times when we worked in Valletta schools he would take me to their home in Old Mint Street and his lovely wife always welcomed me with tea or coffee, and there I met his two children when they were quite small …"*






**Referenzi:**

Frans Galea, *Ħal Luqa u l-Banda Tagħha L-Unjoni,* 2005.
Soċ. Fil. L'Unione, *Programm tal-Festa ta' Sant'Andrija,* 1999.



# It-Tempju Andrean ikompli jissebbaħ

**Neil Zammit**

Dak li għexna flimkien matul dawn l-aħħar xhur żgur li kien bħal ħolma li kienet ilha mixtieqa, iżda għal xi raġuni jew oħra, qatt ma kien hemm min verament isus warajha sabiex isseħħ u timmaterjalizza ruħha. Bħalma l-bniedem ikollu l-ħolm personali tiegħu u jkun irid iwettaq dak li l-ġewwieni tiegħu ikun mixtieq għalih, hekk ukoll dawk li verament iħobbu l-knisja u jixtiequ jarawha aħjar dejjem ħolmu li din tista' tkun isbaħ minn kif konna nafuha sa ftit tax-xhur ilu.

Parentesi żgħira, qiegħed ngħid hekk għax l-istorja turina bil-fatti illi tul iż-żminijiet, il-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa sofriet u għaddiet minn għadd ta' esperjenzi, b'uħud minnhom irreparabbli, kemm minħabba l-gwerra l-kbira kif ukoll minħabba l-fatt illi kien hemm min kien moħħu aktar x'se jiggwadanja minnha milli x'se jagħtiha. Dan kollu wassal sabiex waqt li rħula oħra kienu qed iżejnu l-imqades tagħhom bl-isbaħ opri ta' artisti kontemporanji, il-Ħalluqin kienu għadhom qed isibu saqajhom wara l-bini mill-ġdid ta' dan it-tempju kbir iddedikat lil Sant'Andrija. Għax minkejja kollox, il-poplu dejjem ħabb lil Sant'Andrija u għamel ħiltu kollha sabiex jerġa' jibnilu l-isbaħ tempju għall-ġieħ u l-glorja t'Alla l-imbierek.



Kif semmejt fl-introduzzjoni, dawn l-aħħar xhur kienu xhur ta' żvilupp u bidla sħiħa f'dak li jirrigwardja l-opri artistiċi tal-parroċċa. Qiegħed nirreferi għal tliet proġetti kbar illi kienu ilhom mixtieqa u llum saru realtà, grazzi għall-benefatturi qalbiena u għall-










hidma volontarja ta' diversi persuni li taw ħafna mill-ħin tagħhom sabiex dan kollu seta' jseħħ. Personalment għandi ħafna u ħafna esperjenzi x'nikteb u nirrakkonta, iżda nħoss li għadu mhux il-waqt li nagħmel dan pubblikament. Għalhekk se nuża din il-kitba bħala eloġju għal dak li għexna flimkien, għax tassew għexna żmien sabiħ li kompla għaqqad lill-parroċċa bħala familja waħda.

Bħal daż-żmien sena konna qed nistennew bil-ħerqa l-linef il-ġodda li kellhom iżejnu ż-żewġ kappelluni tal-knisja parrokkjali. Min qatt kellu jgħidli li xi darba din il-ħolma kellha ssir verament realtà. Grazzi għall-benefattriċi, dawn iż-żewġ linef kbar tal-kristall ġew ordnati minn barra u waslu eżatt fil-ħin sabiex kienu lesti armati għall-festa tas-sena l-oħra. Ġmielhom ma tistax tiddeskrivih. Id-disinn tagħhom jikkumplimenta tajjeb mal-linef li diġà kellna fil-korsija, iżda saru xi modifikazzjonijiet sabiex ikunu aktar adattati. Tant hu hekk illi taw dehra sinjorili lill-knisja armata bl-isbaħ armar għall-jiem tal-festa. Ħafna nies ġew sabiex jaraw is-sbuħija tagħhom, għax tassew paxxew l-għajnejn ta' kull min rahom. Dawn iż-żewġ linef ġew imbierka mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Pawl Cremona O.P., Arċisqof Emeritu, fejn dakinhar stess huwa rregala lill-istess parroċċa l-mitra bl-istemma ta' Sant'Andrija li s-Soċjetà *L'Unione* kienet tagħtu b'rigal lura fl-2007 bħala sinjal ta' ħbiberija u rispett bejn il-familja Cremona u s-Soċjetà tagħna. Tassew kienu mumenti sbieħ li għexna flimkien. Sfortunatament, inqalgħu xi ntoppi f'dak li jirrigwardja l-materjal tal-istess linef, fejn ġie nnutat illi l-kwalità ta' ċertu ħġieġ ma kienx kif mixtieq. Għalhekk ittieħdet id-deċiżjoni għaqlija li dawn jerġgħu jiżżarmaw bil-galbu wara li għaddiet il-festa sabiex il-materjal difettuż jinbidel u b'hekk ikun żgurat illi l-linef ikunu tal-iprem kwalità kif jixraq lill-knisja tagħna. Fiduċjużi li ma ndumux ma narawhom lesti mill-ġdid fil-glorja kollha tagħhom.

Waqt li kien għaddej dan kollu, il-proġett tal-kor baqa' għaddej b'ritmu mgħaġġel. Kemm konna ilna ngħidu li l-proġett miexi, u n-nies jistaqsu imma fiex wasal? Min ma kienx jara b'għajnejh kellu mitt elf raġun jistaqsi u forsi anke jiddubita minn dan kollu. Iżda min bħali kien involut f'dan il-proġett sa mill-konċepiment tiegħu f'Settembru tal-2010, kien qed jara b'għajnejh u jmiss b'idejh dak kollu li kien qed isir sabiex is-saqaf tal-kor jieħu d-dehra li jixraqlu. Illum nistqarr li t-triq ma kinitx faċli. Kienu jiġu mumenti fuqi l-ewwel wieħed li kont naqta' qalbi li xi darba naslu, għax għal ġimgħat sħaħ dan il-proġett kien waqaf u ħadd aktar ma kien lest jgħaddi minn dan l-intrigu


















kollu. Kien żmien iebes. Iżda llum ngħid grazzi lil Alla l-imbierek li fil-providenza Tiegħu ippermetta li l-parroċċa jkollha żewġ kappillani twajba li dejjem emmnu f'dan il-proġett, minkejja d-diffukaltijiet kollha. Minn hawn insellem lil Dun Karm Camilleri, illum Monsinjur, u lil Dun Gordon Refalo, għax li kieku ma kinux huma, kieku llum għadna qed naraw iż-żebgħa tfarfar mis-saqaf tal-kor, kif kien hemm min, minn fost il-parruċċani midħla tas-sagristija, xtaq li jibqa' hekk!

Imxejna ġurnata b'ġurnata, ħdimna bil-għaqal, ħadna l-pariri u llum qed ingawdu din l-opra tal-arti mill-isbaħ li kompliet sebbħet lit-Tempju Andrean. Irrid nifraħ u nirringrazzja lill-ħbieb personali u artisti Pawlu Camilleri Cauchi, Joseph Micallef u John Pace li kollettivament tawna dan il-ġmiel artistiku li jinżel tajjeb mal-estetika tal-knisja. Nista' ngħid illi l-esperjenza personali ma' dawn l-artisti għallmitni ħafna u llum ninsab grat li kelli x-xorti li nkun magħhom f'dawn il-mumenti sbieħ. Min jaf kemm tkellimna u ddiskutejna flimkien sabiex wasalna s'hawn. Żgur illi ma jiddispjaċinix ta' dan kollu. Anzi nrodd ħajr lil Alla l-imbierek talli tani dawn l-esperjenzi sbieħ li għext flimkien ma' sħabi kollha li konna nħufu fil-kurituri tal-knisja ta' kuljum u li kellna l-istess twemmin. Lil dawn kollha ngħidilhom grazzi minn qalbi għax lilhom dejjem sibt meta kont għoddni qtajt qalbi. Irrid ukoll nifraħ u nirringrazzja lill-Kappillan preżenti Kan. Michael Zammit li kellu l-privileġġ singulari li jiffinalizza u jinawgura dan il-proġett maestuż, lil Dun Renè Camilleri u l-kleru kollu tal-parroċċa tas-sostenn tagħhom, lill-benefatturi u lil dawk kollha li offrew l-armar kollu biex dan ix-xogħol seta' jsir bl-inqas spejjeż possibbli.

Issa fejn se nkomplu? Rajna l-armar tat-travi li diġà telgħu fil-korsija, sinjal tajjeb. Iżda dan mhux biżżejjed. Kull min huwa ta' rieda tajba jaf illi l-knisja jixirqilha l-aħjar, u dan jista' jsir biss bil-għajnuna u l-ġenerożità tal-poplu. Għalhekk nagħmel appell lil dawk kollha li jistgħu sabiex jagħtu s-sehem tagħhom biex jekk Alla jrid, fi żmien qasir naraw is-saqaf tal-korsija mpitter ukoll. Il-ħsibijiet u l-pjanijiet huma lesti … jonqos biss li jiġu attwati. Kuraġġ ħalli naslu!



Wasalt kważi fit-tmiem ta' dawn il-kelmtejn u ħallejt lill-Irxoxt apposta għall-aħħar. Żgur mhux għax ħaqqu l-aħħar post, iżda għax kien hu li l-aktar li ġab ferħ, paċi u entużjażmu fost il-poplu Ħalluqi. Din ix-xbieha mill-aktar imponenti ta' Kristu rebbieħ fuq il-mewt nistgħu ngħidu li tejbet iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Għid il-Kbir, li qabel kienu jsiru b'inqas pompa. Lil hinn mis-sbuħija tal-istatwa, din ix-xbieha ġabet magħha sens ta' ferħ u għaqda fost il-familji u llum saret parti ċentrali mill-wirt kulturali ta' Ħal Luqa. Din l-opra mnaqqxa fl-injam mill-ħbieb artisti Michael u Adonai Camilleri Cauchi fl-2018 hija tassew punt ta' riferiment għall-arti ta' żminijietna. Fiha l-artisti għarfu tajjeb is-suġġett, ħarġu l-qawwa kollha tagħhom u xejnu kull dubju li seta' kien hemm li l-artist Malti mhux kapaċi joħloq arti sagra ta' livell għoli. Ħaqqhom kull tifħir.

L-istess bħall-pittura u d-dekorazzjoni tas-saqaf, kelli x-xorti nara din il-ħolma titwieled mix-xejn fi żmien il-Kappillan Dun Gordon Refalo f'April 2015. Kien hu li mexxa 'l quddiem dan il-ħsieb umli tagħna lill-awtoritajiet, u bil-għajnuna ta' Dun Renè Camilleri u aktar tard tal-Kan. Michael Zammit, wasalna fejn xtaqna. Minn ftit ħsieb u skambju ta' ideat, għal ftit tafal u wara għall-injam u issa mlibbes libsa dehbiena kif jixraq lil din ix-xbieha kapulavur ta' Kristu Rxoxt. U la semmejna d-deheb irrid nifraħ minn qalbi lill-ħbieb tiegħi l-induratur Publio Magro, mgħejjun mill-alliev tiegħu Carmel Cassar, li tawna biċċa xogħol impekkabbli. Il-proċess kien wieħed metikoluż u li kien jirrikjedi ħafna preċiżjoni u paċenzja. Iżda żgur li r-riżultat miksub kien fuq fomm kulħadd hekk kif nhar Ħadd il-Għid filgħodu x-xbieha ta' Kristu Rxoxt feġġet fil-bieb il-kbir tal-knisja. Ma nistax ma nsemmix ukoll il-ġmiel ta' karnaġġjon li pittru l-artisti bravi Michael u Adonai Camilleri Cauchi. Dak il-ġmiel ta' wiċċ illi l-ebda kelma jew aġġettiv ma jista' jiddeskrivi. Tassew kapulavur fil-vera sens tal-kelma. Radd il-ħajr lill-benefatturi kollha li bis-saħħa tagħhom qed ingawdu din l-opra tant għażiża. Inħeġġeġ sabiex aktar benefatturi jersqu 'l quddiem u jikkontribwixxu sabiex dan il-proġett jitlesta wkoll ħalli tabilħaqq ikollna waħda mill-isbaħ xbihat ta' Kristu Rxoxt f'pajjiżna. U dan mhux qed ngħidu jien biss … imma qed jghiduh il-ħafna!

Nagħlaq dawn il-kelmtejn tiegħi b'messaġġ pożittiv; ejjew inkomplu nagħtu lill-knisja parrokkjali dak li verament jixirqilha – libsa sabiħa u eleganti. Fuq kollox ejjew nibqgħu nħarsu l-patrimonju kulturali-reliġjuż u artistiku ta' pajjiżna għax dan huwa parti intrinsika mill-identità tagħna. Jekk xi darba naslu biex nitilfu dan kollu, inkunu tlifna r-ruħ ġewwiena tagħna li lilna tagħtina l-eżistenza tagħna. Wasslu dan il-messaġġ lil ta' madwarkom u tassew ikollna soċjetà responsabbli aktar minn qatt qabel.



Ħajr lil dawk kollha li ħolmu u emmnu f'dawn l-istess ħsibijiet u kienu hemm parti mill-istorja! Tassew għexna flimkien l-isbaħ żmien tal-parroċċa!



























kullħadd 11/05/20
ŻEWĠ UNURI PIROTEKNIĊI F'ĦAL LUQA
INTERVISTA MA' DILETTANTI MILL-KAMRA TAN-NAR SANT'AN
TAL-BANDA UNJONI TA' ĦAL LUQA D'WAR IŻ-ŻEWĠ UNURI MI
FIL-FESTIVALS TAN-NAR TAL-AJRU U TA
'Double' għall-kamra tan-nar Sant'Andrija ta' Ħal Luqa
ŻEWĠ UNURI PIROTEKNIĊI F'ĦAL LUQA









# Memorji Sbieħ ta' ħames snin ilu…

**Damian Psaila**

Is-sena 2014 se tibqa' stampata fil-moħħ ta' kull partitarju tal-Banda L-Unjoni, u tibqa' magħrufa bħala s-sena li fiha s-*Saint Andrew's Fireworks Factory* ġiet inkurunata rebbieħa assoluta kemm fil-festival tan-nar tal-art mekkanizzat u anke fil-festival tan-nar tal-ajru.

Wara li fl-2007 l-istess kamra tan-nar rebħet l-ewwel edizzjoni tal-festival tan-nar tal-art mekkanizzat, il-pass naturali għal din l-għaqda kien li nieħdu sehem anke fil-festival tan-nar tal-ajru. Però dan ma kienx biżżejjed u għalhekk b'ħeġġa kbira ġie deċiż li s-*Saint Andrew's Fireworks Factory* tipparteċipa wkoll fil-festival tan-nar tal-art mekkanizzat.

Kif għaddiet il-festa tal-2013, flimkien fassalna l-programm tan-nar li kellu jinħaraq fiż-żewġ festivals. Għalhekk kull membru għamel l-almu kollu tiegħu sabiex ix-xogħol pirotekniku jkun ta' unur kif mistħoqq lis-Soċjetà tagħna. Il-preparamenti għall-festival tan-nar tal-ajru laħqu l-qofol tagħhom fis-26 ta' April 2014, iżda minħabba riħ qawwi, il-festival kellu jiġi pospost għall-għada. Wara li nħaraq ix-xogħol tan-nar, konna ferm kuntenti bil-wirja sabiħa li offrejna lill-udjenza li mliet ix-xatt ta' Buġibba. L-entużjażmu fina kompla jikber meta fost il-kummenti tal-udjenza tisma' "Prosit x'ħarqa oriġinali dik!" X'Sodisfazzjon ħassejna meta l-ġurija ħabbret l-isem tas-*Saint Andrew's Fireworks Factory* bħala l-kamra tan-nar rebbieħa! Żgur li jibqa' mument indimentikabbli.

Hekk kif għaddew iċ-ċelebrazzjonijiet spontanji, erġajna middejna għonqna għax-xogħol sabiex jitkomplew l-aħħar preparamenti għall-festival tan-nar tal-art mekkanizzat. Dan il-festival inżamm fit-3 ta' Mejju 2014 fuq il-fosos tal-Furjana. B'wirja oħra spettakolari, paxxejna l-udjenza bil-funtani tal-kulur u l-effetti li ħloqna. L-għada l-Ħadd 4 ta' Mejju l-istennija għat-tħabbira tar-riżultat kienet kbira. Hekk kif tħabbar ir-riżultat malajr xterdet il-kelma li ta' Ħal Luqa għamlu d-*double* u rebħu anke il-festival tan-nar tal-art mekkanizzat.

Sabiex jiġi ċċelebrat dan ir-riżultat hekk sabiħ u uniku fl-istorja, inżamm marċ fis-16 ta' Mejju mat-toroq ta' Ħal Luqa, bis-sehem tal-Banda L-Unjoni u għadd ta' partitarji. Iċ-ċelebrazzjonijiet laħqu l-qofol tagħhom meta s-*Saint Andrew's Fireworks Factory* ġiet ippremjata b'Rekord Nazzjonali fejn din l-għaqda hija l-unika għaqda tan-nar li rebħet żewġ unuri pirotekniċi f'inqas minn sitt ijiem!

Għalhekk aħna kburin tassew b'dan il-każin … u kburin ukoll bl-Għaqda tan-Nar tagħna li tagħmel ġieħ u unur lil Ħal Luqa.

Viva Sant'Andrija!

Viva l-Għaqda tan-Nar li ġġib isem il-Patrun - *Saint Andrew Fireworks Factory*!



# Is-Soċjetà *L'Unione* wara t-Tieni Gwerra Dinjija

*75 sena ilu …*

**Frans Galea**

Fil-ġurnal *Il-Berqa* tal-21 ta' Diċembru 1943 dehret il-lista tal-każini li fihom kellha tiġi esebita x-xabla prestiġjuża mogħtija lil Field Marshal Viscount John Standish Gort. Din inżammet għall-wiri fil-Librerija Pubblika tal-Belt Valletta u wara bdiet tittieħed fil-każini tal-banda rispettivi biex minn hemm titgawda u tiġi apprezzata mill-pubbliku. Fil-fatt, ix-xabla kienet esebita fil-każin tal-Banda *L'Unione* f'Jannar tal-1944. Din l-għotja saret fuq inizjattiva tal-President u s-Segretarju tal-Każin Banda San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ, megħjuna mill-President Onorarju tagħhom il-Prof. Philip Farrugia. Il-flus għal din l-għotja nġabru mill-każini kollha tal-baned kif ukoll mingħand xi każini soċjali. Il-preżentazzjoni tax-Xabla lil Lord Gort għall-ħidma tiegħu b'risq il-poplu Malti u Għawdxi saret fil-pjazza ta' Ħaż-Żebbuġ nhar il-Ħadd 12 ta' Marzu 1944. Rappreżentanti mill-każini tal-baned flimkien ma' għadd ta' persuni distinti, fosthom l-Arċisqof Mikiel Gonzi attendew għal dan l-avveniment.



***Lord Gort f'Malta***

Il-Ħadd l-1 ta' Ottubru 1944 saret l-ewwel quddiesa solenni ta' Dun Gwann Agius li kien joqgħod fi Triq ir-Rixtellu. M'għandna l-ebda tagħrif dwar jekk daqqitx xi banda, iżda invit li ġie f'idejna juri li l-kumitat u l-membri tal-Banda *L'Unione* kienu mistiedna għaċ-ċerimonja u li jattendu d-dar tiegħu fit-tlett ijiem ta' wara.

Avviż dwar tombla li kellha ssir nhar il-Ħadd 3 ta' Diċembru 1944 u li deher fil-ġurnal *Il-Berqa* ta' jumejn qabel kien jgħid ukoll li waqt din l-attività fil-Misraħ tal-Knisja kienet se tieħu sehem il-*Union Jazz Band* tal-każin. Il-*Jazz Band* ġiet imwaqqfa mill-assistent direttur u segretarju tal-kumitat, is-

Sur Egidio (Gigi) Zammit bl-iskop li ddoqq mużika varjata għal ċerti okkażjonijiet bħal fieri u tombli, u hekk ma jkollhomx għalfejn jaqilgħu l-banda kollha. Is-Surmast Zammit ħarreġ bosta allievi u kien klarinettista prim, idoqq l-*accordion* mal-*Jazz Band* iżda kapaċi wkoll fuq il-kitarra, il-pjanu u s-settijiet kollha tas-*saxophones*. Billi kien assistent fi żmien is-Surmast Charles Xuereb, jidher li l-Banda *L'Unione* mxiet ħafna 'l quddiem u kompliet iżżid mal-fama li kellha, bil-ħila ta' dawn iż-żewġ surmastrijiet intelliġenti u ħawtiela.



**Mro Charles Xuereb**

Maestro Charles Xuereb, iben Enrico u Tonina mwielda Abela, twieled il-Furjana nhar it-18 ta' April 1900. B'missieru solista bil-kurunetta mal-Banda *King's Own* tal-Belt Valletta, kien pass naturali li Charles jixħet l-ewwel passi tiegħu fl-istess direzzjoni. Ta' tlettax-il sena ngaġġa mal-K.O.M.R. u fl-ewwel gwerra dinjija daqq mal-banda tal-Militia biex iferraħ is-suldati midruba. Fl-1922 daħal bhala mużiċista u għalliem tal-mużika mal-flotta navali Ingliża, u għal bosta snin baħħar fuq bosta bastimenti madwar l-Awstralja u New Zealand.

F'dawk is-snin fejn kienet drawwa li jdoqqu l-*massed bands*, Charles kien jinħatar bħala surmast. F'din il-karriera s-Surmast Xuereb laħaq l-ogħla quċċata sa ma rtira fl-1931. F'Novembru 1931 ġie ffurmat il-battaljun tat-*Territorials* tal-K.O.M.R. u s-Surmast Xuereb intgħażel biex imexxi l-bandisti u dam iwettaq dan ix-xogħol sa tmiem it-tieni gwerra dinjija. Billi fi żmien ta' paċi t-*territorials* ikunu mpenjati biss għal



xi ġimagħtejn fis-sena, Charles Xuereb kien jaħdem bħala skrivan mal-*Milk Marketing Undertaking* (M.M.U.). Is-Surmast Xuereb kellu mpenji oħrajn fil-qasam mużikali fosthom ma' diversi baned lokali, knejjes u saħansitra bejn l-1935 u l-1938 kien solista mat-Teatru Rjal. Kien f'dan l-istess perjodu li daħal bħala direttur mużikali tal-Banda *L'Unione* ta' Ħal Luqa. L-għażla ta' dan is-surmast saret fuq rakkomandazzjoni ta' sitt bandisti Ħalluqin li kienu jdoqqu wkoll mal-banda tal-K.O.M.R., u għalhekk kienu midħla tal-ħiliet tas-Surmast Xuereb.

Billi fis-snin tal-gwerra l-banda ftit li xejn daqqet fil-pubbliku, is-servizz memorabbli mogħti mill-Banda *L'Unione* fiż-żjara storika tar-Re Ġorġ VI nhar it-Tnejn 21 ta' Ġunju 1943 baqa' mfaħħar. Dakinhar, taħt it-tmexxija tas-Surmast Xuereb, il-Banda daqqet il-*God Save the King* f'tarf ir-raħal ta' Ħal Luqa. Tul is-snin, is-Surmast Xuereb ingħata unuri prestiġjuzi l-aktar għat-tmexxija ta' programmi mużikali fiċ-ċerimonji u ċelebrazzjonijiet uffiċjali, fosthom mingħand il-Ġeneral Schreiber. Mgħobbi b'bosta xogħol u mpenji, is-Surmast Xuereb kellu jħalli l-Banda *L'Unione* wara tmiem il-gwerra fl-1945, iżda sa dak iż-żmien kien ikkompona xi marċi militari għas-Soċjetà Filarmonika *L'Unione*, u magħhom ukoll introduċa l-mużika Ingliża li ndaqqet b'suċċess fil-pubbliku. Dik il-ħabta il-banda kellha lis-Sur Giuseppe Portelli bħala assistent li kien jitħallas żewġ liri fix-xahar u ħadem qatigħ biex rawwem bosta allievi.



Għal ftit snin, is-Surmast Xuereb ħa ħsieb il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, kif ukoll *jazz band* fil-*Vernon Club* il-belt Valletta.v Fis-sena 1957 is-Surmast Xuereb emigra lejn l-Awstralja ma' martu u l-erba' uliedu u kien jaħdem mal-kumpanija tat-telefon P.M.G. Iżda b'daqshekk ma kienx ifisser li tbiegħed mill-mużika anzi kellu bosta suċċessi fosthom fl-1962, meta mexxa orkestra kbira li akkumpanjat kumpanija Russa tal-*ballet*. Is-Surmast Xuereb miet nhar il-Ġimgħa 28 ta' April 1989 u ġie midfun fil-*Catholic Garden Cemetery* ta' Kemps Creek fi New South Wales l-Awstralja.

Fis-seduta tal-kumitat li saret nhar it-23 ta' Ottubru 1944 ġew magħżula s-Sur John Schembri ta' 27 Triq San Pawl u Andrew Farrugia ta' 118 Triq San Ġużepp sabiex jattendu

għall-Assemblea Nazzjonali. Hekk insibu fiż-żamma tal-kontijiet tal-kaxxier, li fis-27 ta' Mejju 1946, is-Socjeta *L'Unione* ikkontribwiet żewġ liri għall-fondi tal-Assemblea Nazzjonali.



Għas-sena 1944 insibu li l-Banda *L'Unione* kellha diversi avvenimenti ewlenin. Taw sehemhom waqt il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'April u f'Mejju żaru l-Gudja għall-festa tal-Madonna tal-Warda. F'Awwissu *L'Unione* kellha żewġ programmi oħra fil-Gudja għall-festa tal-Assunta. Marret iddoqq nhar id-9 ta' Awwissu lejlet il-festa ta' San Lawrenz. Dakinhar filgħaxija, flimkien mal-Banda Beland taż-Żejtun, daqqet marċi brijużi fit-toroq ewlenin u programm mużikali fil-pjazza. Ħarġa oħra kienet għall-festa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar. Dakinhar il-Banda *L'Unione* kellha 52 bandist Ħalluqi u l-entużjażmu tagħhom kien apprezzat ħafna mill-pubbliku preżenti.

Wara li tat is-sehem annwali tagħha fil-festa tal-Madonna taċ-Ċintura fir-raħal stess, kien imiss li tferraħ lill-Ħalluqin nhar id-9 ta' Diċembru 1944, lejlet il-festa ta' Sant'Andrija permezz ta' marċi brijużi fit-toroq u programm mużikali fil-misraħ. Fil-jum tas-Sibt, il-Banda *L'Unione* daqqet dan il-programm:

| | | |
|---|---|---|
| Terzetto Finale | La Gioconda | Ponchielli |
| Fantasia | I Vespri Siciliani | Verdi |
| Intermezzo | L'Amico Fritz | Masacagni |
| Sinfonija | William Tell | Rossini |

Filwaqt li l-attività tat-tombla kompliet issir fil-każin jew fil-misraħ, dejjem b'risq il-każin, ġieli kienet issir xi fiera, u f'okkażjoni minnhom jissemma wkoll l-Arblu ta' Mejju. Minbarra li kienet tieħu sehem il-*Jazz Band* tal-Unjoni, spiss kienet tiġi mistiedna xi banda oħra, speċjalment dik tal-Gudja. Żdied servizz ieħor, dak tal-eżerċizzi spiritwali qabel il-Ġimgħa Mqaddsa ta' kull sena, li fl-istess waqt ġab ċertu inkwiet għas-soċjetà. Ġara li s-soċjetà kienet tħobb tagħżel patri Kapuċċin Franġiskan għal dawn l-eżerċizzi u l-qrar, iżda l-kappillan ta' Ħal Luqa ħass li din kienet l-għażla tiegħu. L-agħar sitwazzjoni kienet fl-1947 meta l-eżerċizzi lanqas kienu se jsiru. Aktar tard fl-1950 l-għażla tal-predikaturi tant urtat liż-żewġ każini li laqqgħu l-kumitati flimkien u bagħtu ittra lill-Arċisqof Mikiel Gonzi dwar l-indħil żejjed u nuqqas ta' konsultazzjoni mill-kappillan. Huma għarrfuh li għal dik is-sena l-ebda każin ma kien se jipprovdi s-servizz tal-eżerċizzi spiritwali.



# Is-Surmast Gaetano Grech

**Jessica Ellul**

Is-Surmast Gaetano Grech twieled l-Isla nhar id-19 ta' Settembru 1855 u miet fl-1938. Il-ġenituri tiegħu kienu Angelo u Tereża kunjomha xebba Fiammingo. Huwa kellu lil ħuh arċipriet tal-Birgu u dam bejn is-snin 1897 – 1926. L-ewwel tagħlim li Gaetano ħa fil-mużika kien mingħand zijuh Mons. Giorgio Fiammingo fejn tgħallem il-klarinett u l-vjolin. Eventwalment insibu li wkoll kien kiteb xogħlijiet għall-dawn l-istrumenti partikolari. B'uħud mix-xogħlijiet jinstabu fid-diversi soċjetajiet li fihom kien Surmast Direttur, fosthom Ħal Luqa. Gradwalment Geatano Grech kompla javvanza fil-mużika u studja F. Mallia Cassar, G. Bellizzi, P. Vassallo and G. Fiamingo. Fil-ħajja privata tiegħu huwa żżewweġ lil Ġuditta Vella li twieldet fl-1852, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann il-Belt Valletta li wkoll ħalliet din id-dinja fl-istess sena li ħalla din id-dinja hu. Huwa baqa' jgħix fil-Belt għall-bosta snin fejn rabba familja bl-akbar għożża u fil-biża' ta' Alla.



Baned Maltin li tagħhom kien Surmast:

- Banda *La Valette* tal-Belt (1888-1889)
- Banda *Prince of Wales Own* tal-Birgu (1890-1892)
- Banda *Queen's Own* tal-Isla (1905-1912)
- Banda *San Ġorġ* ta' Bormla (1887-1889)
- Banda *Duke of Edinburgh* tal-Birgu (1889-1905, 1909-1910)
- Banda *L'Unione* ta' Ħal Luqa (1891-1904)
- Banda Sant'Andrija ta' Ħal Luqa (1889-1890)
- Banda *L'Isle Adam* tar-Rabat, Malta (1894-1911,1913-1921)
- Banda *La Stella* tar-Rabat, Għawdex (1902-1905)

Għal xi żmien mexxa l-Banda tar-Reġiment Skoċċiż stazzjonat f'Verdala, Bormla. Huwa kiteb mużika ta' natura profana kif ukoll sagra. Fl-1902 waqt iż-żjara statali li r-Re Dwardu VII għamel f'Malta, Mro. Grech mexxa banda ta' 600 ruħ li daqqet għal dik l-okkażjoni. Kienet esperjenza memorabbli għall-fatt li r-Re nnifsu ikkomplimentah.

Suċċessi oħra huma l-Innu All'Immortale Pio IX u l-overture La Figlia del Re Peppino li kien indaqq waqt il-Colonial Exhibition ġewwa Londra. Id-Duke of Edinburgh għoġbu jonora lis-Surmast Grech mhux biss billi aċċetta biċċa xogħol tiegħu,Pensiero Melanconico', iżda wara li semgħu jdoqq il-vjolin ried iżommu miegħu bħala Direttur tal-Orkestra u wiegħdu li jdaħħlu wkoll fl-Orkestra ta' Sandringham Palace magħmula mill-aqwa Mużiċisti tal-Imperu. Kienet opportunità tad-deheb għalih biex jikseb fama internazzjonali imma r-rabta kbira li kellu ma' familtu wasset lis-Surmast Grech jiċħad l-aqwa okkażjoni ta' ħajtu.







Is-Surmast Gaetano Grech, magħruf bħala 'ta' Palazzi' kiteb diversi kompozizzjonijiet ghall-Filarmonika *L'Unione* ta' Hal Luqa. Fost l-ohrajn insibu l-*Inno di Gloria a Sant'Andrea Apostolo*, L-*Inno Marcia a Sant'Andrea*, ghadd ta' marci brijuzi, muzika sinfonika, muzika *da camera* u responsorji tal-Gimgha Mqaddsa.

Mro Gaetano Grech kien onorat mis-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ f'Malta u fi Sqallija mir-Real Circolo Bellini ta' Catania meta ħatritu Membru Akkademiku tagħha u ddekoratu b'midalja tal-fidda. Waqt li kien għadu qiegħed jikkomponi l-opra Le prime crociate, wara li kien spiċċa l-ewwel att tagħha, Mro. Grech ħalla din id-dinja. Huwa jinstab midfun fiċ-ċimiterju tal-Addolorata ġewwa Raħal Ġdid.

**Referenzi**

Soċ. Fil. L'Unione (Arkivji)



# L-Ewwel Kappillani tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa

**Mario Fenech**

Ser inkompli fejn ħallejt bl-artiklu tiegħi tas-sena l-oħra fejn tajt ħarsa mill-qrib lejn l-ewwel kappillani li mexxew il-Parroċċa ta' Ħal Luqa waqt l-ewwel snin tat-twaqqif tagħha. L-aħħar kappillan li ktibt dwaru kien Dun Mario Michele Mifsud li dam imexxi lill-parroċċa ta' Ħal Luqa sa Diċembru tas-sena 1724.

It-tmien kappillan kien Dun Antonio Casha minn Ħal Qormi. Ġie maħtur kappillan b'digriet mill-Isqof Mons. Alpheran de Bussan. Beda l-ħidma pastorali fir-raħal f'Novembru tas-sena 1737 u dam kappillan sa Novembru tas-sena 1759.

Id-disa' kappillan ta' Ħal Luqa kien Dun Michele Masta. Kien minn Ħal Luqa u nħatar kappillan mill-Isqof Mons. Bartolomeo Rull. Ħa l-pussess tiegħu f'Settembru tas-sena 1760. Miet fl-10 ta' Diċembru 1725 fl-età ta' 78 sena. Kien l-ewwel kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Luqa li beda juża r-rukkett u l-muzzetta.



*Gandlieri tat-Tubru*

L-għaxar kappillan tal-poplu tar-raħal ta' Ħal Luqa kien Dun Tommaso Scicluna mir-raħal ta' Ħal Għaxaq. Kien duttur tas-Sagra Teoloġija. Inħatar kappillan mill-Isqof Vincenzo Labini. Ħa l-pussess tal-parroċċa fi Frar tas-sena 1796. Fis-sena 1801 inħatar kappillan tal-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ.

Il-ħdax-il kappillan tal-parroċċa ta' Sant'Andrija ta' Ħal Luqa kien Dun Vincenzo Buhagiar li kien maħtur mill-Isqof Vincenzo Labini. Ma tantx dam fil-kariga għaliex mezza l-parroċċa mix-xahar ta' Frar tas-sena 1802 sa Lulju tas-sena 1803.

Il-kappillan ta' warajh kien Dun Ġużeppi Sultana miż-Żurrieq, maħtur ukoll mill-Isqof Vincenzo Labini. Ħa l-pussess tal-parroċċa f'Awwissu tas-sena 1803. Kien diġà



***Sopraporta Antika***



***Gandlieri tal-injam***

serva ta' Vigarju Kurat tal-parroċċa ta' Ħal Luqa. Miet nhar l-4 ta' Novembru 1847. Dan il-kappillan Sultana, matul is-snin twal li mexxa lill-parroċċa, dejjem wera lill-poplu kollu tar-raħal kemm kien ġentili fil-mod li bih ħadem.

It-tlettax-il kappillan tal-parroċċa kien Dun Francesco Buttigieg. Kien mir-raħal tal-Qala f'Għawdex. Kien il-kappillan tal-parroċċa ta' Ħad-Dingli fis-sena 1847 meta l-Isqof Mons. Caruana ħatru kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Luqa. Iċ-ċerimonja tal-pussess tiegħu saret nhar id-9 ta' Lulju 1848. Ma nafux għaliex dan il-kappillan dam imexxi l-parroċċa ta' Ħal Luqa għal ftit taż-żmien biss għaliex f'Jannar tas-sena 1849 ġie maħtur kappillan tal-parroċċa tax-Xagħra f'Għawdex.

Dawn il-kappillani li mexxew il-parroċċa ta' Ħal Luqa matul l-ewwel snin tat-twaqqif tagħha, ħadmu bla waqfien biex jieħdu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali tal-poplu tar-raħal.

Ħadmu wkoll biex għanew il-knisja b'opri sagri sbieħ fi żmien meta l-poplu kien jgħix fil-faqar. Għaldaqstant dawn l-opri saru b'sagrifiċċji kbar u fuq kollox b'imħabba kbira li minn dejjem kellhom in-nies tar-raħal ta' Ħal Luqa lejn il-patrun tagħhom Sant'Andrija Appostlu.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

# *Party għat-Tfal fi żmien il-Għid*









# Dun Renè Camilleri

## *Erbgħin sena fl-Għalqa tal-Mulej*

**Neil Zammit**



Il-President u l-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika *L'Unione* jifirħu lir-Rev. Dr Renè Camilleri f'għeluq l-erbgħin anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu.

Teologu u għalliem, imwieled Ħal Luqa fid-29 ta' Ottubru tal-1953, iben Tumas u Francesca née Ellul. Ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja ta' Ħal Luqa u wara kompla bl-istudji tiegħu fil-Liċeo u aktar tard fl-Università ta' Malta. Fil-21 ta' April, 1979 ġie ordnat saċerdot u kompla bl-istudji tiegħu ġewwa Ruma fejn kiseb id-Dottorat fit-Teoloġija Dommatika mill-Università Pontifiċja Gregorjana fl-1987. Ftit wara huwa nħatar lettur fl-Università ta' Malta u wara sar ukoll Kap tad-Dipartiment tat-Teoloġija fi ħdan l-istess Università. Serva bħala lettur tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta għal numru ta' snin, waqt li ħa sehem f'numru ta' konferenzi marbuta mat-Teoloġija, il-Formazzjoni tal-Lajċi u l-Media u ppublika numru ta' studji.

Huwa kien inħatar bħala Delegat tal-Arċisqof għall-Katekeżi mill-Arċisqof Pawl Cremona O.P., kif ukoll Vigarju Episkopali għall-Evanġelizzazzjoni fi ħdan l-Arċidjoċesi ta' Malta mill-Arċisqof preżenti Mons. Charles J. Scicluna, iżda kellu jtemm dawn il-karigi minħabba raġunijiet diversi. Għal numru ta' snin ta s-servizz tiegħu fil-parroċċa ta' Ħal Luqa u kien ta' għajnuna pastorali għall-membri tal-kleru u l-parruċċani.

Inroddulu ħajr għal dak kollu li wettaq b'risq il-komunità parrokkjali ta' Ħal Luqa u l-Knisja f'Malta, filwaqt li nwegħduh it-talb tagħna lkoll.

# Preżentazzjonijiet mill-festa tas-sena l-oħra …



















# L-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca

## *Maħtura President Onorarju tas-Soċjetà L'Unione*

**Neil Zammit**

Fis-Seduta Ġenerali li għaddiet, il-Kumitat Ċentrali flimkien mal-membri kollha preżenti unanimament qablu mal-mozzjoni mressqa sabiex l-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca tinħatar bħala President Onorarju tas-Soċjetà *L'Unione* ta' Ħal Luqa. Dan bħala rikonoxximent u ringrazzjament tal-ħbiberija u r-rispett li hija dejjem kellha lejn is-Soċjetà tagħna u l-membri fi ħdanha.

Il-Kumitat għaldaqstant irodd ħajr pubblikament lis-Sinjura Coleiro Preca, President Emeritu ta' Malta, għax-xogħol fejjiedi li hija wettqet tul il-presidenza tagħha. Kienu ħames snin ikkaratterizzati minn enerġija pożittiva favur dawk l-aktar vulnerabbli u dawk kollha li b'xi mod jew ieħor ħassewhom emarġinati mis-soċjetà. Ħames snin ta' avvenimenti li ħallew marka fl-istorja ta' pajjiżna. Mhux anqas ħallew ukoll marka fl-istorja tas-Soċjetà tagħna, għax dejjem sibna l-bieb miftuħ kull meta kellna bżonn xi għajnuna sabiex inkomplu b'ħidmitna b'risq il-kultura f'pajjiżna.

Ta' dan kollu inroddulha ħajr mill-qalb u nawgurawlha aktar snin ta' ħidma b'risq il-poplu Malti u Għawdxi. Grazzi Eċċellenza!





# Vokazzjoni Museumina

**Benyon Borg**

Il-vokazzjoni Museumina bħal kull vokazzjoni oħra mhijiex xi ħaġa li tiddeċidiha mil-lum għal għada imma hemm bżonn li wieħed jaħseb, jitlob u jiddixxerni sewwa fuqha. Din nistgħu nqabbluha ma' siġra żgħira li tiġi miżrugħa fi ġnien. Din biex tista' tkompli tikber għandha bżonn lil min jieħu ħsiebha; isaqqiha, jiżborha, eċċ. Imma biex tikber u tagħmel il-frott hemm bżonn li din tniżżel l-għeruq tagħha fil-fond.

L-istess nista' ngħid fuq il-vokazzjoni tiegħi. Minn meta kont żgħir bdejt nattendi fil-Qasam tal-MUSEUM ta' Ħal-Luqa u rċivejt it-tagħlim u l-formazzjoni minn soċji li għarfu din il-vokazzjoni u kienu jgħixuha. Għalhekk jien stajt nitgħallem minnhom permezz tal-eżempju tajjeb tagħhom. Soċju partikolari li ħalla marka fija u li għinni nagħraf iktar din il-vokazzjoni Museumina huwa s-soċju Tuse' Mallia.



Meta kont tiltaqa' miegħu dejjem kont tarah b'dik it-tbissima fuq wiċċu u li għalkemm kien diġà kbir fl-età, kont tara fih entużjażmu kbir daqs li kieku qiegħed tara quddiemek xi persuna żagħżugħa. Minkejja d-diffikultajiet u problemi li kien jgħaddi minnhom dejjem kont tarah lest li jagħti d-daqqa t'id tiegħu u dan mhux jien biss nista' nixhdu, imma anke tfal, żgħażagħ, adulti u soċji li kellhom il-grazzja li jiltaqgħu ma' Tuse'.

Niftakar meta s-Superjur ġie fuqi u staqsini jekk xtaqtx nilħaq kandidat, it-tweġiba ma kienetx faċli imma niftakar li kont aċċettajt. Minn hawn bdiet l-esperjenza tiegħi bħala kandidat fejn komplejt nirċievi l-formazzjoni permezz tal-Kors tar-Responsorju. Dawn huma laqgħat ta' kull nhar ta' Sibt, fejn flimkien ma' kandidati minn oqsma oħra madwar Malta stajna flimkien naqsmu u nitgħallmu flimkien aktar dwar din il-vokazzjoni Museumina.

Kienu ħames snin li għinuni nkompli niddixxerni biex nagħraf verament dak li Alla qiegħed isejjaħli għalih. Żewġ esperjenzi matul dan il-kors tar-Responsorju li għinuni ħafna nikber f'din il-vokazzjoni kienu meta għamilt sitt ġimgħat flimkien mal-Qasam taż-Żurrieq u tliet ġimgħat fl-Oqsma ta' Korçe u Durres ġewwa l-Albanija; esperjenzi li

għinuni nagħraf li din il-vokazzjoni titlob ukoll li taċċetta dak li s-Soċjetà Museumina tkun qiegħda titlob minnek, anke li tħalli raħal twelidek biex tmur f'oqsma oħra madwar Malta u anke barra minn Malta. Minn Ħal Luqa għandha s-soċju John Micallef, li huwa d-Delegat tas-Superjur Ġenerali għall-oqsma tal-Awstralja, li ħalla Malta biex jaqdi l-ħidma tiegħu ġewwa l-Awstralja. Għalhekk tajjeb li niftakru fih ukoll fit-talb tagħna.



Meta nħares lura u niftakar dwar x'wassalni biex ninkorpora fis-Soċjetà Museumina f'moħħi tiġini s-sentenza tal-Fundatur tagħna San Ġorġ Preċa li bħala soċji ġodda konna għażilna għall-inkorporazzjoni tagħna li tgħid hekk: "Nipproponu li noffru bil-gost kollu lilna nfusna lil Alla".

Għalhekk biex nikkonkludi nixtieq naqsam magħkom dan il-ħsieb li għinni nagħraf u naċċetta dak li Alla kien qiegħed isejjaħli għalih. L-ewwel raġuni hija li ħassejt li Alla li kien qiegħed isejjaħli għal missjoni tant sabiħa. Missjoni li jafda f'idi l-formazzjoni ta' tant tfal u adoloxxenti li huma fil-kura tiegħi. U allura kien Alla li sejjaħli; li għażilni. It-tieni raġuni hija li Alla għinni nagħraf is-sabiħ ta' din il-vokazzjoni li nkun mdawwar b'tant tfal li mqar il-preżenża tagħhom iġġib ħafna ferħ u entużjażmu fil-qasam. Sempliċi tbissima ta' tifel kapaċi tnessi d-diffikultajiet li tkun iltqajt magħhom matul il-ġurnata. Fl-aħħar nirringrazzja l'Alla ta' diversi persuni li Huwa tani biex jissapportjawni matul din il-vokazzjoni. Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lil familjari, soċji, ħbieb u diversi persuni oħra li kienu t'għajnuna biex nagħraf din is-sejħa u biex inkompli nwettaq l-missjoni li Alla fdali f'idejja.

Filwaqt li minn qalbi f'isem is-soċji tal-Qasam ta' Ħal Luqa nawguraw l-festa tajba lil Ħal Luqin kollha, nitlobkom li żżommuna fit-talb tagħkom ħalli aktar żgħażagħ jagħrfu u jaċċettaw s-sejħa li Alla qiegħed jagħmlilhom u biex is-Soċjetà tal-MUSEUM tkompli twettaq il-ħidma tagħha kemm f'Malta u anke barra minn Malta.





*Messaġġ mill-*

# *Luqa Saint Andrew's Football Club*

**Andrea Chircop**

Għeżież ħbieb Ħalluqin,

Ninsab tassew onorat li f'isem il-klabb tar-raħal tagħna qiegħed niktbilkom dan il-messaġġ wara staġun tant impenjattiv u ta' suċċess.

Matul dan l-istaġun, grazzi għall-fiduċja tal-kumitat, erġajt ġejt inkarigat sabiex immexxi lit-tim tal-*minors* u nassisti lill-kowċ tat-tim tal-kbar. Kienet sena b'ħafna ostakli, iżda xejn ma qatgħalna qalbna u minkejja xi diżappunti li stajna evitajna, għall-grazzja t'Alla, xorta irnexxilna nispiċċaw l-istaġun bl-objettivi milħuqa. F'dan l-istaġun, it-tim tal-*minors* rebaħ 17 minn 18-il logħba u tilef logħba waħda biss, biex b'hekk rebaħ il-kampjonat u ġie promoss għal Sezzjoni Ċ. Sa mill-ewwel sessjonijiet ta' taħriġ, il-players urew li se jaħdmu għal dan l-objettiv u r-rebħ konvinċenti fl-ewwel logħbiet komplew juru li dan l-objettiv seta' jintlaħaq.

Objettiv milħuq ieħor għall-klabb tagħna kien li għat-tieni sena konsekuttiva, it-tim tal-kbar irnexxielu jżomm postu fit-tieni diviżjoni. Għat-tielet staġun konsekuttiv it-tim tal-kbar beda l-istaġun taħt it-tmexxija tal-kowċ Iro Curmi, fejn kompla jaħdem fuq dak li bena mal-kumitat fl-aħħar staġuni. Fl-aħħar tmien logħbiet, it-tim għadda taħt it-tmexxija tal-*headcoach* tan-*nursery* Johan Micallef, li kompla ma dak li beda kowċ Iro u bis-saħħa tal-punti miksuba grazzi għat-tmexxija ta' dawn iż-żewġ kowċis, it-tim tal-kbar reġa' assigura postu fit-tieni diviżjoni. Kienet ġlieda missielta sal-aħħar logħba, iżda dak li sa ftit ġimgħat qabel deher impossibbli, sar possibbli meta b'punt miksub fl-aħħar logħba kontra Żabbar, it-tim assigura postu. Dawn kienu żewġ objettivi li ntlaħqu u tawna sodisfazzjon u pjaċir, iżda l-akbar tragward li żgur kompla jagħmilna kburin tul dan l-istaġun kien li komplejna naraw kontinwazzjoni ta' plejers mit-timijiet tan-*nursery* u l-*minors* tagħna għal mat-tim tal-kbar b'ħafna minnhom ikunu fost l-aktar plejers protagonisti tal-istaġun. Dawn it-tragwardi kollha jawguraw tajjeb għall-futur tal-klabb ta' raħalna.

Minn qalbi f'ismi, f'isem sħabi, l-*coaches, technical staff*, plejers u fuq kollox il-President u l-Kumitat tal-klabb tagħna nixtieq nirringrazzja lilkom il-Ħalluqin tas-sapport li tagħtuna u nawguralkom il-festa t-tajba. Grazzi lil kulħadd!



*Kelmtejn mill-*

# *Luqa Youth Nursery*

Matul din l-aħħar sena, il-Luqa Youth Nursery kompliet tibni fuq is-suċċessi li kisbet matul is-snin ta' qabel. Aħna li aħna involuti fin-Nursery ma nkejlux is-suċċess b'kemm nirbħu logħob, jew tazzi. Aħna nkejklu s-suċċess meta naraw tfal u żgħażagħ jattendu għat-taħriġ u għal-logħob kemm ta' ħbiberija, kif ukoll kompettitivi b'mod regolari u b'mentalità fejn l-għan hu li nifirħu jekk nirbħu imma nkunu lesti nitgħallmu meta r-rebħ ma jasalx.

L-entużjażmu tat-tfal u ż-żgħażagħ flimkien mal-paċenzja tal-ġenituri u l-perseveranza tal-kowċis jimlew lilna l-amministraturi b'kuraġġ u b'determinazzjoni li dak li qegħdin naħdmu għalih qiegħed iħalli l-frott. Il-logħba tal-futbol, bħal sport ieħor, tgħallimna ħafna valuri: id-dixxiplina, naħsbu għall-ġid komuni, naħdmu f'tim, nirrispettaw lill-avversarji tagħna, u fuq kollox li meta l-affarijiet ma jiġux kif nixtiequ ngħollu rasna u għalkemm noħorġu telliefa nkunu tgħallimna l-lezzjonijiet li minnhom insaħħu l-karattru tagħna.

Din is-sena sar tibdil fis-set up tan-nursery. Lejn nofs l-istaġun il-Head Coach tan-nursery is-Sur Johan Micallef, ġie maħtur coach tat-tim tal-kbar filwaqt li s-Sur Rigers Ceka ġie maħtur bħala Head Coach ġdid. Inħass il-bżonn li biex jintlaħqu b'mod tajjeb is-sezzjonijiet mill-Under 11 l-isfel is-Sur Mark Said ikun maħtur Assistant Head Coach. Hekk kif itemm l-istaġun is-Sur Carmel Muscat inħatar Chairman sabiex ikompli fuq il-ħidma taċ-Chairman ta' qabel is-Sur Anthony Sciberras. Hawnhekk nixtiequ nirringrazzjaw lis-Sur Anthony Sciberras tal-ħidma fejjieda tiegħu fi ħdan il-Luqa Youth



Nursery u nawguraw lil dawn il-persuni u lil kull min hu involut fil-Luqa Youth Nursery, kull suċċess għall-istaġun li se jibda fi ftit tal-ġimgħat oħra.

In-nursery għandha bosta sezzjonijiet. Nibdew bil-grupp taż-żgħar, ABC – Agility Balance Coordination. Dawn jiltaqgħu darba fil-ġimgħa u l-għan ta' dan il-grupp hu li sa minn età żgħira, innisslu fit-tfal sens u attitudni pożittiva lejn l-attività fiżika. Warajhom hemm is-sezzjonijiet Under 7 u Under 9. Hawnhekk it-tfal jibdew jitħarrġu iżjed fit-teknika tal-ballun. Ikollhom taħriġ darbtejn fil-ġimgħa u minn żmien għal żmien b'mod regolari isiru logħbiet ta' ħbiberija. Imbagħad hemm is-sezzjonijiet Under 11 u Under 13 fejn ma' dawn it-tfal minbarra t-taħriġ fit-teknika tal-ballun jibdew jitgħallmu t-tattika tal-logħba. Dawn it-tfal ikollhom taħriġ tliet darbiet fil-ġimgħa u meta niġu għall-Under 13, minbarra logħbiet ta' ħbiberija organizzati mill-kowċis, ikollhom ukoll logħbiet kompettittivi. Il-logħob kompettittiv jintensifika għas-sezzjonjiet Under 15 u Under 17. Għaldaqstant dawn iż-żewġ grupp jiltaqgħu tliet darbiet fil-ġimgħa u xi drabi anke iżjed u jingħataw taħriġ individwali biex itejbu it-teknika bil-ballun, kif ukoll taħriġ bħala tim sabiex jissaħħu fit-tattika tal-logħba. Ma' dawn il-gruppi imbagħad isir enfażi fuq żvilupp fiżiku kif ukoll minn żmien għal żmien jingħataw lezzjonijiet minn nies professjonisti dwar dieta u stil ta' ħajja sana.

Minn żmien għal żmien in-Nursery torganizza attivitajiet soċjali għat-tfal u l-ġenituri. Insemmu l-Christmas gathering u l-Presentation Night. Din tal-aħħar issir fl-aħħar tal-istaġun. Matul din il-Presentation Night, in-Nursery tirringrazzja lill-plejers tagħha, kowċis, amministraturi u helpers, tal-istaġun li jkun għadu kif intemm. Matul is-sena ukoll jiġu organizzati tournaments fejn nurseries oħrajn ikunu mistiedna jilagħbu mat-tfal tagħna. Dan il-logħob isir jew il-Complex pitch, jew il-grawnd f'San Vinċenz. Dawn huma okkażjonijiet importanti kemm għat-tfal u anke l-kbar għax minnhom nkunu nafu fejn ninsabu bħala livell u x' hemm bżonn nirranġaw. Barra minn hekk in-Nursery tieħu ħsieb torganizza ġiti ta' futbol barra minn Malta. Matul is-Sajf 2018, is-sezzjoni Under 9 marru jagħmlu training camp Sqallija, filwaqt li s-sezzjoni Under 15 marru għal training camp Manchester. Minn dawn it-training camps kemm it-tfal kif ukoll il-kowċis ikollhom okkażjoni jitgħallmu aspetti differenti fil-logħba tal-futbol u jiġu lura b'iżjed esperjenza.

Matul is-Sajf imbagħad ikun organizzat is-Summer Camp fejn it-tfal jiltaqgħu darba fil-ġimgħa għal taħriġ. Din is-sena dan is-Summer Camp se jibda jkun kull nhar ta' Tlieta u se jibda fit-2 ta' Lulju 2019. Dan hu miftuħ għat-tfal li huma taħt it-13-il sena.

Niħdu din l-okkażjoni sabiex nirringrazzjaw lil kull min b'xi mod jew ieħor jgħin fil-Luqa Youth Nursery u nawguraw lil Ħal Luqin kollha l-Festa t-Tajba.

Viva Sant'Andrija.





# L-*Air Scouts* ta’ Ħal Luqa

**Mario H. Calleja**

Wasal Lulju u reġet waslet il-Festa tagħna. Ġejt mistieden għall-ewwel darba biex nikteb kelmtejn għal fuq dan il-ktejjeb tant interessanti li jiġi ppreparat mis-Soċjetà Filarmonika ‘L-Unjoni’ AD 1880. Ta’ din l-opportunità nirringrazzja lil-Kumitat kollu tas-Soċjetà u nifirħilhom tax-xogħol importanti li jagħmlu fir-raħal tagħna. Huwa pjaċir kbir tiegħi li ġejt mogħti din l-opportunità biex nigħid lill-qarrejja xi ħaġa fuq il-Grupp u x’inhuma l-miri tagħna.

Il-Grupp fil-fatt kien iffurmat xi snin ilu però minħabba ċirkostanzi li ma kinux fil-kontroll tagħna baqa’ żgħir fin-numru u ma kibirx daqskemm kien mistenni. F’Awwissu tal-2018 il-Grupp għadda f’idejn tmexxija ġdida u minnufieħ bdejna xogħol biex nippjanaw espansjoni fil-membri sew fin-numru u sew fl-etajiet. Illum għandna membri minn etajiet ta’ 6 snin sa 16-il sena, bniet u subien. Ħaġa li ħassejna li kellna nagħmlu



hu li nbiddlu l-kuluri tal-maktur *(scarf)* biex ikun aħmar u abjad, il-kuluri ta' Ħal Luqa. Komplejna billi organizzajna numru ta' attivitajiet ta' Scouting biex jikber it-tagħlim u l-prattika tal-membri tagħna. Għal membri l-kbar fl-età saru attivitajiet bħal Weekend Camp, Cookout waqt Night Hike u anke morna abseiling. Ma jistax jonqos li jsir ukoll Leadership Training biex nibdew nifformaw u nippreparaw il-membri tagħna għal ġejjieni u għal meta l-Grupp jibda jikber iżjed fin-numru.

Il-Grupp tagħna huwa speċjali għal fatt li huwa Grupp ta' Air Scouts u dan peress li r-raħal ta' Ħal Luqa huwa viċin tal-Ajruport Internazjonali ta' Malta. L-Iscouts barra li jitgħallmu skills essenzjali jiġu wkoll mgħallma suġġetti relatati direttament mal-ajru u infatti għandna ammont kbir ta' materjal li jintuża mill-*Air Cadets* tar-Royal Air Force. Barra minn hekk bħala Air Scouts il-membri tagħna jittieħdu għal attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ħafna mal-ajru u dawn jinkludu, żjarat l-Ajruport bħal pereżempju il-Control Tower u l-Air Traffic Control, żjara l-Aviation Museum f'Ta' Qali fejn hu maħsub li jkunu qed jitgħallmu aktar fuq l-istorja tal-Avjazzjoni Maltija u barra minn hekk jagħtu wkoll servizz lil dan il-Mużew. Żjarat oħra li għandna f'moħħna huma wkoll marbutin mal-industrija tal-avjazzjoni li f'pajjiżna qiegħda kulma tmur tikber.

Il-Grupp tagħna jifforma parti mill-Baden Powell Scouts Malta (BPSM) li hija affiljata mal-World Federation of Independent Scouts (WFIS). Bħalissa qed jieħu ħsieb il-Grupp is-Sur George Mangion li huwa ċ-Chief Scout u jien, is-sottoskritt, li għandi l-kariga ta' Training Commissioner. Aħna t-tnejn inservu fuq skala nazzjonali fil-BPSM imma ħassejna li għandna niddedikaw l-isforzi tagħna biex nibnu Grupp b'saħħtu ġewwa Ħal Luqa. Bejnietna għandna l-mira li fl-aħħar mill-aħħar, Ħal Luqa jkollu Grupp tal-Iscouts immexxi mil-Luqin stess u li jkun qed jagħti servizz liż-żgħażagħ tar-raħal u ta' madwaru ta' ċerta kwalità mhux komuni fid-dinja tal-Iscouts.

Biex nilħqu dawn il-miri, l-isfidi huma ħafna u sintendi waħda mill-iżjed importanti hija li hemm bżonn li nikbru fin-numru. Barra minn hekk, hemm bżonn li jkollna aktar għajnuna ta' adulti nisa jew irġiel minn tmintax-il sena 'l fuq. Hemm ħafna modi kif adult jista' jagħti sehemu, imma jekk jagħżel li jservi bħala Leader ikun irid jirċievi taħriġ neċessarju qabel ma jkun jista' jservi f'dan ir-rwol. Għaldaqstant min hu nteressat għandu jikkuntattjani fuq il-paġna Facebook "Luqa Baden Powell Air Scouts".

Ngħalaq billi nerġa' nirringrazzja lis-Soċjetà Filarmonika 'L-Unjoni' AD 1880 tal-ispazju li ġentilment ippermettew lil-Grupp. Jiena ċert li maż-żminijiet dan il-ktejjeb qiegħed isir mezz ta' referenza u storja mhux biss għas-soċjetà nnifisha imma wkoll għal-lokal kollu.

Nawgura lil-Luqin kollha l-Festa t-tajba mimlija ferħ u briju.



# Luqa Youth Centre

## *Iż-Żgħażagħ f'Ħal Luqa*

**Nicolette Aquilina**

Sena wara sena, il-bibien tal-Luqa Youth Centre jinfetħu kull ġimgħa, u ż-żgħażagħ li jagħmlu l-griżma jiġu milqugħa b'idejn miftuħin. Ukoll, fl-aħħar Ħadd ta' kull xahar fl-10.30am ikun hemm quddiesa għaż-żgħażagħ kollha tal-parroċċa biex inpoġġu flimkien.

**X'jiġri ċ-Ċentru?**

Il-laqgħat ta' informazzjoni ġenerali u formazzjoni spiritwali isiru fiċ-Ċentru Parrokkjali. Qabel kull laqgħa, nqattgħu għaxar minuti ta' talb u riflessjoni flimkien.

Barra minn hekk, daqs darba f'xahar ikun hemm xi tip ta' attività, fejn noħorġu barra miċ-Ċentru u ngawdu 'l xulxin f'ambjent differenti.

Dawn xi laqgħat u attivitajiet li saru fil-passat (u hemm ftit li jsiru ta' kull sena):



**Laqgħat: il-Ġimgħa fit-8.15pm**

Teamwork

Il-Fidi

L-Istorja ta' Ħal Luqa

Drogi
(fejn jiġu Pulizija jitkellmu fuq is-suġġett)

First Aid (fejn jiġu nurses)

Ċentrubank (Xarabank b'suġġetti
ta' diskussjoni għaż-żgħażagħ)

**Attivitajiet**

Weekend Live-in kull sena

Parties tal-Milied u Sajf

Dawra dgħajsa Kemmuna u Għawdex

Treasure Hunts

BBQs

Baħar

Nittamaw li naraw ħafna nies ġodda das-Sajf, hekk kif nippreparaw għal-Lejla Sajfija fl-24 t'Awwissu, lejl mimli briju, kant, żfin, reċtar, u l-ikel ma jonqosx!

Nifirħu liż-żagħżugħ **Nico Sciberras**
li ta' età żgħira rebaħ u kklassifika tajjeb
f'diversi kompetizzjonijiet lokali fl-isparar.

*Nawgurawlu aktar suċċess ...*





# Nawguraw il-ħidma t-tajba lis-Sindku u l-Kunsilliera kollha li ġew eletti f'Mejju 2019



## Ad Multos Annos

Il-President u l-Kumitat
tal-Filarmonika *L'Unione*
jifirħu lil

## Rev. Franco Fenech

fl-okkażjoni tal-25 anniversarju
mill-ordinazzjoni presbiterali
tiegħu

# Ad Multos Annos



Il-President u l-Kumitat
tal-Filarmonika *L'Unione*
jifirħu u jawguraw
lill-**Kan. Karm Camilleri**,
eks kappillan tal-Parroċċa
ta' Ħal Luqa,
fil-ħatra tiegħu
ta' Monsinjur tal-Katidral.

Nawgurawlu u nitolbu għalih.

Is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni
wriet il-qalb ġeneruża tagħha mal-Familja Theuma
wara l-inċident ikrah li ħakimhom is-sena l-oħra.

Grazzi għall-ġenerożità kbira tal-membri kollha
li kkontribwew għal dan il-għan nobbli.





# Tislima lil Frankie Ciappara

## *President Onorarju tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni*

**Neil Zammit**



Kien is-Sibt 23 ta' Ġunju 2018, meta b'niket u b'sogħba kbira tħabbret il-mewt ta' Frankie Ciappara, President Onorarju tas-Soċjetà. Huwa ħalla jibku t-telfa tiegħu lill-familjari kollha, ħbieb u membri tas-Soċjetà L-Unjoni.

Imwieled fl-1938, Frankie sa minn ċkunitu kellu inklinazzjoni speċjali lejn is-Soċjetà tagħna peress li missieru, Ġakbu serva bħala President tas-Soċjetà L-Unjoni bejn l-1947 u l-1949. Huwa żżewweġ u baqa' jgħix Ħal Luqa flimkien ma' martu Agnes u wliedhom James, Carmelino, Iren u Fiona. Frankie ġie elett fil-Kumitat tas-Soċjetà L-Unjoni għall-ewwel darba fl-1967 bħala membru. Matul is-snin, huwa okkupa diversi karigi fosthom dik ta' Assistent Kaxxier, Kuratur, Assistent Segraterju u spiċċa mill-kumitat bħala Viċi President fl-2003. F'din l-istess sena, huwa ġie maħtur bħala President Onorarju tas-Soċjetà bħala apprezzament għax-xogħol utli li wettaq b'risq is-Soċjetà tul dawn is-snin kollha. Frankie ħadem ħafna fil-każin u dejjem kont tarah imidd idu għal dak kollu li jkun hemm bżonn. Saħansitra, baqa' jgħin sal-aħħar fix-xogħol ta' manutenzjoni tal-każin. Kien jgħin ukoll fl-armar tal-festa, u minkejja l-età li kellu, xorta baqa' jagħmel l-almu kollu tiegħu sabiex ikun dejjem preżenti waqt li jkun qed jintrama l-armar kollu tal-pjazza. Sfortunatament, meta saħħtu bdiet tbatti, kellu jirtira minn dan kollu, iżda xorta baqa' jżomm l-appuntament annwali tiegħu sabiex waqt il-marċ ta' Sant'Andrija, itella' l-istatwa fuq il-pedestall tagħha permezz tal-mutur.

Minbarra l-impenn u l-ħidma kbira li wettaq għall-Każin L-Unjoni, huwa serva wkoll bħala Prokuratur tal-Fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura u għal zmien twil kien jieħu ħsieb jorganizza l-festa taċ-Ċintura. Fil-fatt huwa kien l-aħħar prokuratur tal-fratellanza qabel il-beni tagħha għaddew f'idejn l-amministrazzjoni tal-Knisja.

Kien għalhekk xieraq illi proprju nhar it-Tnejn 25 ta' Ġunju 2018 wara nofsinhar, il-Banda L-Unjoni ħadet sehem fil-korteo funebri b'daqq ta' marċi funebri bħala tislima u

apprezzament lil Frankie Ciappara. Għadd ta' membri u ħbieb tal-Filarmonika L-Unjoni attendew għall-funeral tiegħu sabiex jagħtuh l-aħħar tislima kif kien jixraqlu.

F'isem il-President u l-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni nagħtu l-kondoljanzi sinċiera lill-familja Ciappara.

*Agħtih O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem.*





# Tislima lil Patri Timotju Azzopardi O.Carm

**Raoul Briffa**



Nhar il-Ġimgħa l-Kbira, fid-19 ta' April tħabret il-mewt ta' Patri Timotju, religjuz iben il-Parroċċa tagħna. Timotju twieled ġewwa Ħal Luqa nhar it-13 ta' Ottubru, 1926. Wara li ġie edukat fl-iskola primarja tar-raħal, il-Kulleġġ De la Salle u l-iskola tal-Apprentisti fid-Dockyard, fl-1945 daħal fi hdan l-Ordni Karmelitana. Sena wara fl-1946 huwa pprofessa u ġie ordnat saċerdot fl-1952.

Fatt interesanti dwar Patri Timotju hu li kellu ħajra kbira għall-mużika, fejn kiseb Ċertifikat mill-London College of Music u mir-Royal School of Music ta' Londra. Kien akkwista l-liċenzja mill-Istitut Pontifiċju tal-Mużika Sagra ta' Ruma. Patri Timotju ġie maħtur bħala l-ewwel Kappillan tal-Parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu ġewwa l-Fgura, fl-1965 malli saret Parroċċa. Dam f'din il-kariga sas-sena 1979.

Dawn l-aħħar snin Patri Timotju kien residenti fid-Dar tal-Kleru, però xorta kien dejjem jattendi għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Parroċċa. Kien saċerdot ihobb it-tradizzjoni tal-knisja u dejjem ħabb il-Parroċċa tagħna u ra kif jagħti sehmu mill-aħjar li jista' minkejja l-età tiegħu.

Ingħatatlu l-aħħar tislima fil-Parroċċa tal-Fgura nhar it-Tlieta 23 ta' April.

F'isem il-President u l-kumitat tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni naghtu l-kondoljanzi lill-familja kollha tieghu u lil hutu r-religjuzi.

Strieħ fis-sliem.



# Tislima lil Carmelo Psaila

## *President Onorarju tal-Filarmonika L'Unione*

**Neil Zammit**



Nhar it-Tlieta 16 ta' Ottubru tħabbret il-mewt tas-Sur Carmelo Psaila minn Ħal Luqa. Għal diversi snin serva fil-Kumitat Ċentrali tas-Soċjetà *L'Unione* u kien pijunier fl-iżvilupp tal-armar tal-festa ad unur Sant'Andrija Appostlu.

Karmnu *is-So*, kif kien magħruf fostna, kien membru attiv tas-Soċjetà tagħna u ħadem sabiex jara l-festa ta' Sant'Andrija Appostlu timxi 'l quddiem f'dak li jirrigwarda l-armar. Fil-fatt, huwa kien wieħed mill-ewlenin li ta s-sehem tiegħu fil-ħidma u l-inawgurazzjoni tal-planċier artistiku ħamsin sena ilu. Aktar tard, huwa kien strumentali sabiex sar ħafna mill-armar li naraw illum fil-ġranet tal-festa, flimkien ma' membri ħabrieka oħra li ħallewna. Insemmu l-pilandri, it-trofej, il-pedestalli, il-kolonni u tant oħrajn. Karmnu kien kapaċi ħafna fl-irħamar, u baqa' magħruf mad-dilettanti tal-festi Maltin għall-irħamar sabiħ li kien jaf jagħmel.



F'isem il-President u l-Kumitat tal-Filarmonika *L'Unione* kif ukoll il-membri, nagħtu l-kondoljanzi sinċiera lill-familjari kollha, filwaqt li nitolbu għal ruħu sabiex issib il-mistrieħ ta' dejjem.

Grazzi ta' kollox Karm!



# Tislima lil Lino Cremona

## *Membru Onorarju tas-Soċjetà L'Unione*

**Neil Zammit**



Fl-24 ta' Marzu li għadda tħabbret il-mewt tas-Sur Lino Cremona, President Onorarju tas-Soċjetà *L'Unione*.

Imwieled il-Belt Valletta fl-1944, Lino kompla bil-ħbiberija reċiproka mas-Soċjetà tagħna u rabat ismu magħha flimkien ma' ħutu l-oħra fosthom l-Eċċ. Tiegħu Mons. Pawl Cremona O.P. għall-fatt illi l-antenat tiegħu Vincenzo Cremona kien wieħed mill-fundaturi u t-tieni President tal-Filarmonika *L'Unione* fis-seklu dsatax.

Għaldaqstant, biex tibqa' mfakkra din ir-rabta storika bejn il-familja Cremona u s-Soċjetà *L'Unione*, Lino flimkien ma' ħutu kienu irregalaw bust ta' Vincenzo Cremona lura fl-2007, xogħol il-mibki artist Joseph Chetcuti. Dan il-bust ġie mbierek minn Mons. Arċisqof Cremona fil-preżenza tal-ġenituri tiegħu u ħutu l-oħra. Tassew li dan il-ġest sabiħ se jibqa' mfakkar għal kemm itul iż-żmien.




Filwaqt li nitolbu għal ruħu u nagħtu l-kondoljanzi profondi lill-qraba u l-familjari kollha, inroddulu ħajr pubblikament għal darb'oħra ta' dak kollu li għamel b'risq is-Soċjetà tagħna.

Grazzi Lino!



# Renzo Gauci

## *Tislima lil Artist u Ħabib ...*

**Neil Zammit**



Mhux faċli tikteb fuq xi ħadd li kont taf, meta konxju illi mhux se terġa' tara b'għajnejk. Iżda trid jew ma tridx, dik hi r-realtà tal-ħajja u kulħadd hu msejjaħ sabiex jerfa' salibu u jterraq fi triqtu. Bħala Nsara mgħammdin fi Kristu nemmnu illi wara din il-ħajja hemm xi ħaġa oħra, xi forma ta' ħajja oħra, tant li waqt li nkunu hawn f'din id-dinja rridu naħdmu sabiex dak li jiġi wara l-mewt ikun aħjar. Hekk għamel seħibna Renzo, li l-Mulej għoġbu jsejjaħlu f'Settembru li għadda wara marda qalila. Ħalla jibku warajh lil bosta familjari, ħbieb u 'l dawk kollha li bħalu jħobbu l-patrimonju artistiku-reliġjuż ta' pajjiżna.



Lil Renzo ilni nafu s-snin. Kont għadni student fl-Università ta' Malta meta ltqajt għall-ewwel darba miegħu fl-*istudio* li kellu biswit id-dar ġewwa Ħal Tarxien. Niftakar kont mort inkellmu sabiex jaħdimli sett vari tal-Ġimgħa l-Kbira replika fuq ta' Ħal Luqa. Ma qallix le, u minn hemm bdiet triq twila li sfortunatament ma kellhiex tintemm. Renzo kien ħadem ħafna għall-knisja ta' Ħal Luqa u l-Każin *L'Unione*. Fost l-oħrajn huwa kien ġie nkarigat sabiex jirrestawra jew jibdel ħafna mill-vari tal-Ġimgha l-Kbira kif ukoll sett ta' erba' evanġelisti li jżejnu z-zuntier tal-knisja fil-jiem tal-festa.

Iżda apparti dan kollu, kull meta kont immur għandu, ta' spiss konna nqattgħu





ħafna mill-ħin nitkellmu fuq il-knisja tagħna u s-sbuħija tagħha. Kien jaffaxxina ruħu bl-arkitettura tagħha u l-opri li jżejnuha. Kien jinteressa ruħu ħafna fl-arti li ħallew ta' qabilna. Kont tieħu gost titkellem miegħu u kien jistaqsi ħafna dwar x'qed nagħmlu. B'dik in-nofs daħka fuq fommu, qabel inħallu lil xulxin, kien jawgura sabiex inkomplu b'din il-ħidma tagħna ħalli nsebbħu l-knisja dejjem aktar.

Dawn l-inkontri sbieħ kellhom jieqfu ħesrem minħabba l-mard li ħakmu. Wara ġimgħat sħaħ l-isptar jissielet għal ħajtu, ġriet l-aħbar li kien ħalliena. Tlifna artist umli u ħabib. Tlifna mgħallem bravu. Malta tilfet wieħed minn uliedha li tassew għamlilha ġieħ bl-arti tiegħu.

Filwaqt li niftakru fih fit-talb tagħna, nagħtu l-kondoljanzi lil martu Anna, lil uliedu u l-familjari kollha. Il-memorja tiegħu tibqa' għal dejjem.

Strieħ fis-sliem ħabib…



# Obitwarju



**Salvu Scorfna**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fis-7 ta' Marzu 2018
fl-età ta' 77 sena.



**Frankie Ciappara**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fit-23 ta' Ġunju 2018
fl-età ta' 81 sena.



**John Buhagiar**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fit-30 ta' Ġunju 2018
fl-età ta' 72 sena.



**Andreana Micallef**
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fid-19 ta' Lulju 2018
fl-età ta' 51 sena.



**Joseph Seychell**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fl-4 ta' Awwissu 2018
fl-età ta' 79 sena.



**Anthony Coleiro**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fit-22 t'Awwissu 2018
fl-età ta' 81 sena.



**Carmelo Psaila**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fit-16 ta' Ottubru 2018
fl-età ta' 89 sena.



**Nazzareno Zammit**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fit-18 ta' Novembru 2018
fl-età ta' 76 sena.



**Maria Dolores Bajada**
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fis-7 ta' Diċembru 2018
fl-età ta' 81 sena.



**Ċettina Camilleri**
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fis-26 ta' Diċembru 2018
fl-età ta' 62 sena.



**Melita Psaila**
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fit-2 ta' Jannar 2019
fl-età ta' 84 sena.



**Emanuela Bonnici**
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fil-31 ta' Jannar 2019
fl-età ta' 87 sena.



**Charlie Vassallo**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fl-14 ta' frar 2019
fl-età ta' 67 sena.



**P.P. Theuma**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fl-25 ta' Frar 2019
fl-età ta' 96 sena.



**Joseph Farrugia**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fl-1 ta' Marzu 2019
fl-età ta' 69 sena.



**Nelly Briffa**
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fl-1 ta' Marzu 2019
fl-età ta' 83 sena.



**Giovanna Zahra**
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fid-19 ta' April 2019
fl-età ta' 92 sena.



**Emmanuele Damato**
li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fit-23 t'April 2019
fl-età ta' 86 sena.



**Giovanna Brincat**
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fl-14 ta' Ġunju 2019
fl-età ta' 75 sena.



# Sant'Andrija

**Gertrude Gerada**

Waslet il-festa tagħna
Ta' Sant'Andrija l-qaddis
Aħna l-Ħalluqin
Bih aħna mkabbrin.

Sant'Andrija qaddis kbir
Dejjem mexa wara Ġesù
Kien sajjied jaqbad il-ħut
Għamlu sajjied għalina l-midinbin.

Sant'Andrija dejjem prietka seewa
U lil kulħadd jieħu bil-ħlewwa
Kellu nies kontra tiegħu
Imma l-Mulej dejjem kien miegħu.

Sant'Andrija ħa martirju kbir
Neżżgħuh u sawtuh
Ħa passjoni bħall-Mulej
Għax fuq salib miet bħall-Feddej.

Sant'Andrija dejjem jgħallem is-sewwa
U kkonverta ħafna nies
Kien jgħallem l-verità
U ħaduha kontra tiegħu bis-serjetà.

Għandna qaddis kbir
Ħal Luqa mkabbrin bih
Lilu nagħtu kull ġieħ
U fiduċja kbira għandna għalih.

Lilu nagħmlu festa kbira
Bil-banda u l-isparar
Minn fejn jgħaddi jżejjen triq
U toroq kollha mixgħulin għalih.

Folla kbira fil-festa jkun haw'
Nies jiġu minn kullimkien
Jiġu anke l-ġirien
U l-festa m'hawn bħalha mkien.

Għandna żewġ baned
Idoqqu u jferrħu lil kulħadd
Inżejnu t-toroq kollha
Pjaċir in-nies tieħu u b'ħafna folla.

It-toroq kollha mżejnin
Bil-pavaljuni u mixgħulin
Minn fejn jgħaddi jżejjen triq
Avolja raġel xiħ.

Il-knisja mżejna b'damask sabiħ
It-toroq imżejnin ukoll
Għandna żewġ każini kbar sbieħ
U festa nagħmlulu minnufih.

Il-patrun tagħna għandu mħabba kbira
Festa nagħmlulu ġo din il-gżira
Bil-marċi u nar indawruh
U ċapċip kbir aħna nagħtuh.

Mela viva l-patrun tagħna
Festa kbira nagħmlulu
U minn qiegħ qalbna nsellmulu.



# Min irreklama f’din il-pubblikazzjoni


Advent Lift Services Ltd ... 24
AG Waterproofing ... 36
Alfred Baldacchino Ltd ... 82
Andrew’s Car Centre ... 52
Atomic Garage ... 108
B&G Hardware Store ... 46
Beauty Elegance ... 40
Bernard ta’ Twanny tal-Ħaxix ... 22
Big Save Footwear ... 30
Borg Bros ... 58
BOV ... 56
Brightside Band ... 224
C&H Bartoli ... 156
Carly’s ... 108
Cassarini Restaurant ... 48
Centre Stage ... 88
Cheveux Classique ... 148
City Sightseeing Malta Ltd ... 56
Computer Bargains ... 110
Construct Furniture ... 12
Curtain Raiser ... 64
Dalton's Chauffeur Services ... 68
Daniel Woodworks ... 130
Dar Services Ltd ... 16
DermaMia ... 84
Dione Mini Bus Service ... 10
DLEDS ... 36
Elbros ... 152
Emmanuel Cauchi - Photographer ... 78
Emmanuel Gatt ... 100
Emtes Stationery ... 116
eretric ltd ... 20
FGP - The Garage Door People ... 128
Flower Touch ... 70
Frankie Green Grocer ... 86
G. Darmanin Service Station ... 218
Gauci Borda & Co. Ltd ... 14
Gori Butcher ... 48
Gutz Fashion ... 66
Henry Galea ... 204
Horace Enterprises ... 152
Husyl Household ... 102
Hygrade Butcher ... 116
J. Cassar Aluminium ... 50
J.B. Concrete Mix ... 150
J.B. Glass Work ... 104
J&S Store ... 130
Jake’s Chair & Tables ... 18
James Agius Woodworks Ltd ... 98
Jane’s Hair Salon ... 100
Jerry’s Silencer Repairs ... 132
Jessie Café ... 218
Josef Penza ... 70
Karavan ... 22
Karmnu tal-Ħaxix ... 103
Kenda Roofing and Waterproofing ... 94
Lawrence Cassar Ltd ... inside back
Lorenza Bazaar ... 141
Luqa St. Andrew’s FC Youth Nursery ... 28
Luxury Soap ... 30
M. Cauchi Hardware Store ... 86
Magri Autocare ... 54
Malcolm Mifsud - Funeral Services ... 32
Marbel Innovation ... 208
Marindex Trophies ... 183
Mark’s Garage ... 132
Massa Handyman Service ... 60
Mażini ... 136
MG ... 32
Muftieħ ... 84
Nardu tal-Ħaxix ... 136
O.K. Bar ... 34
Pac Man’s Take Away ... 42
Palazzo Preca ... 222
Paperway Stationery ... 131
Paul Scorfna - Funeral Services ... 44
Paul's Store ... 220
Philip Agius & Sons Ltd ... 26
Phoenicia Bar & Take Away ... 14
Phone Booth ... 110
Rosy’s Unisex Salon ... 150
S&L Import & Export Ltd ... 135
Santa Marija Service Station ... 144
Sefora’s Nail Tech ... 114
Siljoe garage ... 79
Silvercraft Products Ltd ... 82
Six Bar ... 148
Starting Point ... 67
Stephen Mini Market ... 114
Storm ... 88
Sunicrust Bakery ... 208
T. Spiteri Mini Ready-Mix ... 10
Ta’ Matti ... 26
Tahabel Ltd ... 139
Take Off Bar & Restaurant ... 18
Tal-Familja Restaurant ... 207
Tal-Parrina Confectionery ... 52
TEC Malta ... 72
Telstar Butcher ... inside front
Tesor ... 24
The Convenience Shop ... 128
The Core - Beauty & Wellbeing ... 204
The Everything Wedding Organizer ... 78
The Gallery ... 184
The GoodFellas Pizza & Grill ... 93
The X Zone ... 92
Thermaseal Limited ... 47
Thomas Smith ... 4
Two 9 Six ... 102
V. Spiteri & Sons Ltd ... 38
Vigo ... 144
Vison 2000 ... 72
Welcome Bar & Grill ... 76
Yo Bet It ... 224
Zneiber ... 104